# ĠABRA TA' QUDDIES F'ĠIEH IL-VERĠNI MARIJA

# LEZZJONARJU

Kummissjoni Liturġika
1987

**Ta' Pinu National Shrine,**
Ta' Pinu Street,
Gharb Gozo,
GRB 1704 Malta

Stampat fl-istamperija "Il-Ħajja", Blata l-Bajda

KONGREGAZZJONI TAL-KULT DIVIN

# DIGRIET

Il-Knisja hija u tiċċelebra l-misteru ta' Kristu, spiss tfakkar bil-qima kollha lill-Verġni Mqaddsa Marija, marbuta b'mod hekk ta' l-għaġeb ma' Binha: tfakkar il-mara l-ġdida li ġiet mifdija b'mod mill-aktar għoli sa mit-tnissil tagħha, bil-merti tal-mewt ta' Kristu magħrufin minn qabel; l-omm li bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu nis-slet Iben bla ma ttiefset xbubitha; id-dixxiplu li f'qalbha dejjem għożżot kliem l-Imgħallem; is-sieħba tal-Feddej li, skond il-pjan ta' Alla, iddedikat ruħha b'ġenerożità mill-akbar għall-ħidma ta' Binha.

Fil-Verġni Marija l-Knisja tara wkoll membru mill-aqwa u singulari tagħha, imżejna b'kotra ta' virtujiet; turi mħabba kollha tjieba lejn din l-Omm Verġni li, minn fuq l-artal tas-salib, Kristu ried jafdalha bħala Ommha, u bla heda titlob il-ħarsien tagħha; tistqarrha bħala sieħba u oħt fil-mixja tal-fidi u fit-tiġrib tal-ħajja; f'din il-Verġni mbierka li ġà qiegħda fis-saltna tas-sema ħdejn Binha, bil-ferħ kollu l-Knisja tikkontempla x-xbieha ta' dak li għad tkun fil-glorja ta' dejjem.

Wara li l-isqfijiet, miġburin flimkien fil-Konċilju Vatikan II, għarblu aktar fil-fond it-tagħlim dwar il-Verġni Mqaddsa Marija fil-misteru ta' Kristu u l-Knisja, u taw prinċipji u normi dwar it-tiġdid tal-Liturġija, il-Knejjes lokali u ħafna Istituti reliġjużi ġeddu l-**Propria Missarum** tagħhom, billi konsultaw dokumenti liturġiċi tal-imgħoddi, qisu l-kitba ta' Missirijiet il-Knisja sew tal-lvant u sew tal-punent, raw x'inhu t-tagħlim tal-maġisteru tal-Knisja, u hekk, bil-għaqal u l-għerf kollu, għaqdu flimkien il-ġdid mal-qadim. B'din il-ħidma ta' tiġdid il-Quddisiet ukoll f'ġieh il-Verġni Marija ġew imġedda bil-għaqal kollu, jew korretti, jew ukoll miktubin mill-ġdid.

Għalhekk wara talbiet li saru minn ħafna isqfijiet u nsara u l-aktar mir-retturi tas-santwarji Marjani, deher li jkun jaqbel li ssir għażla minn dawn il-formularji ta' Quddies, mimlijin tagħlim, kollha tjieba u f'waqthom għaż-żmien ta' llum, u l-formularji li jintgħażlu jiġu pubblikati flimkien u mqassmin ma' tul is-sena biex b'dan il-mezz liturġiku wkoll tiġi 'l quddiem id-devozzjoni vera ta' kull komunità u ta' kull nisrani lejn il-Verġni Mqaddsa Marija.

Din il-**Ġabra ta' Quddies f'ġieh il-Verġni Mqaddsa Marija**, li hi qiesha Appendici għall-Missal Ruman, ġiet approvata mill-Papa

Ġwann Pawlu II bl-awtorità Appostolika tiegħu, u ordna li tiġi pubblikata.

Għalhekk din il-Kongregazzjoni tal-Kult Divin, b'ordni speċjali ta' l-istess Papa, qiegħda tippubblika bil-Latin din il-**Ġabra ta' Quddies f'ġieh il-Verġni Mqaddsa Marija**, u tista' tibda tintuża malli toħroġ; din l-istess **Ġabra**, maqluba fl-ilsna ta' llum, wara li t-traduzzjoni tkun ġiet mistħarrġa mis-Sede Appostolika, tsita' tibda tintuża mill-jum li jiġi ffissat mill-Konferenzi Episkopali.

Kull ma hu kuntrarju għal dan id-digriet ma jnaqqas xejn minn dak li jingħad fih.

Mogħti Ruma, mis-sede tal-Kongregazzjoni għall-Kult Divin, 15 ta' Awissu, 1987, f'jum is-solennità tat-Tlugħ fis-sema tal-Verġni Mqaddsa Marija.

Augustinus Card. Mayer
Prefett

† Vergilius Noe
Arċisqof tit. ta' Voncaria
Segretarju

# TAGĦRIF TA' QABEL DWAR IL-LEZZJONARJU

1. Fit-tagħrif ta' qabel ta' l-**Ordo Lectionum Missae** insibu ħafna tagħrif dwar l-importanza tal-Kelma ta' Alla fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, tagħrif li wieħed għandu jistudja b'mod xieraq bl-attenzjoni kollha[1]. Dan it-tagħrif kollu — kif jixraq — għandu jitqies ukoll sewwa fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddies tal-Madonna.

## 1. Il-Kelma ta' Alla fil-formularja tal-"Ġabra"

2. L-għan speċjali ta' kull ċelebrazzjoni liturġika jintwera u jitfisser kemm mit-talb u kemm mill-qari li jsir. Minn hawn naraw għaliex sa minn dejjem kien hemm attenzjoni kbira fl-għażla tal-qari mill-Kotba Mqaddsa; minn dan ukoll naraw għaliex kull formularju tal-"Ġabra" għandu skema għalih ta' qari għaċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Kelma.

3. Il-qari mill-Iskrittura tal-**Ġabra ta' Quddies f'ġieh il-Verġni Mqaddsa Marija** jiffurmaw repertorju kbir u varjat ta' qari li ssawwar tul iż-żminijiet fi ħdan il-komunitajiet ekklesjali tal-imgħoddi u ta' llum.

F'dan ir-repertorju bibliku għandna nsibu tliet suriet ta' qari:

a) qari kemm mit-Testment il-Qadim u kemm mit-Testment il-Ġdid li jħabbar il-ħajja jew il-missjoni tal-Verġni Marija jew ixandar il-profeziji dwarha;

b) qari mit-Testment il-Qadim li sa minn dejjem kien applikat għall-Verġni Marija. Missirijiet il-Knisja dejjem qisu l-Kotba Mqaddsa kollha, kemm dawk tat-Testment il-Qadim u kemm dawk tat-Testment il-Ġdid, bħala Ktieb wieħed mimli bil-misteru ta' Kristu u tal-Knisja[2]. Għalhekk xi ġrajjiet, xbihat u simboli tat-Testment il-Qadim iħabbru u jfakkru b'mod tal-għaġeb il-ħajja u l-missjoni tal-Verġni Marija, il-bint glorjuża ta' Sijon u Omm Kristu;

c) qari mit-Testment il-Ġdid li ma jsemmix il-Verġni Marija, imma ntgħażel għat-tifkira tagħha biex juri li fiha, l-ewwel u l-aqwa dixxiplu tal-Mulej, kienu jiddu l-virtujiet li l-Evanġelju jfaħħar: il-fidi, l-imħabba, it-tama, l-umiltà, il-ħniena, is-safa tal-qalb.

4. Dwar il-qari li hemm assenjat għal kull formularju tal-"Ġabra" ngħidu dan:

a) hemm biss żewġ lezzjonijiet, waħda mit-Testment il-Qadim jew mill-Appostlu (jiġifieri mill-ittri jew mill-Apokalissi), u

1. Ara Ordo Lectionum Missae, Editio typica altera, Libreria Editrice Vaticana, 1981, *Prawnotanda*, nn. 1-10, pp. xiii-xvii.
2. San Gawdenz ta' Brescia, *Tractatus II in Exodum*, 15: CSEL 68, pp. 26-26.

fi żmien il-Għid, mill-Atti ta' l-Appostli jew l-Apokalissi, u l-oħra mill-Evanġelju. Iżda għaliex il-misteru li jkun qed jiġi ċelebrat, jista' jitqies minn ħafna aspetti, spiss, kemm għall-ewwel lezzjoni u kemm għall-Evanġelju, hemm tnejn jew tliet siltiet, biex tingħażel waħda, **ad libitum**. Xi kull tant ukoll għall-Quddiesa waħda hemm żewġ serji sħaħ ta' qari;

c) iżda jekk għal xi ċelebrazzjoni speċjali aktar solenni, is-saċerdot u l-fidili jixtiequ li jkun hemm tliet lezzjonijiet, il-lezzjoni li tiżdied għandha tittieħed jew mill-qari li hemm għall-**Komun tal-Madonna** jew mil-lezzjonijiet li hemm fl-Appendiċi ta' dan il-**lezzjonarju**, iżda wieħed irid dejjem iħares dak li hemm fit-tagħrif ta' qabel fl-**Ordni għall-Qari tal-Quddiesa** nn78-81 (Normi dwar l-użu tal-Ordni tal-Qari);

c) il-qari li fil-"Ġabra" hemm indikat għal kull formularju, ġeneralment hu dak l-aktar adatt għat-tifkira li l-formularju jkun qed jiċċelebra, iżda s-saċerdot li jqaddes jista' jagħżel qari ieħor, jekk jidhirlu li hu aktar adatt, mill-**Komun tal-Madonna** jew mill-Appendiċi ta' dan il-**Lezzjonarju**[3].

5. Dwar il-Liturġija tal-Kelma wieħed għandu jħares dan li ġej:

a) fi żmien l-Avvent, il-Milied, ir-Randan u l-Għid, biex ma titħarbatx **il-lectio continua** tal-Iskrittura jew biex ma jiġux imwarrbin ta' spiss lezzjonijiet li juru sewwa l-karattru taż-żmien liturġiku li jkun, għandhom jinqraw il-lezzjonijiet li hemm fil-Lezzjonarju ferjali taż-żmien li jkun. Iżda jekk iċ-ċelebrazzjoni se jkollha karattru ta' **festa** jew ta' **solennità** jista' jintuża l-qari li hemm f'dan il-**Lezzjonarju**[4];

b) fiż-żmien matul is-sena ċ-ċelebrant, flimkien mal-ministri u ma' l-oħrajn kollha li se jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni, min-għajr ma jħalli barra l-fidili[5], jid-deċiedi jaqrax il-lezzjonijiet tal-"Ġabra" jew dawk tal-Lezzjonarju ferjali.

## 2. Il-Verġni Marija xbieha tal-Knisja hija u tisma' l-Kelma ta' Alla

6. Il-Knisja li waqt il-Quddies hija u tħabbar il-Kelma ta' Alla, turiha l-ġieħ kollu li tista' tagħti l-liturġija, spiss twissi lill-insara biex "jagħmlu l-kelma u mhux jisimgħuha biss" (Ġak 1,22) u hekk iqarrqu bihom infushom. Għax il-Mulej igħid: 'hienja dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jħarsuha" (Lq 11, 28).

7. Tul iż-żminijiet kien hemm ħafna qaddisin dixxipli tal-Mulej li ħabbew b'imħabba liema bħalha l-Kelma ta' Alla u fittxew il-Kotba Mqaddsa bħala għajn ta' ħajja bil-ħeġġa kollha ta' qalbhom; iżda l-Knisja dejjem qiset bħala l-aqwa xbieha ta' dixxiplu li jisma' l-Kelma ta' Alla bil-fedeltà kollha, lill-Verġni ta' Nazaret li fit-Testment il-Ġdid stħoqqilha tissejjaħ hienja qabel kulħadd minħabba l-fidi tagħha (ara Lq 1,45).

8. Il-Verġni Marija semgħet it-tħabbira tal-Arkanġlu Gabrjel bil-fiduċja kollha u laqgħetha bl-imħabba kollha tant li sejħet lilha nfisha qaddejja tal-Mulej (ara Lq 1,39), saret Omm Kristu, u nisslet f'fehmietha l-Iben ta' Alla qabel nisslitu fi ħdanha[6]. Il-Verġni Marija, bħala xebba l-aktar bil-għaqal, ħbiet f'qalbha l-Kelma ta' Alla, u bħala xebba kollha għerf, kienet taħseb fuqha bejnha u bejn ruħha (ara Lq 2, 19. 51).

Il-Kelma ta' Alla, miżrugħa f'qalbha, wasslet lill-Verġni Marija biex iżżur lill-qariba tagħha Elisabetta, biex flimkien magħha tfaħħar il-kobor tal-Mulej għat-tjieba u l-ħniena tiegħu ma' Israel, ibnu l-maħbub (ara Lq 2,49). Il-kliem iebes (ara Lq 2, 34-35; Mt 2,13) u misteruż (ara Lq 2,49) li tħabbrilha bħala profezija, il-Verġni ta' Nazaret ma warrbitux iżda, b'rabta sħiħa mal-ħsieb ta' Alla, għożżietu f'qalbha (ara Lq 2,51).

Waqt l-ikla ta' tieġ fehmet kliem Binha aktar milli kien jidher u daħlet fil-fond tas-"sinjal ta' Kana" (ara Ġw 2,4) u wissiet lill-qaddejja ħa jagħmlu dak li jordnalhom il-Mulej (ara Ġw 2,5) u hekk għenet il-fidi tad-dixxipli.

Wieqfa ħdejn is-salib (ara Ġw 19,25) laqgħet kliem Binha li qabel radd ruħu ried jafda d-dixxiplu maħbub tiegħu lil ommu biex tieħu ħsiebu (ara Ġw 19,26). Dak li mbagħad il-Mulej, wara li qam mill-imwiet, qal lill-Appostli biex jagħmlu jiġifieri li jibqgħu fil-belt sa ma Alla jkun libbishom bil-qawwa tiegħu (ara Lq 24,49), hi wkoll għamlitu: baqgħet Ġerusalemm ma' l-Appostli, li qalb waħda kienu jitolbu flimkien (ara Atti 1,14), magħhom tistenna, mimlija bil-fidi, id-don tal-Ispirtu s-Santu.

9. Għalhekk il-Knisja meta twissi lill-insara fil-liturġija tagħha biex jilqgħu l-Kelma ta' Alla, spiss issemgħilhom lill-Verġni Marija li Alla dawwal biex iżżomm il-Kelma tiegħu[7], li, bħala Eva l-ġdida obdiet il-Kelma ta' Alla[8], u li dejjem kienet

3. Ara Ordo Lectionum Missae, Commune beatae Mariae Virginis, nn. 707-712, pp. 325-327; ara wkoll l-Appendici ta' dan il-Lezzjonarju nn. 1-21.

4. Ara "Ġabra" vol. I, Tagħrif ta' qabel n. 31c.

5. *Istituzzjoni ġenerali tal-Missal Ruman*, n. 313; ara Ordo Lectionum Missae, Praenotanda, n. 78, pp. xxxv-xxxvi.

6. Ara Santu Wistin, *Sermo 215*, 4; PL 38, 1074; San Ljun il-Kbir, *In Nativitate Domini sermo I, 1: PL34*, 191.

7. Ara Liturġija tas-Sigħat, Komun tal-Madonna, I u II Għasar, Preci (it-tieni formularju).

8. Ara Liturġija tas-Sigħat, 25 ta' Marzu, Tħabbira tal-Mulej, Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, Preci.

attenta għal kliem Binha[9]. Birraġun kollu għalhekk insellmu lil Omm Kristu bħala "dik il-Verġni li kienet tisma' l-Kelma ta' Alla u tilqagħha bil-fidi"[10]. Bħalha "l-Knisja ġġib ruħha, għax, l-aktar fil-liturġija, tisma' l-Kelma ta' Alla u tilqagħha, ixxandarha u tqimha, u tqassamha wkoll lill-insara bħala ħobż tal-ħajja; barra dan, bid-dija tad-dawl tal-Kelma ta' Alla, il-Knisja tara x'inhuma s-sinjali taż-żminijiet, u tfisser u tgħix il-ġrajjiet tal-bnedmin".[11]

10. Ir-ragħajja tal-erwieħ għalhekk għandhom igħallmu lill-insara li jiffullaw fis-santwarji tal-Omm ta' Alla jew nhar ta' Sibt jisimgħu l-Quddiesa f'ġieh il-Verġni Marija, li l-aqwa sinjal ta' ġieh u tjieba li jistgħu juru lejn il-Madonna huwa dan: iħabbru kif jixraq il-Kelma ta' Alla waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u jgħożżuha b'imħabba speċjali; jisimgħuha bil-fidi u jgħożżuha fil-qalb; jaħsbu fuqha fil-qalb u jxandruha bil-fomm; jagħmluha bil-fedeltà kollha u jfittxu li ħajjithom tkun taqbel magħha.

9. Ara Liturġija tas-Sigħat, is-Sibt tal-I u III ġimgħa, Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, Preci.
10. Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika, *Marilis cultus.* 17:A.A.S. 66 (1974) p. 128.
11. ibid. n. 17: A.A.S. 66 (1974) p. 129.

# ŻMIEN L-AVVENT

**Fi żmien l-Avvent il-Liturġija tal-Knisja ta' Ruma tfakkar iż-żewġ "miġjiet tal-Mulej": l-ewwel miġja tiegħu fil-milja taż-żminijiet (ara Gal 4.4) meta l-Iben ta' Alla ċekken lilu nnifsu, sar bniedem minn Marija Verġni u ġie fid-dinja għas-salvazzjoni tal-bnedmin; u t-tieni miġja tiegħu fil-glorja, fl-aħħar taż-żminijiet, meta jiġi "jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin" (Kredu) u jdaħħal il-ġusti f'dar il-Missier, fejn qabilna marret il-Verġni glorjuża Marija.**

Formularji tal-Quddies

1. L-Imqaddsa Verġni Marija, bint magħżula ta' Israel
2. Il-Verġni Marija fit-tħabbira ta' l-Anġlu
3. Iż-żjara tal-Verġni Marija

I

## L-IMQADDSA VERĠNI MARIJA
## BINT MAGĦŻULA TA' ISRAEL

Lezzjoni I

***Bħalma wiegħed lil missirijietna***
***b'riżq Abraham u nislu għal dejjem***

Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi 12,1-7

F'dawk il-jiem:
Il-Mulej qal lil Abram:
"Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek,
u minn dar missierek,
lejn l-art li jien nurik.
U jien nagħmlek ġens kbir,
imbierkek u nkattarlek ismek,
u int tkun barka.
Jien imbierek lil min ibierkek,
u nisħet lil min jistħek.
U jitbierku bik it-tribujiet kollha ta' l-art."
U telaq Abram kif kien qallu l-Mulej; u mar miegħu Lot. U Abram kellu ħamsa u sebgħin sena meta ħareġ minn Haran. U ħa miegħu Abram 'l Saraj martu, u 'l Lot bin ħuh, u l-ġid kollu li kienu għamlu, u n-nies li kienu kisbu f'Haran.

U Abram qasam l-art sas-santwarju ta' Sikem, sal-balluta ta' Mori; u dak iż-żmien kien hemm il-Kangħanin fl-art. U l-Mulej deher lil Abram u qallu: "Lil nislek għad nagħti din l-art". U bena artal lill-Mulej, li kien deherlu.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru*

Qari mit-Tieni Ktieb ta' Samwel 7, 1-5.8b-11.16

Meta s-sultan David mar joqgħod f'daru u l-Mulej serrħu mill-egħdewwa kollha ta' madwaru, is-sultan qal lil Natan, il-profeta: "Issa, ara, jiena qiegħed f'dar taċ-ċedru, u l-

arka ta' Alla qiegħda f'nofs ta' tinda!" U qal Natan lis-sultan: "Kull ma għandek fi ħsiebek li tagħmel, mur agħmlu, għax il-Mulej miegħek."

Imma dak il-lejl stess ġiet il-kelma tal-Mulej lil Natan u qallu: "Mur, għid lill-qaddej tiegħi David: 'Dan igħid il-Mulej: Se tibnili int dar biex noqgħod fiha? Ara, jien ħadtek mill-mergħat minn wara l-imrieħel biex tkun prinċep fuq il-poplu tiegħu Israel. Dejjem kont miegħek, f'kull ma kont tagħmel: jiena qridt minn quddiemek l-egħdewwa tiegħek kollha. Issa jiena nibnilek isem kbir jixbah l-ismijiet il-kbar li hawn fid-dinja.

Nagħmel post għall-poplu tiegħi Israel u nqiegħdu hemm fejn igħammar bla biża', u ma jgħakksuhx iżjed il-ħżiena bħalma għamlu sa minn dejjem, jiġifieri sa minn meta qajjimt l-imħallfin fuq il-poplu tiegħi Israel; u nserrħek mill-egħdewwa tiegħek kollha. Lilek imbagħad il-Mulej ikabbrek, għaliex il-Mulej jibnilek dar.

Il-familja tiegħek u s-saltna tiegħek jibqgħu sħaħ għal dejjem quddiemi. It-tron tiegħek jibqa' sħiħ għal dejjem.'"

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali — Salm 112,1-2.3-4.5-6.7-8 (r:2)

℟. Ikun isem il-Mulej imbierek minn issa u għal dejjem!

Faħħru, qaddejja tal-Mulej,
faħħru isem il-Mulej.
Ikun isem il-Mulej imbierek,
minn issa u għal dejjem! ℟.

Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha
ikun imfaħħar isem il-Mulej!
Għoli fuq il-ġnus kollha l-Mulej,
ogħla mis-smewwiet hu sebħu. ℟.

Min hu bħall-Mulej, Alla tagħna,
li qiegħed fil-għoli?
Hu li jħares 'l isfel,
lejn is-smewwiet u lejn l-art. ℟.

Hu li jqajjem mit-trab l-imsejken,
u jerfa' mill-miżbla l-fqajjar,
biex mal-kbarat iqiegħdu,
mal-kbarat tal-poplu tiegħu. ℟.

Tista' tinqara wkoll il-Lezzjoni I bis-salm responsorjali tal-Appendiċi n. 5.

## Vers tal-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. O Għerq ta' Ġesse, li waqaft bħala sinjal għall-popli, ejja biex teħlisna u la tiddawwarx.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew. 1,1-17

Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham. Abraham nissel lil Iżakk, Iżakk nissel lil Ġakobb, Ġakobb nissel lil Ġuda u lil ħutu. Ġuda nissel lil Fares u lil Zarah minn Tamar. Fares nissel lil Ħesron, Ħesron nissel lil Aram, Aram nissel lil Għamminadab, Għamminadab nissel lil Naħson. Naħson nissel lil Salmon, Salmon nissel lil Bogħoz minn Rahab. Bogħoz nissel lil Għobed minn Rut. Għobed nissel lil Ġessi, Ġessi nissel lis-sultan David. David nissel lil Salamun mill-mara ta' Urija, Salamun nissel lil Robogħam, Robogħam nissel lil Abija, Abija nissel lil Asa, Asa nissel lil Ġosafat, Ġosafat nissel lil Ġoram, Ġoram nissel lil Għużżija, Għużżija nissel lil Ġotam, Ġotam nissel lil Aħaż, Aħaż nissel lil Ħeżekija, Ħeżekija nissel lil Manassi, Manassi nissel lil Amon, Amon nissel lil Ġosija, Ġosija nissel lil Ġekonija u lil ħutu; kien żmien l-eżilju f'Babel.

Wara l-eżilju f'Babel, Ġekonija nissel lil Salatjel, Salatjel nissel lil Żorobbabel, Żorobbabel nissel lil Abihud, Abihud nissel lil Eljakim, Eljakim nissel lil Ażor, Ażor nissel lil

Sadok, Sadok nissel lil Akim, Akim nissel lil Elihud, Elihud nissel lil Elgħażar, Elgħażar nissel lil Mattan, Mattan nissel lil Ġakobb, Ġakobb nissel lil Ġużeppi r-raġel ta' Marija, li minnha twieled Ġesù li jsejħulu l-Messija.

Mela n-nisel kollu kien: minn Abraham sa David, erbatax-il nisel, minn David sa l-eżilju ta' Babel, erbatax-il nisel; u mill-eżilju ta' Babel sal-Messija, erbatax-il nisel.

Il-Kelma tal-Mulej.

II

## IL-VERĠNI MARIJA FIT-TĦABBIRA TAL-MULEJ

### Lezzjoni I

*Araw, ix-xebba titqal*

Qari mill-Ktieb tal-profeta Isaija 7,10-14; 8,10c

F'dawk il-jiem:

Il-Mulej issokta jkellem lil Aħaz u jgħidlu: "Itlob sinjal għalik minn għand il-Mulej Alla tiegħek f'qiegħ l-art jew fil-għoli tas-smewwiet."

U Aħaz wieġeb: "Ma nitlobx; ma rridx nittanta lil Alla".

U l-profeta wieġeb: "Isimgħu, mela, dar David: mhux biżżejjed għalikom li tkiddu lill-bnedmin, biex issa se tkiddu lil Alla tiegħi? Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess. Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el, għax Alla magħna".

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali

Salm 39, 7-8a.8b-9.10-11 (R̸. ara 8a u 9a)

R̸. Hawn jien ġej, Mulej, biex nagħmel ir-rieda tiegħek.

Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti;
imma widnejja inti ftaħtli;
ma tlabtnix vittmi tal-ħruq u tat-tpattija.
Imbagħad jien għidt: "Hawn jien ġej". R̸.

"Fil-bidu tal-ktieb hemm miktub fuqi
li nagħmel ir-rieda tiegħek.
Alla tiegħi dan jogħġobni;
il-liġi tiegħek ġewwa qalbi." R̸.

Xandart il-ġustizzja tiegħek f'ġemgħa kbira;
xofftejja ma żammejthomx magħluqa
Mulej dan inti tafu. R̸.

Ma ħbejtx f'qalbi l-ġustizzja tiegħek;
il-fedeltà u s-salvazzjoni tiegħek jien ħabbartħom;
ma ħbejtx it-tjieba u l-fedeltà tiegħek
lill-ġemgħa kbira. ℟.

Tista' tinqara wkoll il-Lezzjoni I bis-salm responsorjali tal-Appendici n.6.

## Vers tal-Hallelujah

Ġw 1, 14ab

℟. Hallelujah.
℣. Il-Verb sar bniedem
u għammar fostna
u aħna rajna l-glorja tiegħu.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa

1,26-38

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha, x'setgħet qatt tfisser dik it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skond kelmtek". U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

Jista' jinqara wkoll l-Evanġelju bil-vers ta' l-Hallelujah mill-Appendici n.17.

III

## IŻ-ŻJARA TAL-VERĠNI MARIJA

### Lezzjoni I

*Is-sultan ta' Israel, il-Mulej, qiegħed f'nofsok*

Qari mill-Ktieb tal-profeta Sofonija 3,14-18a

Għajjat bil-ferħ ta' qalbek, bint Sijon,
Israel, semma' leħnek!
Infexx fil-hena u ifraħ b'qalbek kollha,
ja bint Ġerusalemm!
Neħħa l-Mulej minn fuqek is-sentenza
li kellek kontra tiegħek,
keċċa l-egħdewwa tiegħek.
Is-sultan ta' Israel, il-Mulej, hu f'nofsok;
ma jkollokx iżjed ħsara minn xiex tibża'.
Dak in-nhar igħidu f'Ġerusalemm:
"Tibżax, Sijon,
tħallix idejk jintelqu:
il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok,
gwerrier li jsalva;
minħabba fik jithenna b'hena kbir,
fi mħabbtu jġeddek,
jinfexx minħabba fik f'agħjat ta' ferħ,
bħalkieku f'jum ta' festa."
Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Araħ, il-maħbub tiegħi ġej, jaqbeż fuq il-muntanji*

Qari mill-Ktieb ta' l-Għanja tal-Għanjiet 2,8-14

Leħen il-maħbub tiegħi:
araħ, hu ġej,
jaqbeż fuq il-muntanji,
jitqabeż fuq l-għoljiet.
Il-maħbub tiegħi qisu xi għażżiela,
jew ferħ iċ-ċriev.
Hemm huwa wieqaf,
wara l-ħajt tagħna,
iħares minn ġo t-tieqa,
u jgħarrex wara l-gradi tal-ħadid.

Qabad jitkellem hu l-maħbub tiegħi,
u qiegħed igħidli:
"Maħbuba tiegħi, qum,
ejja, sabiħa tiegħi!
Għax, ara, għaddiet ix-xitwa,
spiċċat ix-xita, marret.
Fuq l-art ġa deher il-ward,
iż-żmien ta' l-għana wasal,
fuq artna nstema' leħen il-gamiem.
Diġà beda mit-tin ħiereġ il-frott
u n-nwar tad-dwieli jxerred riħa ħelwa.
Maħbuba tiegħi, qum,
ejja, ġmiel tiegħi.
Ħamiema tiegħi ġewwa x-xquq tal-blat,
moħbija ġo xi rdum,
urini wiċċek,
semmagħli leħnek,
għax leħnek ħelju,
u sbejjaħ wiċċek."

Il-Kelma tal-Mulej.

Tista' tinqara l-Lezzjoni I bis-salm responsorjali ta' l-Appendici n.8.

### Salm responsorjali Is 12, 2-3.4bcd.5-6 (℟: 6b)

℟. Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Israel.

Ara, int Alla tas-salvazzjoni tiegħi;
jien nittama u ma jkollix imniex nibża'.
Għax il-qawwa u l-għana tiegħi hu l-Mulej;
u s-salvazzjoni tiegħi hu.
Kollkom ferħana timlew l-ilma
mill-egħjun tas-salvazzjoni. ℟.

Għannu lill-Mulej, sejħu lil ismu,
għarrfu lill-ġnus l-egħġubijiet tiegħu,
xandru li ismu huwa fil-għoli. ℟.

Għannu lill-Mulej għax għamel ħwejjeġ kbar;
ħa jkun dan magħruf min-nies kollha ta' l-art.
Aqbeż bil-ferħ, għanni, int li tgħammar f'Sijon,
għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Israel. ℟.

Vers ta' l-Hallelujah — Ara Lq 1,45

℟. Hallelujah.
℣. Hienja int, Verġni Marija,
għax int emmint li jseħħ
kull ma bagħat igħidlek il-Mulej,
℟. Hallelujah.

Evanġelju

*U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — 1, 39-56

F'dawk il-granet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellimilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej."

Imbagħad qalet Marija:
"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla, is-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar,
qaddis hu l-isem tiegħu.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Israel qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem."

Marija baqgħet ma' Eliżabetta għal xi tliet xhur u mbagħad reġgħet lura lejn darha.

Il-Kelma tal-Mulej.

## ŻMIEN IL-MILIED

Fi żmien il-Milied il-Knisja tfakkar il-misteri tat-tfulija ta' Kristu l-Feddej u tiċċelebra l-ewwel manifestazzjonijiet tiegħu. Għalhekk f'dan iż-żmien liturġiku, li jagħlaq bil-Magħmudija tal-Mulej, insibu wkoll il-Quddiesa li tfakkar il-manifestazzjoni tiegħu fit-tieġ ta' Kana. Il-Verġni Marija, skond il-pjan ta' Alla, kellha sehem tassew ta' l-għaġeb fil-misteri tat-tfulija u tal-ewwel manifestazzjonijiet tal-Mulej: meta wilditu bla ma ttiefset xbubitha, meta wrietu lir-ragħajja u lill-maġi, meta ppreżentatu fit-tempju u offrietu lill-Mulej, meta ħarbitu lejn l-Eġittu, meta tifel ta' tnax-il sena tilfitu fit-tempju, meta fid-dar ta' Nazaret flimkien ma' San Ġużepp u miegħu għexet ħajja ta' ħidma u ta' qdusija, meta fl-aħħar waqt l-ikla tat-tieġ indaħlet għall-għarajjes u talbet lil Binha u hu "għamel l-ewwel wieħed fost is-sinjal tiegħu... u wera l-glorja tiegħu" (Ġw 2,11).

Formularji tal-Quddies

4. Qaddisa Marija, Omm Alla
5. Il-Verġni Marija, Omm il-Feddej
6. Il-Verġni Marija fl-epifanija tal-Mulej
7. Il-Verġni Marija fil-presentazzjoni tal-Mulej
8. Il-Verġni mqaddsa Marija ta' Nazaret
9. Il-Verġni mqaddsa Marija ta' Kana

## IV

## QADDISA MARIJA OMM ALLA

**Lezzjoni I**

*Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin 4,4-7

Ħuti:
Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: "Abba! Missier!" U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben, u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

**Salm responsorjali** Salm 21, 4-6.10-11.23-24 (℟. ara 11b)

℟. Mulej, int Alla tiegħi sa minn ġuf ommi.

Int, Mulej, tgħammar fis-santwarju,
u lilek ifaħħar Israel!
Fik ittamaw missirijietna,
fik ittamaw, u inti ħlisthom.
Lejk għajtu, u inti ħlisthom;
fik ittamaw u ma tfixklux. ℟.

Imma int minn ġuf ommi lqajtni;
fi ħdan ommi fis-sod qegħidtni.
Fuqek qegħduni sa minn twelidi;
int Alla tiegħi sa minn ġuf ommi. ℟.

Infakkar ismek lil ħuti;
infaħħrek f'nofs il-ġemgħa.
Faħħru l-Mulej, intom li tibżgħu minnu;
sebbħuh ilkoll, nisel Ġakobb;
ibżgħu minnu lkoll, ulied Israel. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Hienja int, Verġni Marija
u jistħoqqlok kull tifħir
għax minnek tnissel Kristu, Alla tagħna,
ix-xemx tal-ġustizzja.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Sabu lil Marija u 'l Ġużeppi bit-tarbija minduda fil-maxtura*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 2, 15b-19

F'dak iż-żmien:

Ir-ragħajja bdew igħidu lil xulxin: "Ejjew immorru Betle-hem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej."

Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija minduda fil-maxtura. Kif raw dan, bdew igħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar it-tarbija. Kull min sema'għhom baqa' mistgħaġeb b'dak li qalulhom ir-ragħajja.

Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.

Il-Kelma tal-Mulej.

V

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, OMM IL-FEDDEJ

## Lezzjoni I

*Ingħatalna iben.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 9, 1-3.5-6

Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir;
in-nies li joqogħdu f'art id-dlam
dawl kbir idda fuqhom.
Int kattart il-ġnus,
kabbart il-ferħ;
huma ferħu quddiemek,
bħalma jifirħu fi żmien il-ħsad,
bħalma jifirħu fi qsim il-priża.
Għax il-madmad li kien itaqqlu,
u l-ħatar ta' fuq spallejh,
u l-bastun tal-argużin,
int kissirthom bħal f'jum Midjan.

Għax tweldilna tifel,
ingħatalna iben;
is-saltna tkun fuq spallejh,
u jsemmuh:
"Kunsillier ta' l-għaġeb, Alla setgħan,
Missier għal dejjem, prinċep tas-sliem."

Kbira tkun saltnatu,
u s-sliem bla qjies,
fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu,
Hu jwettaqha u jsaħħaħha
bil-ħaqq u s-sewwa,
minn issa u għal dejjem.
Il-ħeġġa tal-Mulej ta' l-eżerċti tagħmel dan.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali

Salm 95,1-2a.2b-3.11-12.13 (R̸. ara Lq 2,11)

R̸. Twildilna Salvatur, li hu Kristu l-Mulej.

Għannu lill-Mulej għanja ġdida;
għannu lill-Mulej fl-art kollha!
Għannu lill-Mulej,
bierku ismu! R̸.

Ħabbru minn jum għal ieħor
is-salvazzjoni tiegħu,
Xandru fost il-ġnus is-sebħ tiegħu,
fost il-popli kollha l-egħġubijiet tiegħu. R̸.

Ħa jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art,
ħa jħabbat il-baħar u kull ma fih,
ħa jifraħ ir-raba' u kull ma fih,
u jgħannu bil-ferħ is-siġar kollha tal-bosk. R̸.

Quddiem il-Mulej għax ġej,
għax ġej biex jagħmel ħaqq mill-art,
Hu jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja
u mill-popli bis-sewwa tiegħu. R̸.

Tista' tinqara l-Lezzjoni I bis-salm responsorjali mill-Appendici n.7.

### Vers ta' l-Hallelujah

Ara Lq 2, 10-11

R̸. Hallelujah.
V̸. Qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir:
twildilna Salvatur, Kristu Mulej,
R̸. Hallelujah.

### Evanġelju

*Twildilna Salvatur*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 2,1-14

F'dik il-ħabta Ċesari Awgustu ħareġ digriet biex isir ċensiment fid-dinja kollha. Dan kien l-ewwel ċensiment li sar meta Kirinu kien gvernatur tas-Sirja. U kulħadd mar biex jinkiteb, kull wieħed fil-belt tiegħu.

Ġużeppi wkoll mar mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, u tela' l-Lhudija, fil-belt ta' David jisimha Betlehem — għax hu kien mid-dar u l-familja ta' David — biex jinkiteb flimkien ma' Marija l-għarusa tiegħu, li kienet tqila.

Ġara li, meta kienu hemm, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u tat lid-dinja l-ewwel iben tagħha; fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda.

F'dawk l-inħawi kien hemm xi ragħajja fir-raba', għassa mal-merħla tagħhom bil-lejl. U dehrilhom anġlu tal-Mulej, il-glorja tal-Mulej idiet madwarhom, u qabadhom biża' kbir. Iżda l-anġlu qalilhom: "Tibżgħux, għax, araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu. Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej. U bħala sinjal ikollkom dan: issibu tarbija, imfisqija u minduda f'maxtura." F'daqqa waħda, ngħaqdu ma' l-anġlu għadd kbir ta' qtajja' tas-sema, ifaħħru 'l Alla u jgħidu:
"Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet,
u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu!"

Il-Kelma tal-Mulej.

## IL-VERĠNI MARIJA FL-EPIFANIJA TAL-MULEJ

### Lezzjoni I

*Jiddi fuqek sebħ il-Mulej*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 60, 1-6

Qum! Ħa jiddi wiċċek!
Id-dawl tiegħek wasal!
Jiddi fuqek sebħ il-Mulej!
Ara d-dlamijiet jiksu l-art,
u sħab iswed il-popli,
iżda fuqek jiddi l-Mulej,
u s-sebħ tiegħu jfeġġ fuqek.

Il-ġnus għad jimxu fid-dawl tiegħek,
u s-slaten fid-dija ta' sebħek.
Għolli u dawwar għajnejk ma dwarek u ara:
ilkoll miġbura ġejjin għandek,
Uliedek ġejja mill-bogħod,
u bnietek iġorruhom fuq id-dirgħajn.

Imbagħad tħares u wiċċek jiddi,
u tħabbat u timtela qalbek,
għax fuqek taqa' l-kotra tal-ġid ta' l-ibħra,
u l-għana tal-ġnus jiġi għandek.
Imrieħel ta' iġmla għad igħattuk,
l-iġmla żgħar ta' Midjan u Għefa;
ilkoll minn Saba jiġu,
imgħobbija bid-deheb u l-inċens,
u jxandru t-tifħir tal-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali

Salm 71,1-2.7-8.10-11.12-13 (℟. ara 11)

℟. Iqimuk, Mulej, il-ġnus kollha ta' l-art

O Alla, agħti lis-sultan il-ħaqq tiegħek,
il-ġustizzja tiegħek lil bin is-sultan
biex jiġġudika l-poplu tiegħek bil-ġustizzja,
u bil-ħaqq l-imsejknin tiegħek. ℟.



Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja,
u sliem kotran sa ma jintemm il-qamar.
Isaltan minn baħar sa baħar,
u mix-xmara sa truf l-art. ℟.

Is-slaten ta' Tarsis u tal-gżejjer jagħtuh ir-rigali,
is-slaten ta' Seba u ta' Saba għotjiet iġibulu.
Iqimuh is-slaten kollha,
il-ġnus kollha lilu jaqdu. ℟.

Għax hu jeħles il-fqir li jsejjaħlu,
u lill-imsejken li ma għandux min igħinu.
Iħenn għad-dgħajjef u għall-fqajjar,
il-ħajja tal-fqajrin isalva. ℟.

### Vers ta' l-Hallelujah Mt 2,2

℟. Hallelujah.
℣. Rajna l-kewkba tiegħu tielgħa,
u ġejna nadurawh.
℟. Hallelujah.

### Evanġelju

*Daħlu d-dar u raw it-tifel ma' ommu Marija*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew 2,1-12

Meta twieled Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi, xi maġi mill-Lvant ġew Ġerusalemm jistaqsu: "Fejn hu dak li twieled sultan tal-Lhud! Għax rajna l-kewkba tiegħu tielgħa, u ġejna nadurawh."

Is-sultan Erodi sama' bihom, u tħawwad hu u Ġerusalemm kollha miegħu. Ġabar flimkien il-qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu, u ried jaf minn għandhom fejn kellu jitwieled il-Messija.

U huma qalulu: "F'Betlehem tal-Lhudija, għax hekk kien kiteb il-profeta:

U int, Betlehem, art ta' Ġuda,
le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet kbar ta' Ġuda,
għax minnek joħroġ mexxej,
li jirgħa l-poplu tiegħi Israel".

Erodi mbagħad sejjaħ lill-maġi bil-moħbi, tkixxef bir-reqqa kollha minn għandhom iż-żmien li fih dehritilhom il-kewkba. Bagħathom f'Betlehem u qalilhom: "Morru, staqsu sewwa għat-tifel, u meta ssibuh ejjew għiduli, ħalli jien ukoll niġi nadurah."

Dawk, wara li semgħu lis-sultan, telqu, u, ara, il-kewkba li kienu raw tielgħa bdiet mixja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq il-post fejn kien hemm it-tifel. Kif raw il-kewkba, imtlew b'ferħ tassew kbir. Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, inxteħtu fl-art jadurawh: fetħu l-kaxxi tat-teżori tagħhom u bħala rigali offrewlu deheb, inċens u mirra.

Imbagħad, billi kienu mwissijin f'ħolma biex ma jerġgħux imorru għand Erodi, qabdu triq oħra u reġgħu lura lejn arthom.

Il-Kelma tal-Mulej.



VII

## IL-VERĠNI MARIJA FIL-PRESENTAZZJONI TAL-MULEJ

### Lezzjoni I

*Jidħol fit-tempju tiegħu s-Sid li qegħdin tfittxu*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Malakija 3,1-5

Dan igħid il-Mulej Alla:

"Araw, jiena se nibgħat il-messaġġier tiegħi biex iħejji t-triq quddiemi, u minnufih jidħol fit-tempju tiegħu s-Sid li intom qegħdin tfittxu; u l-anġlu tal-patt, li intom tixtiequ, arawh, ġej!" igħid il-Mulej ta' l-eżerċti.

"Imma min se jissaporti l-jum tal-miġja tiegħu? U min hu li se jieqaf meta jidher? Għax hu bħan-nar ta' wieħed li jsaffi u bħas-sapun tal-ħassiela. U joqgħod isaffi u jnaddaf il-fidda, u jnaddaf 'l ulied Levi, u jsaffihom bħad-deheb u l-fidda, u huma jsiru għall-Mulej nies li jagħmlu l-offerta bis-sewwa. U tibda togħġbu lill-Mulej l-offerta ta' Ġuda u ta' Ġerusalemm bħal dari, bħal fis-snin l-imgħoddija".

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali — Salm 23, 7.8.910 (℟. 10b)

℟. Il-Mulej ta' l-eżerċti hu s-sultan tal-glorja.

Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta' dejjem,
ħalli jidħol is-sultan tal-glorja. ℟.

Min hu dan is-sultan tal-glorja?
Hu l-Mulej setgħan u qawwi,
Il-Mulej qawwi fit-taqbida. ℟.

Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta' dejjem,
ħalli jidħol is-sultan tal-glorja. ℟.

Min hu dan is-sultan tal-glorja?
Hu l-Mulej ta' l-eżerċti,
dan hu s-sultan tal-glorja. ℟.

Vers ta' l-Hallelujah.
℟. Hallelujah.
℣. Iz-zokk ta' Ġesse warrad;
il-Verġni nisslet il-Bniedem-Alla;
Alla raddilna s-sliem
għax ħabbeb is-sema u l-art.
℟. Hallelujah.

Evanġelju

*Sejf jinfidlek ruħek!*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 2, 27-35

F'dak iż-żmien:
Xmun mar fit-tempju, imqanqal mill-Ispirtu, u xħin il-ġenituri daħħlu bit-tarbija Ġesù biex jagħmlulu dak li kienet trid il-liġi, huwa laqgħu fuq dirgħajh, bierek lil Alla u qal:
"Issa, o Sid, tista' tħalli l-qaddej tiegħek
imur fis-sliem, skond kelmtek,
għaliex għajnejja raw
is-salvazzjoni tiegħek
li int hejjejt
għall-popli kollha,
dawl biex idawwal il-ġnus
u glorja tal-poplu tiegħek Israel.

Missieru u ommu baqgħu mistagħġba b'dak li kien qiegħed jingħad fuqu.

Xmun berikkom, u qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib l-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel. Se jkun sinjal li jmeruh, — u int ukoll, sejf jinfidlek ruħek! — biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna".

Il-Kelma tal-Mulej.



VIII
IL-VERĠNI MARIJA TA' NAZARET

I

Lezzjoni I

*Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin

Ħuti: 4,4-7

Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben; u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

Salm responsorjali Salm 130, 1.2.3.

℟. Ħarisli ruħi fis-sliem quddiemek, Mulej.

Mulej, ma tkabbritx qalbi,
lanqas ma ntrefgħu għajnejja,
jien ma ġrejtx wara ħwejjeġ kbar,
jew wara ħwejjeġ ogħla minni. ℟.

Imma żammejt ruħi fis-skiet u l-mistrieħ,
bħal tarbija f'ħoġor ommha;
bħal tarbija miftuma,
hekk hi ruħi ġewwa fija. ℟.

Ittama, Israel, fil-Mulej,
minn issa u għal dejjem! ℟.

Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Verġni Omm Alla,
Dak li d-dinja kollha ma tesgħux
sar bniedem u niżel fil-ġuf tiegħek.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Reġgħu lura fil-belt tagħhom Nazaret*
*It-tifel baqa' jikber mimli bil-għerf*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 2,22.39-40

Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skond il-liġi ta' Mosè l-ġenituri ta' Ġesù ħaduh Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej.

Meta temmew kull ma kellhom jagħmlu skond il-liġi tal-Mulej reġgħu lura lejn il-Galilija, fil-belt tagħhom ta' Nazaret. U t-tifel baqa' jikber u jissaħħaħ, mimli bl-għerf. U l-grazzja tal-Mulej kienet fuqu.

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

*Niżel magħhom u reġa' mar f'Nazaret u kien jobdihom*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 2, 41-52

Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesù kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa ta' l-Għid. Meta kellu tnax-il sena telgħu wkoll, skond id-drawwa ta' dik il-festa. Wara li għaddew dawk il-ġranet qabdu t-triq lura, imma t-tfajjel Ġesù baqa' Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu. Huma ħasbuh qiegħed ma' xi wħud fit-triq magħhom; iżda meta wara jum mixi fittxewh fost qrabathom u n-nies li kienu jafuhom, ma sabuhx, u għalhekk reġgħu lura Ġerusalemm ifittxuh.

Wara tlitt ijiem sabuh fit-tempju bil-qiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u jistaqsihom; u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu. Kif rawh, instamtu, u ommu qaltlu: "Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk. Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!" U hu qalilhom: "U għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" Iżda kliemu ma fehmuhx.



Imbagħad niżel magħhom u reġa' mar Nazaret; u kien jobdihom. U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha. U hekk Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

Il-Kelma tal-Mulej.

## VIII
## IL-VERĠNI MARIJA TA' NAZARET

II

### Lezzjoni I

*Hallu l-bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin 3,12-17

Ħuti:
Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa, u sabar. Stabru b'xulxin, u jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru 'l xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk għamlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla.

Ħalli l-bxara ta' Alla tgħammar sħiħa fikom; għallmu bilgħerf kollu u widdbu lil xulxin b'salmi, u innijiet u b'għana spiritwali, u b'radd il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla. Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali — Salm 83 2-3.5-66.9-10 (℟. ara 5a)

℟. Henjin dawk li jgħammru f'darek, Mulej.

Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej ta' l-eżerċti!
Tixxennaq u tinfena ruħi għat-tempju tal-Mulej.
Ngħanni ferħan b'ruħi u ġismi
lil Alla l-ħaj. ℟.

Henjin dawk li jgħammru f'darek;
huma jfaħħruk għal dejjem.
Henjin dawk li jsibu fik il-qawwa tagħhom,
li għandhom għal qalbhom
il-pellegrinaġġ għat-tempju. ℟.

Mulej Alla ta' l-eżerċti isma' t-talba tiegħi;
agħti widen, Alla ta' Ġakobb.
Ħares, o Alla, lejn it-tarka tagħna,
ħares lejn is-sultan, il-midluk tiegħek. ℟.

### Vers ta' Hallelujah — Kol. 3, 15a.16a

℟. Hallelujah.
℣. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom.
Ħalli l-bxara t-tajba ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom.
℟. Hallelujah.

### Evanġelju

*Mar joqgħod f'belt jisimha Nazaret*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew 2, 13-15.19-23

Meta telqu l-Maġi, deher l-anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi u qallu: "Qum, ħu miegħek lit-tifel u lil ommu, u aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien għax Erodi se jfittex lit-tifel biex joqtlu." Ġużeppi qam ħa miegħu lit-tifel u lil ommu bil-lejl u warrab lejn l-Eġittu u baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi. B'hekk seħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: "Mill-Eġittu sejjaħt lil ibni".

Meta miet Erodi deher l-anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi fl-Eġittu u qallu: "Qum, ħu miegħek it-tifel u lil ommu u erġa' lura lejn l-art ta' Israel għax mietu dawk li kienu jfittxu l-ħajja tat-tifel". Ġużeppi qam, ħa miegħu t-tifel u lil ommu u mar fl-art ta' Israel.

Imma billi sema' li fil-Lhudija kien qed isaltan Arkelaws flok Erodi missieru beża' jmur hemm. Fuq twissija li kellu fl-ħolma, inġabar fl-inħawi tal-Galilija u mar joqgħod f'belt jisimha Nazaret biex hekk iseħħ li kien ingħad permezz tal-profeti: "Ikun jissejjaħ Nazri."

Il-Kelma tal-Mulej.

## IX
## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TA' KANA

### Lezzjoni I

*Kull ma qal il-Mulej, aħna nagħmluh*

Qari mill-Ktieb ta' l-Eżodu

19, 3-8a

F'dawk il-jiem:

Mosè tela' ħdejn Alla u l-Mulej sejjaħlu mill-muntanja u qallu:
"Dan għid lid-dar Ġakobb
u għarraf lil ulied Israel.
Rajtu intom x'għamilt lill-Eġizzjani,
u lilkom ġarrejtkom fuq il-ġwienaħ ta' l-ajkli
u ressaqtkom lejja.
Issa jekk tisimgħu leħni
u żżommu l-patt tiegħi,
intom tkunu l-wirt tiegħi minn fost il-popli kollha,
għax l-art kollha tiegħi.
Intom tkunu għalija saltna ta' qassisin
u ġens qaddis.
Dan hu l-kliem li tgħid lil ulied Israel."

Imbagħad Mosè mar sejjaħ ix-xjuħ tal-poplu, u qegħdilhom quddiemhom dan il-kliem kollu li ordnalu l-Mulej. U l-poplu kollu wieġeb b'leħen wieħed u qalu: "Kull ma qal il-Mulej aħna nagħmluh."

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali

Salm 118, 1-2.10-11.12 u 14.15-16 (℟. 4)

℟. Int tajt il-preċetti tiegħek biex inħarsuhom bir-reqqa.

Henjin dawk li triqthom bla ħtija,
 li jimxu fil-liġi tal-Mulej.
Henjin dawk li jħarsu l-preċetti tiegħu,
 u li jfittxuh b'qalbhom kollha. ℟.

B'qalbi kollha jiena nfittxek;
 tħallinix nitbiegħed mill-kmandamenti tiegħek.
Jien żammejt kelmtek f'qalbi,
 biex ma nidneb qatt kontrik. ℟.

Imbierek int, Mulej,
 għallimni l-kmandamenti tiegħek.
Nifraħ fit-triq tal-preċetti tiegħek,
 daqs kieku kelli l-għana kollu. ℟.

Fuq il-preċetti tiegħek irrid naħseb,
 u nżomm għajnejja fuq it-triqat tiegħek.
Bil-kmandamenti tiegħek irrid nitgħaxxaq,
 qatt ma ninsa l-kelma tiegħek. ℟.

### Vers ta' l-Hallelujah.

Ara Lq 11,27

℟. Hallelujah.
℣. Hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla,
u jħarsuha;
hienja l-Verġni Marija
li f'kollox għamlet ir-rieda ta' Alla.
℟. Hallelujah.

### Evanġelju

*Agħmlu kull ma jgħidilkom hu*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann

2,1-11

F'dak iż-żmien:

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."

Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xfar.

Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda". U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid, u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu, u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.



## ŻMIEN IR-RANDAN

Fi żmien ir-Randan l-insara jhejju ruħhom biex jiċċelebraw kif jixraq il-festa ta' l-Għid il-Kbir billi jisimgħu aktar ta' spiss il-Kelma ta' Alla, jitolbu aktar fit-tul, jagħmlu penitenzi, jiftakru fil-Magħmudija tagħhom, u jimxu wara Kristu fit-triq tas-salib. F'din "il-mixja tar-Randan" il-Liturġija turina l-Verġni Marija bħala eżempju ta' dixxiplu li jilqa' bil-qalb il-kelma ta' Alla u jimxi wara Kristu fit-triq li twassal "għall-Kalvarju", biex hemm imut miegħu (ara 2 Tim 2,11). Fi tmiem ir-Randan, fit-tlett ijiem imqaddsa ta' l-Għid, il-Verġni mqaddsa tidher lill-insara bħala Eva ġdida, "il-mara ġdida", li, wieqfa ħdejn is-siġra tal-ħajja (ara Ġw 19,52) hi msieħba ma' Kristu, "il-bniedem ġdid"; tidher ukoll bħala omm spiritwali għax il-Mulej riedha tieħu ħsieb id-dixxipli kollha tiegħu (ara Ġw 19,26).

Formularji tal-Quddies

10. Il-Verġni Mqaddsa Marija, dixxiplu tal-Mulej

11. Il-Verġni mqaddsa Marija ħdejn is-salib tal-Mulej, I

12. Il-Verġni mqaddsa Marija ħdejn is-salib tal-Mulej, II

13. Ir-rakkomandazzjoni tal-Verġni mqaddsa Marija

14. Il-Verġni mqaddsa Marija, omm ir-rikonċiljazzjoni

X

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA DIXXIPLU TAL-MULEJ

Lezzjoni I

*Qalbi kienet tithenna bil-għerf*

Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak 51, 18-24.27-30

Meta kont għadni żagħżugħ, qabel ma bdejt niġġerra,
fittixt il-għerf fil-beraħ fit-talb tiegħi.
Quddiem is-santwarju kont nitlob għalih,
u nibqa' nfittxu sa l-aħħar.
Xħin tiżħar id-dielja
sa ma ssajjar il-għeneb
qalbi kienet tithenna bil-għerf.
Meddejt riġli f'mogħdija dritta,
minn żgħożiti kont insus warajh.
Tajtu ftit widen u qlajtu,
u sibt għalija ħafna tagħlim.
Bih imxejt 'il quddiem;
lil min tani l-għerf glorja nagħtih.
Għax għandi f'moħħi li ngib ruħi bil-għerf,
u sirt ħerqan għat-tajjeb u ma jkollix għax nistħi.

Mexxejt lili nnifsi lejn il-għerf
u sibtu fis-safa.
Miegħu kont mill-ewwel għal qalbi,
u għalhekk ma nibqax waħdi.
Kont imħeġġeġ ġo fija biex infittxu,
u għalhekk ksibt ħaġa tajba.
Il-Mulej tani lsieni bi ħlas tiegħi,
u bih jiena nfaħħru.

Il-Kelma tal-Mulej.

Salm responsorjali

Salm 18,8-9.10-11.15 (R/. ara Ġw 6,63c)

R/. Il-kliem tiegħek, Mulej, huwa spirtu u ħajja.

Il-liġi tiegħek perfetta, u tagħti l-ħajja;
ix-xhieda tal-Mulej sewwa, u tgħallem lil min ma jafx.
Il-preċetti tal-Mulej dritti, u jferrħu l-qalb;
il-kmandament tal-Mulej safi, u jdawwal l-għajnejn. ℟.

Il-biża' tal-Mulej sinċier, u jibqa' għal dejjem,
il-ġudizzji tal-Mulej sewwa, u mseddqa għal kollox;
egħżeż mid-deheb, mid-deheb l-aktar fin,
oħla mill-għasel u mill-qtar tax-xehda. ℟.

Ħa jkunu milqugħa quddiemek,
kliem fommi u ħsieb qalbi.
Mulej, blata tiegħi u feddej tiegħi. ℟.

## Vers qabel l-Evanġelju

ara Lq 2,19

℟. Glorja u tifħir lilek, Kristu
℣. Hienja l-Verġni Marija
li kienet tgħożż f'qalbha kliem il-Mulej
u taħseb fuqu bejnha u bejn ruħha.
℟. Glorja u tifħir lilek, Kristu.

## Evanġelju

*Omm Ġesù kienet tgħożż f'qalbha l-kelma tal-Mulej*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 2,41-52

Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesù kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa ta' l-Għid. Meta kellu tnax-il sena telgħu wkoll, skond id-drawwa ta' dik il-festa. Wara li għaddew dawk il-granet qabdu t-triq lura, imma t-tfajjel Ġesù baqa' Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu. Huma ħasbuh qiegħed ma' xi wħud li kienu fit-triq magħhom; iżda meta wara jum mixi fittxewh fost qrabathom u n-nies li kienu jafuhom, ma sabuhx, u għalhekk reġgħu lura Ġerusalemm ifittxuh.

Wara tliet ijiem sabuh fit-tempju, bil-qiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u jistaqsihom, u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu. Kif rawh



instamtu, u ommu qaltlu: "Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!" U hu qalilhom: "U għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" Iżda kliemu ma fehmuhx.

Imbagħad niżel magħhom u reġa' mar Nazaret; u kien jobdihom. U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha. U hekk Ġesù baqa' jikber fil-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

*Medd idu lejn id-dixxipli u qal: Dawn, ara huma ommi u ħuti.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew 12, 46-50

F'dak iż-żmien:

Kif Ġesù kien qiegħed ikellem lin-nies, ġew ommu u qrabatu, waqfu barra u fittxew li jkellmuh. Xi ħadd qallu: "Ara, ommok u ħutek qegħdin barra jfittxu li jkellmuk".

Iżda hu wieġeb lil dak li kellmu, u qallu: "Min hi ommi? u min huma ħuti?"

Imbagħad medd idu lejn id-dixxipli tiegħu u qalu: "Dawn, ara, huma ommi u ħuti. Għax kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, dak huwa ħija, u oħti, u ommi."

Il-Kelma tal-Mulej.

**Jista' wkoll jinqara l-Evanġelju bil-vers ta' qabel li hemm fl-Appendiċi n. 19.**

XI

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA ĦDEJN IS-SALIB TAL-MULEJ

I

## Lezzjoni I

*Lanqas lil Ibnu stess ma ħafirha*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani

8,31b-39

Ħuti:

Jekk Alla hu magħna, min jista' jkun kontra tagħna? Hu, li anqas lil Ibnu stess ma ħafirha, imma tah għalina lkoll, kif ma jagħtiniex ukoll kollox miegħu? Min se jakkuża l-magħżulin ta' Alla? Alla stess hu dak li jiġġustifikahom. Min se jikkundannahom? Kristu Ġesù li miet, jew aħjar, qam mill-imwiet, jinsab fuq il-lemin ta' Alla, hu li jidħol għalina.

Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, l-għera, it-tiġrib, ix-xabla? Bħalma hu miktub: "Minħabba fik il-jum kollu jikkundannawna għall-mewt, igħodduna bħala ngħaġ għall-qatla."

Imma f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna. Għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien ta' issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla għalina li dehret fi Kristu Ġesù Sidna.

Il-Kelma tal-Mulej.

Tista' wkoll tinqara l-lezzjoni bis-salm responsorjali tal-Appendici n.15.

## Salm responsorjali

Salm 17, 2-3.5-6.7.19-20 (℟. 7a)

℟. Fil-hemm tiegħi l-Mulej sejjaħt.

Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi.
Il-Mulej blata tiegħi, fortizza u ħellies tiegħi,
Alla tiegħi, sur tal-kenn tiegħi u tarka tiegħi,
qawwa ta' salvazzjoni tiegħi u kenn tiegħi! ℟.

Imwieġ tal-mewt ħakmuni,
widien tal-biża' werwruni,
ħbula ta' l-imwieġ dawruni,
xbiek tal-mewt inqaleb fuqi. ℟.

Fil-hemm tiegħi l-Mulej sejjaħt,
tlabt l-għajnuna 'l Alla tiegħi;
hu sema' leħni mit-tempju tiegħu,
f'widnejh waslet l-għajta tiegħi. ℟.

Ġew fuqi f'siegħa ħażina,
iżda l-Mulej waqaf miegħi.
Ħariġni 'l barra fil-wisa':
ħelisni, għax lili jħobbni. ℟.

## Vers qabel l-Evanġelju

℟. Glorja u tifħir lilek, Kristu.
℣. Il-Verġni mqaddsa Marija
Sultana tas-sema u Sidt id-dinja,
kienet wieqfa imbikkija
ħdejn s-salib ta' Sidna Ġesù Kristu.
℟. Glorja u tifħir lilek Kristu.

## Evanġelju

*Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19,25-27

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## XII

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA
## ĦDEJN IS-SALIB TAL-MULEJ

II

### Lezzjoni I

*Ħriġt kontra r-rovina li kienet theddidna*

Qari mill-Ktieb ta' Ġuditta 13,17-20

F'dawk il-jiem:

Il-poplu kollu baqa' mibluh u baxxew rashom u bdew jaduraw lil Alla u għollew leħenhom u qalu:
"Imbierek int, o Alla tagħna,
li llum ġibt fix-xejn l-egħdewwa tagħna."
U Għużżija qalilha:
"Imbierka int, binti, minn Alla l-Għoli,
imbierka fost in-nisa kollha tad-dinja,
u mbierek il-Mulej Alla,
li għamel is-smewwiet u l-art,
li wasslek biex qtajt ras il-kap ta' l-egħdewwa tagħna.
It-tama li kellek ma tgħib qatt minn qalb il-bnedmin,
huma u jiftakru fil-qawwa ta' Alla.

Jalla l-Mulej jagħmel dak li jkun
ta' tifħir għalik għal dejjem
u jżurek b'kull ġid,
għax int ma bżajtx għal ħajtek,
meta rajt lil pajjiżna batut,
imma ħriġt tilqa' kontra r-rovina li kienet theddidna,
u bqajt mixja dritta fit-triq ta' Alla tagħna".

U l-poplu kollu wieġeb: "Amen. Amen."

Il-Kelma tal-Mulej.

Tista' tinqara wkoll il-lezzjoni bis-salm responsorjali tal-Appendici n. 1 jew 16.



Salm responsorjali — Salm 144,1-2.4-6.8-9 (℟. 9b)

℟. It-tjieba tal-Mulej fuq kull ma għamel.

Ħa kabbrek, Alla tiegħi, sultan,
u mbierek ismek għal dejjem ta' dejjem.
Kuljum irrid imbierkek,
u nfaħħar ismek għal dejjem ta' dejjem. ℟.

Nisel lil nisel isebbaħ egħmilek,
u s-setgħa tiegħek ixandru.
Il-ġmiel u l-kobor tas-sebħ tiegħek iħabbru,
u fuq l-egħġubijiet tiegħek jitħaddtu.
Il-qawwa ta' l-egħmejjel tiegħek tal-biża' jxandru;
u jien fuq l-egħmejjel kbar tiegħek nitħaddet. ℟.

Twajjeb u ħanin il-Mulej,
idum biex jagħdab u kollu tjieba.
Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej,
tjubitu fuq kull ma għamel. ℟.

### Vers qabel l-Evanġelju

℟. Glorja u tifħir lilek, Kristu.
℣. Wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù kien hemm ommu,
imżejna bil-fidi, qawwija fit-tama,
imħegga bin-nar tal-imħabba.
℟. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

### Evanġelju

*Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19,25-27

F'dak iż-żmien:

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## XIII

## IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA

### Lezzjoni I

*Ta' l-għaġeb l-omm ... tara 'l uliedha jinqerdu u ssofri minn qalbha minħabba t-tama li kellha fil-Mulej.*

Qari mit-Tieni Ktieb tal-Makkabej 7,1.20-29

F'dawk il-jiem:

Ġara li qabdu sebat aħwa u 'l ommhom u s-sultan beda biex jisfurzahom bid-daqqiet tas-swat u tan-nerv biex jieklu l-laħam tal-majjal li ma jiswiex.

Tal-għaġeb bla qjies kienet l-omm u ta' min ifakkarha u jfaħħarha. Rat is-seba' wliedha jinqerdu quddiemha fi żmien ta' jum wieħed u sofriet minn qalbha, minħabba fit-tama li kellha fil-Mulej. Mimlija bi ħsibijiet kbar, qawwiet bil-ħila ta' raġel il-qalb tagħha ta' mara u b'ilsien missirijietha, wieħed wara l-ieħor, qawwitilhom qalbhom bi kliemha.

"Jien ma nafx kif feġġejtu f'ġufi, ma kontx jien li tajtkom in-nifs, lanqas ma kont jien li għaqqadtilkom il-bċejjeċ ta' ġisimkom. Il-Ħallieq tad-dinja li sawwar in-nisel tal-bniedem u fassal il-bidu ta' kollox għad iroddilkom lura n-nifs u l-ħajja fil-ħniena tiegħu, bħalma issa ma intom tqisu xejn lilkom infuskom minħabba l-liġijiet tiegħu."

Antijoku ħass u ħaseb li kienet qiegħda tgħajru u żżebilħu bi kliemha,. Billi kien għad baqa' l-iżgħar wieħed, mhux biss ħeġġu bi kliemu, imma wkoll beda jaħliflu u jwegħdu li jagħnih u jagħmlu l-aktar bniedem hieni jekk iħalli l-liġijiet ta' missirijietu, u li jgħoddu bħala ħabibu u jafdalu f' idejh uffiċċji pubbliċi. Billi ż-żagħżugħ ma taħx widen, is-sultan sejjaħ lil ommu u talabha biex tagħti parir lit-tifel għall-ġid tiegħu. Wara li dam igħidilha ħafna, aċċettat li ddawwar lil binha. Mielet lejh u hi u tiddieħek bit-tirann kiefer, bdiet tkellmu b'ilsien missirijietha: "Ibni, ħenn għalija, li għal disa' xhur sħaħ ġarrejtek f'ġufi, u għal tliet snin reddajtek, rabbejtek u wassaltek sa din l-età, u tmajtek. Nitolbok, ibni, ħares lejn is-sema u l-art, u ara kull ma fihom. Kun af li mix-xejn għamilhom Alla; hekk ukoll sar ġens il-bniedem. Tibżax minn dan il-biċċier, imma kun ta' ġieh għal ħutek u ilqa' l-mewt, sabiex jien niksbek mill-ġdid fi żmien il-ħniena flimkien ma' ħutek."

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali Salm 17,2-3.5-6.7.19-20(℟.7a)

℟. Fil-hemm tiegħi lill-Mulej sejjaħt.

Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi!
Il-Mulej, blata tiegħi, fortizza u ħellies tiegħi,
Alla tiegħi, sur tal-kenn tiegħi u tarka tiegħi,
qawwa tas-salvazzjoni tiegħi u kenn tiegħi. ℟.

Imwieġ tal-mewt ħakmuni,
widien tal-biża' werwruni,
ħbula ta' l-imwiet dawruni,
xbiek tal-mewt inqaleb fuqi. ℟.

Fil-hemm tiegħi lill-Mulej sejjaħt,
tlabt il-għajnuna 'l Alla tiegħi;
hu sema' leħni mit-tempju tiegħu,
f'widnejh waslet l-għajta tiegħi. ℟.

Ġew fuqi f'siegħa ħażina,
iżda l-Mulej waqaf miegħi.
Ħariġni 'l barra fil-wisa';
ħelisni għax lili jħobbni. ℟.

### Vers qabel l-Evanġelju

℟. Glorja u tifħir lilek, Kristu.
℣. Wieqfa kienet ħdejn is-salib l-Omm verġni,
u b'għajnejn ta' ħniena kienet tara l-pjagi ta' Binha,
u kienet taf li bihom se sseħħ il-fidwa tal-bnedmin kollha.
℟. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

## Evanġelju

*Mara hemm hu ibnek*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19, 25-27

F'dak iż-żmien:

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Marija, hemm hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok". U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.



XIV

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA OMM IR-RIKONĊILJAZZJONI

## Lezzjoni I

*F'isem Kristu, agħmlu ħbieb ma' Alla*

Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin

Ħuti: 5,17-21

Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid: il-qadim għadda u daħal il-ġdid.

Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla. Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom, u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija.

Aħna ambaxxaturi ta' Kristu, bħallikieku Alla stess qiegħed isejħilkom permezz tagħna. Nitolbkom f'isem Kristu: agħmlu ħbieb ma' Alla. Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali

Salm 102, 1-2.3-4.8-9.13-14.17-18a(℟.1a)

℟. Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej.

Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej;
b'qalbi kollha mbierek l-isem qaddis tiegħu.
Bierek, ruħ, tiegħi, il-Mulej,
u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek. ℟.

Hu li jaħfer dnubietek kollha;
ifejjaq il-mard tiegħek kollu;
jifdi l-ħajtek mill-qabar;
iħaddnek bit-tjieba u l-ħniena. ℟.

Ħanin u twajjeb il-Mulej,
idum ma jagħdab u kollu mogħdrija.
Ma joqgħodx jitlewwem magħna,
u anqas jinkorla għal dejjem. Ry.

Bħalma jħenn il-missier għal uliedu,
hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża' tiegħu.
Għax hu jaf kif aħna magħġuna,
jiftakar li aħna trab. Ry.

Imma t-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem,
ma' dawk li għandhom il-biża' tiegħu;
u s-sewwa tiegħu ma' wlied uliedhom,
ma' dawk li jħarsu l-patt tiegħu. Ry.

Vers qabel l-Evanġelju ara Ġen 9,17

Ry. Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Y. Is-salib ta' Kristu hu sinjal tal-patt
li jien għamilt bejni
u bejn kull laħam li hemm fuq l-art.
Ry. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

Evanġelju

*Hemm hu ibnek. Hemm hi ommok*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19,25-27

F'dak iż-żmien:
Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok".

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.



## ŻMIEN IL-GĦID

Fil-"Jum il-Kbir tal-Mulej", jiġifieri tul il-ħamsin jum li fihom il-Knisja, ferħana u hienja, tiċċelebra l-misteru ta' l-Għid tal-Mulej, il-liturġija tal-Knisja ta' Ruma tfakkar ukoll lil Omm Kristu jew ferħana minħabba l-qawmien ta' Binha mill-imwiet, jew imsieħba ma' l-Appostli titlob magħhom bil-fiduċja kollha għad-don ta' l-Ispirtu s-Santu (ara Atti 1,14). Il-Knisja hija u taqdi l-missjoni tagħha ta' omm fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti għad-dħul fil-ħajja nisranija — sagramenti li huma verament sagramenti ta' l-Għid — tagħraf ukoll li l-Verġni Marija hi ta' eżempju għalina fil-qadi ta' din il-missjoni tagħha; tagħraf ukoll li Omm Kristu hi eżempju u għajnuna għaliha fil-qadi tad-dmir tagħha għax-xandir tal-Evanġelju, dmir li Kristu fdalha wara li qam mill-imwiet (ara Mt 28,19-20).

Formularji tal-Quddies

15. Il-Verġni mqaddsa Marija fil-qawmien tal-Mulej mill-imwiet
16. Il-Verġni mqaddsa Marija, għajn ta' dawl u ta' ħajja
17. Il-Verġni mqaddsa Marija fiċ-Ċenaklu
18. Il-Verġni mqaddsa Marija, Sultana ta' l-Appostli

XV

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA FIL-QAWMIEN TA' KRISTU MILL-IMWIET

## Lezzjoni I

*Ġerusalemm il-ġdida rajtha bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi 21, 1-5a

Jien, Ġwanni, rajt sema ġdid u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u ma kienx hemm iżjed baħar. U l-belt qaddisa Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema, mingħand Alla, imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.

U smajt leħen ġej mit-tron igħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom. Hu jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom: ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew agħjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel."

Imbagħad dak li hu bilqiegħda fuq it-tron qal: "Ara, se nġedded kollox."

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali Is 61,10a-d.f.11; 62,2-3

℟. Int, o Marija, int il-belt ta' Alla fejn tgħammar il-ġustizzja.

Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej,
  taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi.
Għax hu libbisni b'ilbies is-salvazzjoni,
  bil-mantar tal-ġustizzja għattieni
  bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha. ℟.

Bħalma l-art tnibbet,
  bħalma l-ġnien inibbet il-miżrugħ fih,
hekk il-Mulej inibbet il-ġustizzja u l-foħrija,
  quddiem kollha kemm huma l-ġnus. ℟.

Il-ġustizzja tiegħek għad jarawha l-ġnus,
u s-sebħ tiegħek jarawh is-slaten kollha.
B'isem ġdid għad isejħulek,
isem li għad jagħżlu fomm il-Mulej.
Għad tkun kuruna ta' ġmiel f'id il-Mulej,
u djadema ta' sultan f'id Alla tiegħek. ℟.

**Vers ta' l-Hallelujah**

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Verġni Marija,
imnikkta ħdejn is-salib
ġarrabt it-tbatijiet ta' Ibnek,
imma issa tifraħ u tithenna.
℟. Hallelujah.

**Evanġelju**

*Għidu lid-dixxipli tiegħu li qam mill-imwiet.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew 28,1-10

Meta għadda s-Sibt, maż-żerniq ta' l-ewwel jum tal-ġimgħa, Marija ta' Magdala u Marija l-oħra marru jaraw il-qabar. U, ara, inħasset theżżiża kbira ta' l-art, għax niżel anġlu tal-Mulej mis-sema, u resaq igerbeb il-ġebla u qagħad bilqiegħda fuqha. Id-dehra tiegħu kienet bħal berqa, ilbiesu abjad bħas-silġ. Bil-biża' tiegħu l-għassiesa qabdithom rogħda u saru qishom mejtin.

Iżda l-anġlu qabad u qal lin-nisa: "Tibżgħu xejn intom, għax jiena naf li qegħdin tfittxu lil Ġesù li kien imsallab. M'huwiex hawn, għax qam, kif kien qal. Ejjew araw il-post fejn kien qiegħed. U morru malajr għidu lid-dixxipli tiegħu li hu qam mill-imwiet. U araw, huwa sejjer il-Galilija qabilkom: tarawh hemmhekk. Arani, għidtilkom." Dawn marru malajr minn ħdejn il-qabar, kollhom biża' u ferħ kbir, u marru jiġru jagħtu l-aħbar lid-dixxipli tiegħu.

U ara, iltaqa' magħhom Ġesù, u qalilhom: "Is-sliem għalikom." Huma resqu lejh, qabdulu riġlejh u nxteħtu quddiemu. Imbagħad Ġesù qalilhom: "Tibżgħu xejn; morru wasslu l-aħbar lil ħuti biex jitilqu lejn il-Galilija; lili jarawni hemmhekk."

Il-Kelma tal-Mulej.



# XVI
# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, GĦAJN TA' DAWL U TA' ĦAJJA

**Lezzjoni I**

*Jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu*

Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli 2,14a.36-40a.41-42

Nhar Għid il-Ħamsin, Pietru, flimkien mal-Ħdax, qam u qal lil-Lhud b'leħen għoli: "Ħa jkun jaf żgur il-poplu kollu ta' Israel li lil dan Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija."

Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lill-Appostli l-oħra: "L-aħwa, x'għandna nagħmlu aħna?" U Pietru weġibhom: "Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom, u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu. Għax il-wegħda qiegħda għalikom u għal uliedkom, u għal dawk kollha li huma fil-bogħod, dawk kollha li l-Mulej Alla tagħna sejħilhom."

U b'ħafna kliem ieħor tahom xhieda u wissiehom. Għalhekk dawk li laqgħu kliemu tgħammdu u dak in-nhar ingħaqdu mad-dixxipli madwar tlett elef ruħ.

U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-Appostli u fil-għaqda ta' bejniethom fil-qsim tal-ħobż u fit-talb.

Il-Kelma tal-Mulej.

**Salm responsorjali** Salm 33, 2-3.6-7.8-9 (℟. 6a)

℟. Ħarsu lejn il-Mulej u jiddi bil-ferħ wiċċkom.

Kull ħin imbierek il-Mulej,
tifirħu dejjem fuq fommi.
Bil-Mulej tiftaħar ruħi;
jisimgħu l-fqajrin u jifirħu. ℟.

Ħarsu lejh u jiddi bil-ferħ wiċċkom,
u ma jkollkomx għax tistħu.
Dan il-fqajjar sejjaħ u l-Mulej semgħu,
u mid-dwejjaq tiegħu kollha ħelsu. R̸.

L-anġlu tal-Mulej jgħasses
madwar dawk li jibżgħu minnu, u jeħlishom.
Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej;
hieni l-bniedem li jistkenn fih. R̸.

## Vers ta' l-Hallelujah

R̸. Hallelujah.
V̸. Hienja int, Verġni Marija,
għax minnek ħareġ Kristu Sidna,
ix-Xemx tal-ġustizzja:
min jimxi warajh ikollu d-dawl tal-ħajja.
R̸. Hallelujah.

## Evanġelju

*Jiena huwa d-dawl li ġejt fid-dinja*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 12,44-50

F'dak iż-żmien:

Ġesù għolla leħnu u qal: "Min jemmen fija jkun qiegħed jemmen mhux fija imma f'min bagħatni; u min jara lili jkun qiegħed jara lil min bagħatni.

Jiena huwa d-dawl li ġejt fid-dinja biex kull min jemmen fija ma jibqax fid-dlam. Min jisma' kliemi u ma jħarsux, jiena ma nagħmilx ħaqq minnu, għax jien ma ġejtx biex nagħmel ħaqq mid-dinja, iżda biex insalva d-dinja.

Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi, hemm min jagħmel ħaqq minnu: il-kelma li jiena għidt, tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum. Għax jien ma għidt xejn minn moħħi, imma kien dak li bagħatni, jiġifieri l-Missier, li ordnali x'ngħid u x'nitkellem. U jiena naf li l-ordni tiegħu hija l-ħajja ta' dejjem. Il-ħwejjeġ li ngħid jien, ngħidhom kif qalli l-Missier."

Il-Kelma tal-Mulej.



jew:

*Dak li jitwieled mill-Ispirtu hu spirtu*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 3, 1-6

F'dak iż-żmien:

Kien hemm fost il-Fariżej raġel jismu Nikodemu, wieħed mill-kbarat tal-Lhud. Dan ġie għand Ġesù, u qallu: "Rabbi, aħna nafu li inti Mgħallem mibgħut minn Alla, għax ħadd ma jista' jagħmel is-sinjali li qiegħed tagħmel int jekk ma jkunx Alla miegħu."

Ġesù wieġbu: "Tassew, tassew ngħidlek li, jekk wieħed ma jitwelidx mill-ġdid, ma jistax jara s-saltna ta' Alla."

Qallu Nikodemu: "Kif jista' wieħed jitwieled wara li jkun xjieħ? Jista' forsi jerġa' jidħol f'ġuf ommu u jitwieled?"

Wieġbu Ġesù: "Tassew, tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla. Dak li jitwieled mill-ġisem, hu ġisem; dak li jitwieled mill-Ispirtu, hu spirtu."

Il-Kelma tal-Mulej.

## XVII

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAĊ-ĊENAKLU

### Lezzjoni I

*Jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu u tirċievu l-qawwa tiegħu fikom*

Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli 1, 6-14

Wara li Ġesù qam mill-imwiet, l-Appostli, miġbura flimkien staqsewh: "Mulej, hu dan iż-żmien li fih int se terġa' twaqqaf is-saltna ta' Israel?" Hu weġibhom: "M'hix biċċa tagħkom li tkunu tafu l-waqt u ż-żmien li l-Missier għażel bissetgħa tiegħu. Imma meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art."

Wara li qal dan, huma u jħarsu lejh, kien meħud 'il fuq, u sħaba ħadithulhom minn quddiem għajnejhom. Waqt li kienu b'għajnejhom fis-sema jħarsu lejh sejjer, f'daqqa waħda dehru ħdejhom żewġ irġiel lebsin l-abjad, u qalulhom: "Irġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Dan Ġesù li kien meħud minn magħkom lejn is-sema, għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer."

Imbagħad reġgħu lura Ġerusalemm mill-għolja msejħa taż-Żebbuġ, li hi 'l bogħod mill-belt daqs mixja ta' Sibt, jiġifieri xi nofs mil. X'ħin daħlu l-belt telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu. Huma kienu Pietru u Ġwanni, Ġakbu u Indri', Filippu u Tumas, Bartilmew u Mattew, Ġakbu bin Alfew u Xmun igħidulu l-Imħeġġeġ, u Ġuda bin Ġakbu.

U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija omm Ġesù u qrabatu.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali

Salm 86,1-2.3 u 5.6-7 (℟.3)

℟. O belt ta' Alla, ħwejjeġ sbieħ hu jgħid fuqek.



Il-Mulej bena 'l Sijon fuq l-għoljiet imqaddsa;
hu jħobb il-bibien tagħha
aktar mill-għamajjar kollha ta' Ġakobb. ℟.

O belt ta' Alla,
ħwejjeġ sbieħ u jgħid fuqek:
U għal Sijon jingħad:
"Ilkoll, il-wieħed u l-ieħor twieldu fiha!
u Alla l-Għoli nnifsu jwettaqha f'postha!" ℟.

Jikteb il-Mulej fil-ktieb tal-popli:
"Dan twieled hemm".
U jgħannu, huma u jiżfnu,
dawk kollha li jgħammru fik. ℟.

### Vers ta' l-Hallelujah

Ara Lq 2,19

℟. Hallelujah.
℣. Hienja int, Verġni Marija,
li kont tgħożż f'qalbek il-Kelma ta' Alla
u taħseb fuqha bejnek u bejn ruħek.
℟. Hallelujah.

### Evanġelju

*Ommi u ħuti huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jagħmlu li jgħid hu*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 8,19-21

F'dak iż-żmien:

Ġew għal Ġesù ommu u qrabatu, iżda ma setgħux jersqu lejh minħabba l-folla. Xi ħadd qallu: "Ommok u ħutek qegħdin hawn barra u jridu jarawk."

Iżda hu weġibhom: "Ommi u ħuti huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jagħmlu dak li jgħid hu."

Il-Kelma tal-Mulej.

**Jista' jinqara wkoll l-Evanġelju bil-Vers ta' l-Hallelujah mill-appendici n. 21.**

XVIII

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA SULTANA TA' L-APPOSTLI

### Lezzjoni I

*Qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' Marija, omm Ġesù*

Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli 1,12-14; 2,1-4

Wara li Ġesù tela' s-sema, l-Appostli reġgħu lura lejn Ġerusalemm mill-għolja msejħa taż-Żebbuġ, li hi 'l bogħod mill-belt daqs il-mixja tas-Sibt, jiġifieri xi nofs mil. X'ħin daħlu l-belt, telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu. Huma kienu Pietru u Ġwanni, Ġakbu u Indri, Filippu u Tumas, Bartilmew u Mattew, Ġakbu bin Alfew u Xmun igħidulu l-Imħeġġeġ, u Ġuda bin Ġakbu.

U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija omm Ġesù u ma' qrabatu.

Kien nhar Għid il-Ħamsin, u huma kienu lkoll flimkien f' post wieħed. U f'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra skond ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali — Salm 86, 1-2.3 u 5.6-7 (℟. 3)

℟. O belt ta' Alla ħwejjeġ sbieħ u jgħid fuqek.

Il-Mulej bena 'l Sijon fuq l-għoljiet imqaddsa;
hu jħobb il-bibien tagħha
aktar mill-għamajjar kollha ta' Ġakobb. ℟.

O belt ta' Alla,
ħwejjeġ sbieħ hu jgħid fuqek.
U għal Sijon jingħad:
"Ilkoll, il-wieħed u l-ieħor, twieldu fiha!
u Alla l-għoli nnifsu jwettaqha f'postha!" ℟.



Jikteb il-Mulej fil-ktieb tal-popli:
"Dan twieled hemm."
U jgħannu, huma u jiżfnu,
dawk kollha li jgħammru fik. ℟.

### Vers qabel l-Evanġelju

℟. Hallelujah.
℣. Il-Verġni mqaddsa Marija,
Sultana tas-sema u Sidt id-dinja
kienet wieqfa mbikkija ħdejn is-salib ta' Sidna Ġesù Kristu
℟. Hallelujah.

### Evanġelju

*Qal Ġesù lid-dixxiplu: Hemm hi ommok*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19,25-27

F'dak iż-żmien:

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## ŻMIEN MATUL IS-SENA

Fiż-żmien matul is-sena, kemm fil-Kalendarju Ġenerali Ruman u kemm fil-kalendarji tal-knejjes partikulari u ta' l-Istituti reliġjużi, spiss issir it-tifkira tal-Madonna. Għalhekk fil-**Proprji** tar-rit Ruman insibu ħafna formularji għall-Quddies tal-Madonna għax għalkemm l-għan hu wieħed — l-opra ta' Alla fil-Verġni Marija għal Kristu u għall-Knisja tiegħu — dan il-għan għandu ħafna aspetti.

Il-formularji tal-Quddies tal-Madonna għaż-żmien matul is-sena, huma mqassmin fi tliet sezzjonijiet, skond liema aspett tal-misteru jridu jiċċelebraw: l-ewwel taqsima fiha ħdax-il formularju għaċ-ċelebrazzjoni tal-Verġni Marija b'titoli meħudin mill-Kotba mqaddsa jew titoli li juru r-rabta tagħha mal-Knisja; it-tieni taqsima għandha disa' formularji u jqimu Omm il-Mulej b'titoli li jfissru s-sehem ta' Marija fit-tkattir tal-ħajja spiritwali f'dawk li jemmnu; it-tielet taqsima fiha tmien formularji għaċ-ċelebrazzjoni tal-Madonna b'titoli li juru l-interċessjoni kollha ħniena tagħha favur l-insara (ara **Praenotanda**, 24).

L-ewwel taqsima

Din it-taqsima fiha ħdax-il formularju f'ġieh Omm Alla b'titoli meħudin mill-Kotba Mqaddsa jew titoli li juru r-rabta tagħha mal-Knisja.

Formularji tal-Quddies


19. Qaddisa Marija, Omm il-Mulej

20. Il-Verġni mqaddsa Marija, il-mara ġdida

21. L-Isem imqaddes ta' Marija

22. Il-Verġni mqaddsa Marija, qaddejja tal-Mulej

23. Il-Verġni mqaddsa Marija, tron ta' l-Għerf

25. Il-Verġni mqaddsa Marija, xbieha u omm il-Knisja I

26. Il-Verġni mqaddsa Marija, xbieha u omm il-Knisja II

27. Il-Verġni mqaddsa Marija, xbieha u omm il-Knisja III

28. Il-Qalb bla tebgħa tal-Verġni mqaddsa Marija

29. Il-Verġni mqaddsa Marija, Sultana tal-ħolqien kollu


XIX

## QADDISA MARIJA, OMM IL-MULEJ

### Lezzjoni I

*Marija, li ġabet il-Mulej f'ġufha, tissejjaħ Arka tal-Mulej*

Qari mill-Ewwel Ktieb tal-Kronaki 15,3-4.15-16;16,1-2

F'dawk il-jiem:

David laqqa' l-poplu ta' Israel kollu f'Ġerusalemm biex ital-la' l-arka tal-Mulej f'postha li kien hejja għaliha. U David laqqa' lil ulied Aron u l-Leviti.

U l-Leviti ġarrew l-arka ta' Alla bil-lasti fuq spallejhom, kif kien ordna Mosè skond il-kelma tal-Mulej. U David ordna lill-kapijiet tal-Leviti li jqassmu 'l ħuthom, il-mużiċisti bl-istrumenti tad-daqq — arpi, ċetri, ċnieċel — u jgħollu u jsemmgħu leħinhom għoli b'sinjal ta' ferħ.

U hekk ġiebu l-arka ta' Alla u qegħduha f'nofs it-tinda li kien waqqaf għaliha David, u offrew sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tas-sliem, quddiem Alla. Meta kien offra s-sagrifiċċji tal-ħruq u s-sagrifiċċji tas-sliem David bierek il-poplu b'isem il-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali Salm 131,11.13-14.17-18 (℟. 11b)

℟. Wieħed min-nisel tiegħek inqiegħed fuq it-tron tiegħek.

Il-Mulej ħalef wegħda lil David,
u żgur ma jerġax lura minnha.
"Wieħed min-nisel tiegħek,
jiena nqiegħed fuq it-tron tiegħek." ℟.

Għax il-Mulej għażel 'il Sijon,
u xtaqha tkun id-dar tiegħu:
Hawn insib il-mistrieħ tiegħi għal dejjem!
Fiha rrid noqgħod, għax ħabbejtha! ℟.

Hemm inqajjem qawwa lil David,
inhejji mnara għas-sultan, il-midluk tiegħi,
Bil-misthija nlibbes l-egħdewwa tiegħu,
imma fuqu tiddi l-kuruna tiegħu. ℟.

Tista' tinqara l-Lezzjoni I bis-salm responsorjali mill-Appendici n. 3.

### Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Verġni Omm Alla
dak li d-dinja kollha ma tesgħux,
sar bniedem fiċ-ċokon ta' ġufek.
℟. Hallelujah.

### Evanġelju

*Imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1, 39-47

F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Elizabetta. Malli Elizabetta semgħet lil Marija ssellimilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Elizabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu, u nfexxet f'għajta kbira u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek." U Minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej."

Imbagħad qalet Marija: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi."

Il-Kelma tal-Mulej.



## XX

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, IL-MARA ĠDIDA

### Lezzjoni I

*Rajt Ġerusalemm il-ġdida mhejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi 21, 1-5a

Jien, Ġwanni, rajt sema ġdid u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u ma kienx hemm iżjed baħar. U l-Belt qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, imhejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.

U smajt leħen qawwi ġej mit-tron igħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom. Hu jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom; ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew agħjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel."

Imbagħad dak li hu bilqiegħda fuq it-tron qal: "Ara, se nġedded kollox."

Il-Kelma tal-Mulej.

Tista' tinqara wkoll il-lezzjoni bis-salm responsorjali mill-Appendici n. 9 jew 14.

### Salm responsorjali Is 61, 10a.d.f.11; 62,2-3

℟. Int, Marija, l-art ġdida fejn tgħammar il-ġustizzja.

Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej,
taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi.
Għax hu libbisni b'ilbies is-salvazzjoni
bil-mantar tal-ġustizzja għattieni,
bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha. ℟.

Bħalma l-art tnibbet,
bħalma l-ġnien inibbet il-miżrugħ fih,
hekk il-Mulej inibbet il-ġustizzja u l-foħrija,
quddiem kollha kemm huma l-ġnus. ℟.

Il-ġustizzja tiegħek għad jarawha l-ġnus,
u s-sebħ tiegħek jarawh is-slaten kollha.
B'isem ġdid għad isejħulek,
isem li għad jagħżlu fomm il-Mulej.
Għad tkun kuruna ta' ġmiel f'id il-Mulej,
u djadema ta' sultan f'id Alla tiegħek. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Int glorjuża, Verġni Marija, il-mara ġdida:
minnek twieled il-bniedem ġdid, Kristu Ġesù.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Sliem għalik, mimlija bil-grazzja*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1,26-38

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba jiena verġni?"



Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."
Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: Agħmlu kull ma jgħidilkom hu.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann. 2,1-11

F'dak iż-żmien:

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."
Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqegħdin hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid, u billi ma kienx jaf mnejn gie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom, igibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid tajjeb erfajtu sa issa."
Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjal tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.

XXI

## L-ISEM IMQADDES TAL-VERĠNI MARIJA

### Lezzjoni I

*It-tifkira tiegħi f'kull żmien.*

Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak 24, 23-31

Jien bħal dielja tarmi żahar li jiġbdek,
u n-nwar tiegħu jagħmel frott ta' glorja u ġid.
Jien omm l-imħabba safja,
il-biża', u l-għerf u t-tama qaddisa.
Ersqu lejja intom li tixtiquni,
u mtlew bil-frott tiegħi.
Għax it-tifkira tiegħi hi aktar ħelwa mill-għasel,
u s-sehem tiegħi minn xehda għasel.
Min jiekol minni jieħdu l-ġuħ għal aktar,
u min jixrob minni jieħdu l-għatx għal aktar.
Min jisma' minni ma jkollux għax jistħi,
u dawk li jaħdmu bija ma jidinbux.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali Lq 1,46-48.49-50.53-54 (Aara Is 61,10b)

℟. Taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla, is-salvatur tiegħi.
Għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel isejjaħli hienja. ℟.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar,
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien,
fuq dawk li jibżgħu minnu. ℟.

Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu. ℟.



### Vers ta' l-Hallelujah Ara Lq 1,28

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja.
Il-Mulej miegħek.
Imbierka inti fost in-nisa.
℟. Hallelujah.

### Evanġelju

*Dix-xebba kien jisimha Marija*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1, 26-38

F'dak iż-żmien:
Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija jisimha Nazaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi middar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.
L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima.
Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għassaltna tiegħu."
Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan ladarba jiena verġni?"
Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."
Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

XXII

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, QADDEJJA TAL-MULEJ

### Lezzjoni I

*Kienet wieqfa titlob u l-Mulej laqa' t-talba tagħha*

Qari mill-ewwel Ktieb ta' Samwel 1,24-28; 2,1-2.4-8

Anna wara li fatmet lil Samwel tellgħetu magħha fid-dar tal-Mulej f'Silo. Ħadet magħha għoġol ta' tliet snin, efa dqiq u żaqq inbid, u marret bit-tfajjel magħha. Hemm qatlu l-għoġol u ressqu t-tifel quddiem Egħli. U qaltlu: "Nitolbok, sidi, daqs kemm int ħaj, sidi, jien dik il-mara li kienet wieqfa hawn ħdejk titlob il-Mulej. Għal dan it-tifel kont tlabt, u l-Mulej laqa' t-talba tiegħi u tani li tlabtu. U issa jien se nagħtih lill-Mulej il-jiem kollha ta' ħajtu, u kemm idum ħajj ikun tal-Mulej."

U qiemu l-Mulej hemmhekk.

U Anna bdiet titlob u tgħid:
"Ferħet qalbi bil-Mulej
intrefgħet rasi fil-Mulej;
iddieħak fommi bl-egħdewwa tiegħi
għax fraħt bis-salvazzjoni tiegħek.
Ma hemm ħadd ħliefek,
ħadd qaddis bħall-Mulej
ma hemmx Blata bħal Alla tagħna.

Tkisser il-qaws tal-qawwijin,
u d-dgħajfin tħażżmu bil-ħila.
L-imxebbgħin bil-ħobż inkrew,
u ma baqgħux jitħabtu l-imġewħin.
Il-mara bla tfal wildet sebgħa,
u dbielet il-mara b'ħafna tfal.

Il-Mulej jibgħat il-mewt u jagħti l-ħajja,
iniżżel fl-imwiet u jtalla'
Il-Mulej ifaqqar u jagħti l-ġid,
ibaxxi u jgħolli wkoll.
Iqajjem mit-trab lill-imsejken,
u l-fqajjar jerfgħu mill-miżbla,



u jqegħidhom mal-kbarat,
biex jirtu tron ta' ġieh.
Għax il-pilastri ta' l-art huma tal-Mulej,
u fuqhom sejjes id-dinja."

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali

Lq 1,46-48a.48b-49.50-51.52-53.54-55 (℟. 48a)

℟. Il-Mulej xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi.
Għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. ℟.

Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja,
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar,
qaddis hu l-isem tiegħu. ℟.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. ℟.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. ℟.

Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
— bħalma wiegħed lil missirijietna, —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem. ℟.

### Vers ta' 'l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Hienja int, Verġni Marija:
int sejjaħt lilek innifsek qaddejja tal-Mulej:
issa, mgħollija fuq il-kori kollha ta' l-Anġli,
il-Knisja ssellimlek Sultana tas-sema.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1, 26-28

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija jisimha Nazaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, middar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għassaltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.



# XXIII

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, TEMPJU TAL-MULEJ

## Lezzjoni I

*Sħaba mliet it-tempju tal-Mulej*

Qari mill-Ewwel Ktieb tas-Slaten 8,1-3-7.9-11

F'dawk il-jiem:

Salamun laqqa' flimkien f'Ġerusalemm ix-xjuħ ta' Israel, il-kapijiet tat-tribù kollha, u l-prinċpijiet tal-familji ta wlied Israel, biex l-arka tal-patt tal-Mulej itellgħuha mill-belt ta' David jiġifieri minn Sijon. Ġew ix-xjuħ kollha ta' Israel. Il-qassisin u l-leviti refgħu l-arka kif ukoll it-tinda tal-laqgħa flimkien ma' kull ħaġa mqaddsa li kien hemm ġo dik it-tinda quddiem il-kbarat ta' Israel.

Is-sultan Salamun u l-ġemgħa ta' Israel kollu, qagħdu quddiem l-arka joffru sagrifiċċji ta' ngħaġ u baqar, li ma kontx issib tarf tgħoddhom. Imbagħad il-qassisin wasslu l-arka tal-patt tal-Mulej f'postha fis-santwarju jiġifieri fil-post il-qaddis, u qegħduha taħt ġwenħajn il-kerubini: għax il-kerubini kellhom ġwenħajhom miftuħin fuq fejn tqegħdet l-arka, hekk li l-kerubini kienu jgħattu huma stess wiċċ l-arka u l-lasti tagħha. Xejn ma kien hemm ġo l-arka ħlief iż-żewġ twavel tal-ġebel imqegħdin hemm minn Mosè meta kien ħdejn Ħoreb: dawn kienu t-twavel tal-patt li bih il-Mulej intrabat ma' wlied Israel huma u ħerġin minn art l-Eġittu.

X'ħin il-qassisin ħarġu mis-santwarju ta' barra, is-sħaba mliet it-tempju tal-Mulej u minħabba fiha l-qassisin ma setgħux ikomplu s-servizz tagħhom, għax il-glorja tal-Mulej kienet imliet it-tempju tal-Mulej!

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi 21, 1-5a

Jien, Ġwanni, rajt sema ġdid u art ġdida għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u ma kienx hemm iżjed baħar. U l-belt qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema, mingħand Alla, imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.

U smajt leħen qawwi ġej mit-tron igħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom. Hu jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom: ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew agħjat jew tbatija, ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel."

Imbagħad dak li hu bilqiegħda fuq it-tron qal: "Ara, se nġedded kollox."

Il-Kelma tal-Mulej.

Salm responsorjali Salm 83, 3.4.5 u 10.11 (℟. Ap 21,3b)

℟. Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin.

Tixxennaq u tinfena ruħi għat-tempju tal-Mulej;
ngħanni ferħan b'ruħi u ġismi lil Alla l-ħaj. ℟.

Sa l-għasfur isib fejn igħammar,
u l-ħuttafa ssib il-bejta ħdejn l-artali tiegħek;
hemm hi tqiegħed iż-żgħar tagħha,
Mulej ta' l-eżerċti, Sultan u Alla tiegħi! ℟.

Henjin dawk li jgħammru f'darek;
huma jfaħħruk għal dejjem.
Ħares, o Alla, lejn it-tarka tagħna,
ħares lejn is-sultan, il-midluk tiegħek. ℟.



Għax jum wieħed fit-tempju tiegħek
aħjar minn elf jum f'post ieħor;
aħjar noqgħod fuq il-għatba ta' dar Alla tiegħi
milli ngħammar fit-tined tal-ħziena. ℟.

Tista' tinqara l-Lezzjoni I bis-salm responsorjali mill-Appendiċi n.2.

Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Verġni Marija, tempju tal-ġustizzja,
tempju ta' ħniena għalina l-midinbin.
Sliem għalik, tempju mimli bl-Ispirtu s-Santu,
tempju li l-Missier għażel għal Ibnu.
℟. Hallelujah.

Evanġelju

*Il-qawwa ta' l-Għoli, tixħet id-dell tagħha fuqek*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1,26-38

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, middar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet tfisser dik it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u semmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jukn jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf. U ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal. Għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.



## XXIV
## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, TRON TA' L-GĦERF

### Lezzjoni I

Qari mill-Ktieb tal-Proverbi 8,22-31

Dan igħid l-Għerf ta' Alla:
Il-Mulej kellu lili sa mill-bidu ta' egħmilu,
sa minn qabel l-eqdem egħmejjel tiegħu,
Sa minn dejjem twaqqaft,
mill-bidu, qabel ma nbdiet id-dinja.

Kien għad m'hemmx l-ibħra l-kbar, meta tnissilt jien,
kien għad m'hemmx egħjun inixxu l-ilma;
qabel ma tqiegħdu l-muntanji,
qabel il-għoljiet jien twelidt.
Kien għadu ma għamilx l-art bir-raba' tagħha,
u lanqas l-ewwel traba ta' l-art.

Meta hejja s-smewwiet jien kont hemm,
meta ħażżeż dawra fuq wiċċ il-baħar kbir,
meta saħħaħ is-smewwiet hemm fuq
u qiegħed fis-sod in-nixxigħat ta' qiegħ il-baħar;
meta ħażżeż it-trufijiet tal-baħar,
biex l-ilmijiet ma jaqbżux truħom;
meta qiegħed is-sisien ta' l-art,
jien kont ma' ġenbu bħala mgħallem;
il-għaxqa tiegħi, jum wara l-ieħor,
nitliegħeb il-ħin kollu quddiemu;
nitliegħeb fuq l-art imħejjija għall-bnedmin,
nitgħaxxaq b'ulied il-bnedmin.

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**
*Marija, tron ta' l-għerf*

Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak 24, 1-2.5-7.12-16.26-31

Il-għerf ifaħħar lilu nnifsu,
u jiftaħar f'nofs il-poplu tiegħu.

Jiftaħ fommu fil-ġemgħa ta' l-Għoli,
u jiftaħar quddiem il-qawwa tiegħu.
"Jien ħriġt minn fomm il-Għoli
u għattejt l-art bħan-nida.
Tellajt fil-għoli l-għarix tiegħi,
u t-tron tiegħi fuq kolonna sħab."

Wara l-ħallieq ta' kollox tani ordni,
u dak li ħalaqni għażel post għall-għarix tiegħi,
u qalli: "Tella' l-għarix tiegħek f'Ġakobb,
u iret sehmek f'Israel."

Qabel kull żmien, fil-bidu, ħalaqni,
u sal-aħħar taż-żmien ma nigix nieqes.
Għamiltha ta' qaddej quddiemu fl-Għarix Imqaddes,
u hekk ġejt imqiegħed fis-Sod f'Sijon.
Bl-istess mod qegħedni nistrieħ fil-belt maħbuba,
u s-setgħa tiegħi kienet fuq Ġerusalemm.
U xenxilt l-egħruq tiegħi f'poplu ta' ġieħ,
f'sehem il-Mulej, il-wirt tiegħu.

Ersqu lejja intom li tixtiquni,
u mtlew bil-frott tiegħi.
Għax it-tifkira tiegħi hi aktar ħelwa mill-għasel,
u s-sehem tiegħi minn xehda għasel.
Min jiekol minni jieħdu l-ġuħ għal aktar,
u min jixrob minni jieħdu l-għatx għal aktar.
Min jisma' minni ma jkollux għax jistħi,
u dawk li jaħdmu bija ma jidinbux.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali

Salm 147, 12-13.14-15.19-20 (℟. Ġw 1,14)

℟. Il-Verb sar bniedem u għammar fostna.

Sebbaħ, Ġerusalemm il-Mulej,
faħħar 'l Alla tiegħek, Sijon!
Hu jsaħħaħ l-istaneg ta' bwiebek,
u jbierek ġewwa fik 'l uliedek. ℟.



Hu jqiegħed fis-sliem it-truf ijiet ta' artek,
u jitmgħek bl-aħjar qamħ ixebbgħek.
Hu jibgħat fuq l-art il-kmand tiegħu;
bil-ħeffa tiġri l-kelma tiegħu. ℟.
Hu jxandar kelmtu lil Ġakobb,
il-liġijiet u d-digrieti tiegħu lil Israel.
Ma għamel hekk ma' ebda poplu
lil ħadd ma għarraf id-digrieti tiegħu. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. O Verġni hienja, int nissilt il-Mulej.
O tron imbierek tal-għerf,
int tqawwi fina l-Ispirtu ta' Ibnek Ġesù Kristu.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Meta daħlu d-dar sabu t-tifel ma' ommu Marija*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew 2,1-12

Meta twieled Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi, xi maġi mill-lvant ġew Ġerusalemm jistaqsu: "Fejn hu dak li twieled sultan tal-Lhud? Għax rajna l-kewkba tiegħu tielgħa, u ġejna nadurawh."

Is-sultan Erodi sama' bihom u tħawwad hu u Ġerusalemm kollha miegħu. Ġabar flimkien il-qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu, u ried jaf minn għandhom fejn kellu jitwieled il-Messija. U huma qalulu: "F'Betlehem tal-Lhudija, għax hekk kien kiteb il-profeta:

'U int Betlehem, art ta' Ġuda,
le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda,
għax minnek joħroġ mexxej
li jirgħa l-poplu tiegħi Israel'."

Erodi mbagħad sejjaħ il-maġi bil-moħbi u tkixxef bir-reqqa kollha minn għandhom iż-żmien li fih dehritilhom il-kewkba; bagħathom f'Betlehem u qalilhom: "Morru, staq-

su sewwa għat-tifel, u meta ssibuh ejjew għiduli, ħalli jiena wkoll niġi nadurah."

Dawk, wara li semgħu s-sultan, telqu, u ara, il-kewkba li kienu raw tielgħa bdiet miexja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq il-post fejn kien hemm it-tifel. Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ tassew kbir. Meta mbagħad daħlu d-dar u raw it-tifel ma' ommu Marija, inxteħtu fl-art jadurawh; fetħu l-kaxxi tat-teżori tagħhom u bħala rigali offrewlu deheb, inċens u mirra.

Imbagħad billi kienu mwissijin f'ħolma biex ma jerġgħux imorru għand Erodi, qabdu t-triq oħra u reġgħu lura lejn arthom.

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

*Baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ u taħseb fuqhom*

♱ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 2,15b-19

F'dak iż-żmien:

Ir-ragħajja bdew igħidu lil xulxin: "Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej."

Marru mela jgħaġġlu u sabu 'l Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. Kif raw dan, bdew igħarfu b' kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-ragħajja.

Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha, u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.

Il-Kelma tal-Mulej.



**jew:**

*Marija għażlet l-aħjar sehem*

♱ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 10, 38-42

F'dak iż-żmien:

Ġesù daħal f'raħal, u laqgħetu għandha mara jisimha Marta. Din kellha oħtha jisimha Marija, li niżlet bilqiegħda f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qiegħed igħid.

Iżda Marta kienet moħħha fuq il-ħafna xogħol tad-dar. Imbagħad resqet u qaltlu: "Mulej, m'intix tara kif oħti ħalliet ix-xogħol kollu fuqi biss? Mela għidilha taqbad tagħmel xi ħaġa miegħi."

Qabeż il-Mulej u qalilha: "Marta! Marta! Int taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ: imma waħda hi meħtieġa. Marija għażlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex."

Il-Kelma tal-Mulej.

## XXV

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, XBIEHA U OMM IL-KNISJA

### I

Lezzjoni I

*Inqajjem mibgħeda bejn nislek u nisilha*

Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi 3,9-15.20

Wara li Adam kiel mill-frott tas-siġra, Alla sejjaħlu u staqsieh: "Fejn int?"

U dak wieġeb: "Smajt ħossok fil-ġnien u bżajt għax jien għarwien, u nħbejt."

U staqsih "Min qallek li int għarwien? Jaqaw kilt mis-siġra li jien ordnajtlek li ma tikolx minnha?"

U wieġeb Adam: "Il-mara li int tajtni għal miegħi, hi tatni mis-siġra, u jiena kilt."

U l-Mulej Alla qal lill-mara: "Xinhu dan li għamilt?"

U l-mara wieġbet: "Is-serp qarraq bija, u jien kilt."

Il-Mulej Alla qal lis-serp:

"Talli għamilt dan, misħut int
fost il-bhejjem kollha
u fost l-annimali selvaġġi.
Għal żaqqek titkaxkar,
u t-trab ta' l-art tiekol
il-jiem kollha ta' ħajtek.
U jien inqajjem mibgħeda
bejnek u bejn il-mara,
bejn nislek u nisilha,
u hu jisħaqlek rasek
u int tisħaqlu għarqubu."

U Adam semma lil martu Eva, għax hi kienet omm il-ħajjin kollha.

Il-Kelma tal-Mulej.

Salm responsorjali Ġud. 13.18 bcde.19 (℟. 15.9d)

℟. Int il-foħrija tal-poplu tagħna.

Imbierka int, binti, minn Alla l-Għoli,
imbierka fost in-nisa kollha tad-dinja.
Imbierek il-Mulej Alla
li għamel is-smewwiet u l-art. ℟.

It-tama li kellek ma tgħib qatt minn qalb il-bnedmin
huma u jiftakru fil-qawwa ta' Alla. ℟.

Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Hienja int, Verġni Marija,
u jistħoqqlok kull tifħir:
għax minnek tnissel Kristu, Alla tagħna,
ix-xemx tal-gustizzja.
℟. Hallelujah.

Evanġelju

*Hemm hu ibnek. Hemm hi ommok*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19,25-27

F'dak iż-żmien:

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u d-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek." Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.

XXVI

IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA,
XBIEHA U OMM IL-KNISJA

II

## Lezzjoni I

*Ilkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' Marija omm Ġesù*

Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli 1,12-14

Wara li Ġesù tela' s-sema, l-Appostli reġgħu lura lejn Ġerusalemm mill-għolja msejħa taż-Żebbuġ, li hi 'l bogħod mill-belt daqs mixja tas-Sibt, jiġifieri xi nofs mil. X'ħin daħlu l-belt telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu. Huma kienu: Pietru u Ġwanni, Ġakbu u Indri, Filippu u Tumas, Bartilmew u Mattew, Ġakbu bin Alfew u Xmun igħidulu l-Imħeġġeġ, u Ġuda ta' Ġakbu.

U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nies u ma' Marija, omm Ġesù, u ma' qrabatu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali — Salm 86, 1-2.3 u 5. 6-7 (✠. 3)

℟. Ħwejjeġ sbieħ hu jgħid fuqek, o belt ta' Alla!

Il-Mulej bena 'l Sijon fuq l-għoljiet imqaddsa;
hu jħobb il-bibien tagħha
aktar mill-agħmajjar kollha ta' Ġakobb. ℟.

O belt ta' Alla,
ħwejjeġ sbieħ hu jgħid fuqek!
U għal Sijon jingħad:
"Ilkoll, il-wieħed u l-ieħor, twieldu fija!"
U Alla l-Għoli nnifsu jwettaqha f'postha." ℟.

Jikteb il-Mulej fil-ktieb tal-popli:
"Dan twieled hemm!"
U jgħannu, huma u jiżfnu,
dawk kollha li jgħammru fik. ℟.



## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. O Verġni mbierka, li nissilt il-Mulej;
o Omm hienja tal-Knisja
li tqawwi fina l-Ispirtu ta' Ibnek Ġesù Kristu.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Omm Ġesù kienet hemm. Id-dixxipli tiegħu emmnu fih.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 2,1-11

F'dak iż-żmien:

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."

Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma". U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid, u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kenu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom, iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.

XXVII

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, XBIEHA U OMM IL-KNISJA

III

## Lezzjoni I

*Rajt Ġerusalemm il-ġdida, imhejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi 21, 1-5a

Jien Ġwanni, rajt sema ġdid u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u ma kienx hemm iżjed baħar. U l-Belt qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, imhejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.

U smajt leħen qawwi ġej mit-tron igħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin, u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom. Hu jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom: ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew agħjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel."

Imbagħad dak li hu bilqiegħda fuq it-tron qal: "Ara, se nġedded kollox."

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali Is 12, 2-3.4bcd.5-6 (℟. 6b)

℟. Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Israel.

Ara, int Alla tas-salvazzjoni tiegħi;
jiena nittama u ma jkollix imniex nibża'.
Għax il-qawwa u l-għana tiegħi hu l-Mulej;
u s-salvazzjoni tiegħi hu.
Kollkom ferħana timlew l-ilma
mill-egħjun tas-salvazzjoni. ℟.

Għannu lill-Mulej, sejħu ismu,
għarrfu lill-ġnus l-egħmejjel tiegħu,
xandru li ismu huwa fil-għoli. ℟.



Għannu lill-Mulej għax għamel ħwejjeġ kbar;
ħa jkun dan magħruf min-nies kollha ta' l-art.
Aqbeż bil-ferħ, għanni, int li tgħammar f'Sijon,
għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Israel. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja,
il-Mulej miegħek,
imbierka inti fost in-nisa.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*U jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1, 26-38

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel, jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser dik it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-qawwa ta' l-Għoli titfa' d-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla.

Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.



# XXVIII

## IL-QALB BLA TEBGĦA TAL-VERĠNI MARIJA

**Lezzjoni I**

*Int il-foħrija tal-poplu tagħna.*

Qari mill-Ktieb ta' Ġuditta 13, 17-20; 15,9

F'dawk il-jiem:

Il-poplu kollu baqa' mibluh, baxxew rashom u bdew jaduraw lil Alla u għollew leħenhom u qalu:

"Imbierek int, o Alla tagħna,
li llum ġibt fix-xejn l-egħdewwa tagħna."

U Għuzzija qalilha:
"Imbierka int, binti,
minn Alla l-Għoli,
imbierka fost in-nisa kollha tad-dinja,
u mbierek il-Mulej Alla,
li għamel is-smewwiet u l-art,
li wasslek biex qtajt ras il-kap
ta' l-egħdewwa tagħna.
It-tama li kellek ma tgħib qatt minn qalb il-bnedmin,
huma u jiftakru fil-qawwa ta' Alla.
Jalla l-Mulej jagħmel li dan ikun ta' tifħir għalik
u jżurek b'kull ġid,
għax int ma bżajtx għal ħajtek
meta rajt lil pajjiżna batut,
imma ħrigt tilqa' kontra r-rovina li kienet theddidna
u bqajt mixja dritta fit-triq ta' Alla tagħna."

U l-poplu kollu wieġeb: "Amen! Amen!"

Malli resqu lejha,
bdew ifaħħruha lkoll b'leħen wieħed u jgħidulha:
"Bik titkabbar Ġerusalemm!
Bik jiftaħar, Israel!
Int il-foħrija tal-poplu tagħna."

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali

**Lq 1, 46-48a.48b-59.50-51.52-53.54-55 (℟. 49)**

℟. Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi.
Għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. ℟.

Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar,
qaddis hu l-isem tiegħu. ℟.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. ℟.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. ℟.

Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Hienja int, Verġni Marija,
li ġibt fi ħdanek Bin il-Missier etern.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Hieni l-ġuf li ġiebek.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa **11,27-28**

F'dak iż-żmien:
Waqt li Ġesù kien ikellem lin-nies, kien hemm waħda mara li għolliet leħinha minn qalb il-folla u qaltlu: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt!"

Iżda hu qalilha: "Imma tassew ngħidlek aktar hienja huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha."

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

*Kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa **2,46-51**

Wara tlitt ijiem sabu 'l Ġesù fit-tempju, bilqiegħda f'nofs l-Għalliema jismagħhom u jistaqsihom, u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu. Kif rawh, instamtu, u ommu qaltlu: "Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!" U hu qalilhom: "U għaliex kontu tfittxuni? Ma tafux li jien għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri!" Iżda kliemu ma fehmuhx.

Imbagħad niżel magħhom u reġa' mar Nazaret, u kien jobdihom. U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha.

Il-Kelma tal-Mulej.

SANTUARIO TA PINU MALTA, DIOC. GOZO

XXIX

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA SULTANA TAL-ĦOLQIEN KOLLU

## Lezzjoni I

*Is-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija — 9, 1-3.5-6

Il-poplu li kien miexi fid-dlam,
ra dawl kbir;
in-nies li joqogħdu f'art id-dlam
dawl kbir idda fuqhom.
Int kattart il-ġens,
qabbart il-ferħ;
huma ferħu quddiemek.
bħalma jifirħu fi żmien il-ħsad,
bħalma jifirħu fil-qsim tal-priża.
Għax il-madmad li kien itaqqlu,
u l-ħatar ta' fuq spallejh,
u l-bastun tal-argużin,
int kissirthom bħal jum f'Midjan.

Għax tweldilna tifel.
ingħatalna iben;
is-saltna tkun fuq spallejh,
u jsemmuh:
Kunsillier ta' l-għaġeb, Alla setgħan,
Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem.

Kbira tkun saltnatu,
u s-sliem bla qjies
fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu.
Hu jwettaqha u jsaħħaħha
bil-ħaqq u s-sewwa,
minn issa u għal dejjem.
Il-ħeġġa tal-Mulej ta' l-eżerċti tagħmel dan.

Il-Kelma tal-Mulej.

**Tista' tinqara wkoll il-Lezzjoni bis-salm responsorjali mill-Appendiċi n. 8 jew 12.**



## Salm responsorjali

Salm 44, 11-12.14-15.16-17.18 9(℟. 11a)

℟. Isma', binti, ħares u agħti widen.

Isma', binti, ħares u agħti widen,
insa 'l ġensek u 'l dar missierek.
Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;
u int, għax hu sidek, agħtih qima. ℟.

Kollha ġmiel bint is-sultan bil-ġawhar,
minsuġ bid-deheb ilbiesha.
Għand is-sultan jeħduha bix-xbejbiet warajha,
it-tfajliet li ngħatawlha bi sħabha. ℟.

Jittieħdu b'agħjat ta' ferħ u hena;
jidħlu fil-palazz tas-sultan.
Flok missirijietek jilħqu wliedek;
int tqegħidhom kapijiet fuq l-art kollha. ℟.

Infakkar ismek min-nisel għal nisel;
ifaħħruk il-popli għal dejjem ta' dejjem! ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

Ara Lq 1,28

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja,
il-Mulej miegħek:
Imbierka inti fost in-nisa.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Int tnissel fil-ġuf u jkollok iben.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — 1, 26-38

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-graz-

zja, il-Mulej miegħek". Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha setgħet qatt tfisser dik it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-qawwa tal-Għoli titfa' d-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.



It-tieni taqsima

**Din it-taqsima fiha disa' formularji għat-tifkira tal-Verġni Marija b'titoli li jfissru s-sehem tagħha biex tiġi 'l quddiem il-ħajja spiritwali ta' l-insara.**

Il-formularji

30. Il-Verġni mqaddsa Marija, omm u medjatriċi tal-grazzja.
31. Il-Verġni mqaddsa Marija, għajn ta' salvazzjoni.
32. Il-Verġni mqaddsa Marija, omm u għalliema spiritwali.
33. Il-Verġni mqaddsa Marija, omm il-parir it-tajjeb.
34. Il-Verġni mqaddsa Marija, bidu tal-ferħ tagħna.
35. Il-Verġni mqaddsa Marija, ħarsien tal-fidi tagħna.
36. Il-Verġni mqaddsa Marija, omm l-imħabba sabiħa.
37. Il-Verġni mqaddsa Marija, omm it-tama qaddisa.
38. Il-Verġni mqaddsa Marija, omm il-għaqda.

## XXX

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, OMM U MEDJATRIĊI TAL-GRAZZJA

### Lezzjoni I

*Kif nista' nħares bi kwieti fuq il-ħsara li waqgħet fuq il-poplu tiegħi?*

Qari mill-Ktieb ta' Ester 8,3-8.16-17a

F'dawk il-jiem:

Ester reġgħet kelmet is-sultan Assweru, u nxteħtet f'riglejh, bkiet u talbitu bil-ħniena biex isewwi l-ħsara li kien għamel Ħaman, l-Agagi, u jħassar il-pjan li kien għamel kontra l-Lhud.

U s-sultan medd ix-xettru tad-deheb lejn Ester u qamet u baqgħet bil-wieqfa quddiem is-sultan u qaltlu: "Jekk jogħġob lis-sultan, u jien sibt grazzja quddiemu u jekk jidhirlu li hi ħaġa xierqa, u jien għoġobtu, ħa toħroġ ordni biex jitreġġgħu lura l-ittri miktuba bit-tnassis ta' Ħaman bin Ħammdata l-Agagi, għall-qerda tal-Lhud li joqogħdu f'kemm hemm provinċji tas-sultan. Għaliex kif nista' nibqa' nħares bi kwieti fuq il-ħsara li waqgħet fuq il-poplu tiegħi u l-qerda ta' niesi?"

U s-sultan Assweru wieġeb lis-sultana Ester u lil Mordekaj, il-Lhudi: "Ara, jien tajt il-ġid ta' Ħaman lil Ester, u lilu għallquh mal-forka għax medd idejh fuq il-Lhud. Issa iktbu intom f'isem is-sultan favur il-Lhud u ssiġillaw l-ittri bis-siġill tas-sultan, għax ladarba ittra tkun ħarġet f'isem is-sultan bis-siġill tas-sultan, din ma tkunx tista' titreġġa' lura."

U fuq il-Lhud feġġ id-dawl u l-hena, agħjat u ferħ u ġieh. U f'kull provinċja u f'kull belt, f'kull fejn ixxandar id-digriet u l-ordni tas-sultan il-Lhud ferħu u thennew, kielu u għamlu festa. U ħafna mill-ġnus saru Lhud għax beżgħu minnhom.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali — Salm 66,2-3.4-5.6-7. (℟. 2b)

℟. Dawwal fuqna, Mulej, id-dawl ta' wiċċek.

Iħenn għalina Alla, u jberikna;
idawwal għal fuqna d-dija ta' wiċċu.
Biex jingħarfu fuq l-art triqatek,
fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek. ℟.

Ifaħħruk il-popli, o Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.
Jithennew il-ġnus u jgħannu bil-ferħ,
għax trieġi l-popli bis-sewwa,
u l-ġnus fuq l-art int tmexxihom. ℟.

Ifaħħruk il-popli, o Alla
ifaħħruk il-popli kollha.
L-art tat il-frott tagħha;
iberikna Alla, Alla tagħna. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Hienja int, Verġni mqaddsa Marija,
omm il-grazzja u sultana tal-ħniena,
għax minnek twieled Kristu,
il-Medjatur u s-Salvatur tagħna.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Omm Ġesù qaltlu: Ma għandhomx inbid.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann — 2,1-11

F'dak iż-żmien:

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."



Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda". U huma marru jagħtuhulu. U daq l-ilma mibdul fi nbid u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.

## XXXI
## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, GĦAJN TA' SALVAZZJONI

I

### Lezzjoni I

*Rajt l-ilma ħiereġ mit-tempju u kull min intlaħaq minn dan l-ilma, ilkoll raw is-salvazzjoni.*

Qari mill-Ktieb tal-profeta Ezekjel 47, 1-2.8-9.12

F'dawk il-jiem:

L-anġlu ħadni ħdejn il-bieb tas-santwarju tal-Mulej: u ara, kien hemm l-ilma ħiereġ minn taħt il-għatba tas-santwarju lejn il-Ivant — għax is-santwarju kien iħares lejn il-Ivant. U l-ilma kien ħiereġ min-naħa tal-lemin ta' l-għatba, in-naħa ta' nofs-in-nhar ta' l-artal. Imbagħad ħariġni mill-bieb tat-tramuntana u mexxieni madwar, minn barra, sal-bieb ta' barra li jħares lejn il-Ivant; u l-ilma kien inixxi min-naħa tal-lemin ta' l-għatba.

U qalli: "Dan l-ilma, ħiereġ lejn in-naħa tal-Ivant u nieżel lejn il-Għaraba u meta jasal fil-Baħar il-Mejjet b'dak l-ilma mielaħ, l-ilma jsir ħelu. U jiġri li minn kull fejn tgħaddi dik ix-xmara, kull ħaġa li tiċċaqlaq tgħix; u jkun hemm kotra kbira ta' ħut, għax, minn kull fejn igħaddi dak l-ilma, l-ilma jitjieb u jkun hemm il-ħajja minn kull fejn tgħaddi x-xmara.

Fuq iż-żewġ ixtut tax-xmara jikbru siġar ta' kull ġens ta' frott; u l-weraq tagħhom ma jidbielx, il-frott tagħhom ma jonqosx. Kull xahar jagħmlu frott ġdid; għax l-ilma tagħhom ħiereġ mit-tempju, u l-frott tagħhom ikun ikel u l-weraq duwa.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali Is 12, 2-3. 4bcd.5-6 (℟. 3)

℟. Imlew l-ilma mill-egħjun tas-salvazzjoni.

Int Alla tas-salvazzjoni tiegħi;
jiena nittama fik u ma jkollix għax nibża'.
Għax il-qawwa u l-għażla tiegħi l-Mulej;
hu s-salvazzjoni tiegħi.
Kollkom ferħana timlew l-ilma
mill-egħjun tas-salvazzjoni. ℟.

Għannu lill-Mulej, sejħu ismu;
għarrfu lill-ġnus l-egħġubijiet tiegħu,
xandru li ismu huwa fil-għoli. ℟.

Għannu lill-Mulej għax għamel ħwejjeġ kbar;
ħa jkun dan magħruf min-nies kollha ta' l-art.
Aqbeż bil-ferħ, għanni, int li tgħammar f'Sijon,
għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Israel. ℟.

### Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Imbierka inti fost in-nisa
għax ilqajt fi ħdanek 'l Kristu, l-Iben ta' Alla,
u l-Feddej ta' ruħna.
℟. Hallelujah.

### Evanġelju

*Nifidlu ġenbu u ħareġ demm u ilma.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19. 25-37

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek." Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Wara dan, Ġesù, billi issa kien jaf li kollox mitmum, biex isseħħ l-Iskrittura qal: "Għandi l-għatx!" Kien hemm bieqja mimlija bil-ħall: huma xarrbu sponża bil-ħall, waħħluha ma' qażba ta' l-issopo, u ressquhielu lejn ħalqu. Kif

Ġesù ħa l-ħall, qal: "Kollox hu mitmum." Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu.

Billi kien jum it-Thejjija ta' l-Għid, il-Lhud ma ridux li f'jum is-Sibt l-iġsma jibqgħu fuq is-salib, għax dak is-Sibt kien jum solenni għalihom. Talbu mela lil Pilatu biex ikisrulhom riġlejhom u jneħħu l-iġsma. Għalhekk ġew is-suldati u kissru riġlejn ta' l-ewwel u tat-tieni wieħed, li kienu msallbin miegħu. Iżda meta waslu għal Ġesù, billi raw li kien mejjet, ma kisrulux riġlejh. B'dan kollu wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu b'lanza, u minnufih ħareġ demm u ilma.

Dan qiegħed jixhdu min ra b'għajnejh, u x-xhieda tiegħu hija minnha. Hu jaf li qiegħed igħid il-verità, biex intom ukoll temmnu. Għax dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid: "Ebda waħda minn għadmu ma kisrulu." U hemm ukoll kitba oħra fl-Iskrittura li tgħid: "Huma għad iħarsu lejn min nifdu."

Il-Kelma tal-Mulej.



XXXI

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA GĦAJN TA' SALVAZZJONI

II

## Lezzjoni I

*Għajn tal-ġonna, ġiebja ta' ilma ġieri.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet 4,6-7.9.12-15

Qabel ma taqa' s-sirda,
u d-dellijiet jaħarbu,
lejn il-muntanja rrid immur tal-mirra,
lejn ta' l-inċens il-għoljiet.

Kollok sabiħa, ja maħbuba tiegħi,
u tebgħa fik ma hemmx.

Inti sraqtli qalbi, għarusa tiegħi,
inti sraqtli qalbi,
sa b'ħarsa waħda tiegħek.
Sa b'waħda biss mill-ġawhar ta' fuq għonqok!

Ġnien magħluq tajjeb int, oħti, il-għarusa tiegħi,
ġnien magħluq sewwa, għajn issiġillata.
Jinbet ġnien tar-rummien minn ilmijietek
flimkien ma' l-ogħna ħxejjex:

il-ward tal-henna, kif ukoll l-ispika
spika u żagħfran,
qasab ifuħ, kannella,
kull siġra ta' l-inċens,
mirra, sabbara,
u l-aqwa balzmi kollha.

Int għajn tal-ġonna,
int ġiebja ta' ilma ġieri,
nieżel mil-Libanu!

Il-Kelma tal-Mulej.

**Salm responsorjali** **Gud 13, 18bcde.19 (℟. 15,9d)**

℟. Int il-foħrija tal-poplu tagħna.

Imbierka int, binti, minn Alla l-Għoli,
imbierka fost in-nisa kollha tad-dinja;
u mbierek il-Mulej Alla,
li għamel is-smewwiet u l-art. ℟.

It-tama li kellek ma tgħib qatt minn qalb il-bnedmin,
huma u jiftakru fil-qawwa ta' Alla. ℟.

**Vers ta' l-Hallelujah**

℟. Hallelujah.
℣. Imbierka int, Verġni Marija, għax emmint,
għax is-Setgħani għamel miegħek ħwejjeġ kbar.
℟. Hallelujah.

**Evanġelju**

*Minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann **7.37-39a**

Fl-aħħar jum tal-festa, il-jum l-aktar solenni, Ġesù qam igħid b'leħen għoli:

Min jieħdu l-għatx jiġi għandi jixrob. Kif tgħid l-Iskrittura, min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj.

Dan qalu għall-Ispirtu li kellhom jirċievu dawk li jemmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.



XXXII

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, OMM U GĦALLIEMA SPIRITWALI

**Lezzjoni I**

*Min ifittixni, isibni.*

Qari mill-Ktieb tal-Proverbi **8, 17-21.34-35**

Hekk jitkellem l-Għerf ta' Alla:
"Jiena nħobb lil min iħobbni,
jien, min ifittixni jsibni.
Tiegħi huma l-għana u l-ġieh,
ġid bla tarf u saħħa.
Il-frott tiegħi aħjar mid-deheb fin,
u d-dħul tiegħi aqwa minn fidda magħżula.
Jien fit-triq tal-ġustizzja nimxi,
mill-mogħdijiet tas-sewwa ngħaddi,
nagħti l-ġid lil dawk li jħobbuni,
u nimlielhom il-ħażniet tagħhom.

Hieni l-bniedem li jismagħni,
li jinsab kuljum wara biebi;
għax min isib lili jsib il-ħajja,
u jikseb l-imħabba tal-Mulej."

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

*Dari 'dar it-talb' tissejjaħ għall-popli kollha.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija. **56,1.6-7**

Dan igħid il-Mulej:
"Żommu s-sewwa u għamlu l-ġustizzja,
għax is-salvazzjoni tiegħi għoddha waslet,
u l-ġustizzja tiegħi dalwaqt isseħħ."

Ulied il-frustier li ntrabtu mal-Mulej biex jaqduh,
u biex iħobbu isem il-Mulej,
u biex ikunu qaddejja tiegħu,
kull min iħares is-Sibt u ma jiksrux

u jżomm sħiħ fil-patt tiegħi,
lil dawn inwassalhom sal-muntanja mqaddsa tiegħi,
u nferraħhom fid-dar tat-talb tiegħi;
il-vittmi maħruqa u s-sagrifiċċji tagħhom
ikunu jogħġbuni tielgħa minn fuq l-artal tiegħi,
għax dari 'dar it-talb' tissejjaħ għall-popli kollha.

Il-Kelma tal-Mulej.

**Salm responsorjali** **Salm 14,2-3a.3bc-4.5 (℟. ara 1b)**

℟. Il-bniedem ġust joqgħod fuq l-għolja mqaddsa tiegħek.

Min igħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb,
min igħid is-sewwa f'qalbu,
min ma jqassax b'ilsienu, ℟.

min ma jagħmilx deni lil ġaru,
u ma jgħajjarx lil għajru,
min ma jqisx il-bniedem ħażin,
imma jweġġah lil dawk li jibżgħu mill-Mulej, ℟.

min iwiegħed u jżomm kelmtu,
min jislef u ma jitlobx imgħax,
u ma jxaħħamx kontra min hu bla ħtija
min jagħmel dan qatt ma jitħarrek. ℟.

**Vers ta' l-Hallelujah** **Ara Lq 2,19**

℟. Hallelujah.
℣. Hienja l-Verġni Marija
li kienet tgħożż f'qalbha kliem il-Mulej
u taħseb fuqu bejnha u bejn ruħha.
℟. Hallelujah.

**Evanġelju**

*Medd idu lejn id-dixxipli u qal: Dawn, ara, huma ommi u ħuti.*

✠ 12, 46-50

F'dak iż-żmien:
Kif Ġesù kien qiegħed ikellem lin-nies, ġew ommu u qrabatu, waqfu barra u fittxew li jkellmuh. Xi ħadd qallu:



"Ara, ommok u ħutek qegħdin barra jfittxu li jkellmuk." Iżda hu wieġeb lil dak li kellmu, u qallu: "Min hi ommi? U min huma ħuti?"

Imbagħad medd idu lejn id-dixxipli tiegħu u qal: "Dawn, ara, huma ommi u ħuti. Għax kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, dak huwa ħija, u oħti, u ommi."

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

*Hemm hu ibnek. Hemm hi ommok.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann **19,25-27**

F'dak iż-żmien:

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.
Meta kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."
U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## XXXIII
## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA OMM IL-PARIR IT-TAJJEB

### Lezzjoni I

*Ingħatalna Kunsillier ta' l-għaġeb.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 9,1-3.5-6

Il-poplu li kien miexi fid-dlam
ra dawl kbir;
in-nies li joqogħdu f'art id-dlam
dawl kbir idda fuqhom.
Int kattart il-ġens,
kabbart il-ferħ;
huma ferħu quddiemek,
bħalma jifirħu fi żmien il-ħsad,
bħalma jifirħu fil-qsim tal-priża.
Għax il-madmad li kien itaqqlu,
u l-ħatar ta' fuq spallejh,
u l-bastun ta' l-argużin,
int kissirthom bħal f'jum Midjan.

Għax tweldilna tifel,
ingħatalna iben,
u s-saltna tkun fuq spallejh,
u jsemmuh:
Kunsillier ta' l-għaġeb, Alla setgħan,
Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem.

Kbira tkun saltnatu,
u sliem bla qjies
fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu.
Hu jwettaqha u jsaħħaħha
bil-ħaqq u s-sewwa,
minn issa u għal dejjem.
Il-ħeġġa tal-Mulej ta' l-eżerċti tagħmel dan.

Il-Kelma tal-Mulej.



jew:

*Ilkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' Marija omm Ġesù.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli 1,12-14; 21-4

Wara li Ġesù tela' s-sema, l-Appostli reġgħu lura Ġerusalemm mill-għolja msejħa taż-żebbuġ, li hi 'l bogħod mill-belt daqs mixja tas-Sibt, jiġifieri xi nofs mil. X'ħin daħlu l-belt telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu. Huma kienu Pietru u Ġwanni, Ġakbu u Indri, Filippu u Tumas, Bartilmew u Mattew, Ġakbu bin Alfew u Xmun igħidulu l-Imħeġġeġ, u Ġuda bin Ġakbu.

U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija omm Ġesù u ma' qrabatu.

Kien nhar Għid il-Ħamsin, u huma kienu lkoll flimkien f' post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skond ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali Sir 14, 22.23.24-25.26-27 (℟.22a)

℟. Imbierek il-bniedem li ħsiebu fil-għerf.

Imbierek il-bniedem li ħsiebu fil-għerf,
u jitkellem bil-għaqal.
B'moħħu jifli t-triqat tiegħu,
u jikkunsidra l-ħwejjeġ mistura tiegħu. ℟.

Joħroġ warajh bħal kaċċatur,
u joqogħdu għassa fit-triqat tiegħu,
jittawwal minn ġewwa t-twieqi tiegħu,
u jissemmagħlu mal-bibien tiegħu. ℟.

Imur joqgħod ħdejn id-dar tiegħu,
itella' l-għarix ħdejn id-dar tiegħu,
u jsammar il-kunjard mal-ħajt tiegħu.
Maġenbu jtella' t-tinda tiegħu,
u jgħammar fejn isib dak li hu tajjeb. ℟.

Iqiegħed lil uliedu għall-kenn tiegħu,
u jgħammar taħt il-friegħi tiegħu.
Taħtu jistkenn mis-sħana,
u jmur joqgħod fil-glorja tiegħu. ℟.

**Vers ta' l-Hallelujah** Prov 8,14

℟. Hallelujah.
℣. Jiena għandi l-fehma u l-għaqal,
jiena għandi d-dehen u s-setgħa.
℟. Hallelujah.

**Evanġelju**

*Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: Agħmlu kull ma jgħidilkom hu.*

Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 2,1-11

F'dak iż-żmien:

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."

Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma" U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf minnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb, imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.



XXXIV

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, BIDU TAL-FERħ TAGħNA

**Lezzjoni I**

*Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena, bint Sijon.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Żakkarija 2, 14-17

Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena,
bint Sijon,
għaliex arani ġej
biex ngħammar f'nofsok
— oraklu tal-Mulej —
u kotra kbira ta' ġnus
jingħaqdu dak in-nhar mal-Mulej;
u huma jkunu l-poplu tiegħi.
U jiena ngħammar f'nofsok;
imbagħad int tagħraf
li l-Mulej ta' l-eżerċti bagħatni għandek.

U l-Mulej jieħu 'l Ġuda
bħala sehmu mill-wirt fl-Art imqaddsa,
u jerġa' jaħtar lil Ġerusalemm!
Żommu skiet quddiem il-Mulej
intom il-ħajjin ilkoll,
għax stenbaħ mill-għamara mqaddsa tiegħu.

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

*Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 61, 9-11

Nisilkom ikun magħruf fost il-ġnus,
u wliedkom qalb il-popli.
Kull min jarahom jagħrafhom
li huma nisel imbierek mill-Mulej.

Nifraħ fuq li nifraħ bil-Mulej,
taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi.

Għax hu libbisni bi lbies is-salvazzjoni,
bil-mantar tal-ġustizzja għattieni,
bħal għarus imżejjen b'kuruna,
bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha.
Bħalma l-art tnibbet,
bħalma l-ġnien inibbet il-miżrugħ fih,
hekk il-Mulej inibbet il-ġustizzja u l-foħrija,
quddiem kollha kemm huma l-ġnus.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali

Lq 1, 46-48.49-50.53-54 (℟. ara Is 61,10b)

℟. Taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jsejjaħli hienja. ℟.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar,
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu. ℟.

Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Israel qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, verġni Marija,
int il-hena tal-bnedmin kollha
għaliex bla ma ttiefset xbubitek
tajtna 'l Kristu, is-salvazzjoni u l-ferħ tagħna.
℟. Hallelujah.



## Evanġelju

*Meta Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha t-tarbija qabżet bil-ferħ fil-ġuf tagħha.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1,39-47

F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu, u nfexxet f'għajta kbira u qalet:

"Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja t-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej."

Imbagħad qalet Marija:
"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi."

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

*Il-ferħ tiegħi jkun fikom.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 15,9-12

F'dak iż-żmien:

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu f'imħabbti, kif jiena ħarist il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu. Għidtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ.

Dan hu l-kmandament tiegħi, li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien."

Il-Kelma tal-Mulej.

## XXXV

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, ĦARSIEN TAL-FIDI

### Lezzjoni I

*Ġibt fix-xejn l-egħdewwa tagħna.*

Qari mill-Ktieb ta' Ġuditta 13, 14.17-20

F'dawk il-jiem:

Ġuditta qalet lill-poplu b'leħen għoli:
"Faħħru lil Alla, faħħru lil Alla,
għax ma warrabx il-ħniena tiegħu
minn dar Israel;
dal-lejl farrak l-egħdewwa tagħna
bis-saħħa ta' idejja."

Il-poplu kollu għal dan il-kliem baqa' ibluh, u baxxew rashom u bdew jaduraw lil Alla, u għollew leħenhom u qalu:
"Imbierek int, o Alla tagħna,
għax ġibt fix-xejn l-egħdewwa tagħna".

U Għuzzija qalilha:
"Imbierka inti, binti
minn Alla l-Għoli,
imbierka fost in-nisa kollha tad-dinja.

U mbierek il-Mulej Alla,
li għamel is-smewwiet u l-art,
li wasslek biex qtajt ras
il-kap ta' l-egħdewwa tagħna.
It-tama li kellek ma tgħib qatt
minn qalb il-bnedmin
huma u jiftakru fil-qawwa ta' Alla.

Jalla l-Mulej jagħmel
li dan ikun ta' tifħir għalik għal dejjem,
u jżurek b'kull ġid,
għax int ma bżajtx għal ħajtek
imma ħriġt tilqa' kontra r-rovina li kienet thedditna,
u bqajt mixja dritta fit-triq ta' Alla tagħna."

Il-Kelma tal-Mulej.



### Salm responsorjali — Salm 26, 1.3.4.5 (℟. ara 9cd)

℟. Inti l-għajnuna tiegħi, Alla tas-salvazzjoni tiegħi.

Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi,
minn min għandi nibża'?
Il-Mulej hu l-kenn tiegħi:
quddiem min għandi nitwerwer? ℟.

Imqar jekk eżerċtu jqum għalija,
xejn ma tibża' qalbi;
imqar jekk gwerra tqum kontrija,
jiena nibqa' qalbi qawwija. ℟.

Ħaġa waħda tlabt il-Mulej,
ħaġa waħda nfittex;
li ngħammar f'dar il-Mulej
tul il-jiem kollha ta' ħajti,
biex nitgħaxxaq bil-ħlewwa tal-Mulej,
u nbakkar fit-tempju tiegħu. ℟.

Għax hu jaħbini fl-għarix tiegħu
meta nsib ruħi fil-għawġ;
jistorni fis-satra ta' daru,
fuq blata fil-għoli jqegħdni. ℟.

### Vers ta' l-Hallelujah — Ara Salm 39, 3-4

℟. Hallelujah.
℣. Fuq blata qegħidli riġlejja
qegħidli fuq fommi għanja ġdida
℟. Hallelujah.

### Evanġelju

*Hieni l-ġuf li ġiebek.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 11.27

F'dak iż-żmien:

Waqt li Ġesù kien ikellem lin-nies, kien hemm waħda mara li għolliet leħinha minn qalb il-folla u qaltlu: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt".

Iżda hu qalilha: "Imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha!"

Il-Kelma tal-Mulej.

XXXVI

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA OMM L-IMĦABBA SAFJA

### Lezzjoni I

*Jiena omm l-imħabba safja.*

Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak 24, 23-31

Jien bħal dielja tarmi żahar li jiġbdek,
u n-nwar tiegħu jagħmel frott ta' glorja u ġid.
Jien omm l-imħabba safja,
il-biża' u l-għerf u t-tama qaddisa.
Ersqu lejja intom li tixtiquni,
u mtlew bil-frott tiegħi.
Għax it-tifkira tiegħi aktar ħelwa mill-għasel,
u s-sehem tiegħi minn xehda għasel.
Min jiekol minni jieħdu l-ġuħ għal aktar,
u min jixrob minni jieħdu l-għatx għal aktar.
Min jisma' minni ma jkollux għax jistħi,
u dawk li jaħdmu bija ma jidinbux.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali

Għan. 2,10bc u 14ef; 4, 8a u 9a. 11cd u 12.15 (℟. ara 4,7)

℟. Kollok sabiħa, Verġni Marija, u tebgħa fik ma hemmx!

Maħbuba tiegħi, qum,
  ejja, sabiħa tiegħi!
għax leħnek ħleju,
  u sbejjaħ wiċċek. ℟.

Ejja minn fuq il-Libanu,
  oħti, għarusa tiegħi,
int sraqtli qalbi, għarusa tiegħi,
  int sraqtli qalbi! ℟.



Riħet l-ilbiesi tiegħek
  bħal dik tal-Libanu.
Ġnien magħluq tajjeb inti oħti, għarusa tiegħi,
  ġnien magħluq tajjeb, għajn issiġillata. ℟.

Int għajn tal-ġonna,
  int ġiebja ta' ilma ġieri,
  nieżel mil-Libanu! ℟.

### Vers ta' l-Hallelujah

Ara Lq 1,28

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja,
il-Mulej miegħek,
imbierka inti fost in-nisa.
℟. Hallelujah.

### Evanġelju

*Ifraħ, mimlija bil-grazzja.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1, 26-38

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija jisimha Nazaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, middar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek". Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser dik it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba jien verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.



XXXVII

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA OMM IT-TAMA QADDISA

## Lezzjoni I

*Jiena omm it-tama qaddisa.*

Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak 24,14-16.24-31

Qabel kull żmien, fil-bidu, ħalaqni,
u sa l-aħħar taż-żmien ma niġix nieqes.
Għamiltha ta' qaddej quddiemu fl-Għarix Imqaddes,
u hekk ġejt imqiegħed fis-sod f'Sijon.
Bl-istess mod qegħidni nistrieħ fil-belt maħbuba,
u s-setgħa tiegħi kienet fuq Ġerusalemm.
U xenxilt l-egħruq tiegħi f'poplu ta' ġieħ,
f'sehem il-Mulej, fil-wirt tiegħu.

Jien omm l-imħabba safja,
il-biża' u l-għerf u t-tama qaddisa.

Ersqu lejja intom li tixtiquni,
u mtlew bil-frott tiegħi.
Għax it-tifkira tiegħi hi aktar ħelwa mill-għasel,
u s-sehem tiegħi minn xehda għasel.
Min jiekol minni jieħdu l-għatx għal aktar.
Min jisma' minni ma jkollux għax jistħi,
u dawk li jaħdmu bija ma jidinbux.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali Lq 1,46-48a.48b-49.50-51.52-53.54-55

℟. Sliem għalik, Marija, tama tagħna.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi.
Għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. ℟.

Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel isejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar,
qaddis hu l-isem tiegħu. ℟.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. ℟.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. ℟.

Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Omm qaddisa u Verġni bla mittiefsa,
Sultana glorjuża tad-dinja,
itlob għalina lil Alla li għażlek.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Omm Ġesù kienet hemm.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 2, 11-11

F'dak iż-żmien:

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx nbid." U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."

Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi



mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġrar bl-ilma". U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda". U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid, u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li hu inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.

## XXXVIII
## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA OMM L-GĦAQDA

### Lezzjoni I

*F'dak iż-żmien niġmagħkom.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Sofonija 3, 14-20

Għajjat bil-ferħ ta' qalbek, bint Sijon,
Israel, semma' leħnek!
Infexx fil-hena u ifraħ b'qalbek kollha,
ja bint Ġerusalemm!
Neħħa l-Mulej minn fuqek is-sentenza
li kellek kontra tiegħek,
keċċa l-egħdewwa tiegħek.
Is-sultan ta' Israel, il-Mulej, hu f'nofsok;
ma jkollokx iżjed ħsara minn xiex tibża'.
Dak in-nhar igħidu lil Ġerusalemm:
"Tibżax, Sijon,
tħallix idejk jintelqu:
il-Mulej Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok,
gwerrier li jsalva;
minħabba fik jithenna b'hena kbir,
fi mħabbtu jġeddek,
jinfexx minħabba fik f'agħjat ta' ferħ,
bħallikieku f'jum ta' festa."
"Il-ħsara nwarrab minnek,
biex bil-għajb tiegħek ma tibqax mgħobbija.
Ara, jiena nagħmel qerda dak in-nhar
minn kull min ħaqrek,
u nsalva 'l dawk li għotru,
u nerġa' nsejjaħ lejja l-imkeċċija,
inqegħidhom għat-tifħir, nagħmlilhom isem fl-art kollha,
meta nerfagħhom mill-miżerja tagħhom,
Jien f'dak iż-żmien inġibkom,
u f'dak iż-żmien niġmagħkom,
tassew nagħmlilkom isem,
sabiex nerfagħkom mill-miżerja tagħkom
quddiem għajnejkom stess," igħid il-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej.



jew:

*Wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-Bniedem Kristu Ġesù.*

Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju 2, 5-8

Għażiż:

Wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-Bniedem Kristu Ġesù, li ta lilu nnifsu bħala prezz tal-fidwa għal kulħadd, u x-xhieda ta' dan ingħatat f'waqtha. Hu għal dan li jien kont magħmul xandâr u appostlu — qiegħed ngħid is-sewwa, m'iniex nigdeb — biex ngħallem lill-ġnus il-fidi u l-verità.

Nixtieq li l-irġiel jitolbu flimkien, jerfgħu 'l fuq idejn safja bla għadab u bla ġlied.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali Ġer 31,10.11-12ab.13-14 (℟. ara 10c)

℟. Ilgbor, Mulej, il-poplu tiegħek li xxerred.

Isimgħu, ġnus, il-kelma tal-Mulej,
xandruha 'l bogħod fil-gżejjer:
għidu: Dak li xerred lil Israel, jiġbru,
u jħarsu kif ragħaj iħares il-merħla tiegħu. ℟.

Għax il-Mulej feda lil Ġakobb,
ħelsu minn id wieħed aqwa minnu.
Għad jiġu u jgħannu fuq l-għolja ta' Sijon,
u wiċċhom jiddi minħabba t-tjieba tal-Mulej
minħabba l-qamħ, u l-inbid ġdid u ż-żejt,
u l-imrieħel tan-ngħaġ u l-baqar. ℟.

Imbagħad jifirħu x-xbejbiet bil-ferħ,
jifirħu ż-żgħażagħ u x-xjuħ;
u jiena nbiddel il-viżtu tagħhom f'hena,
infarraġhom u nferraħhom wara l-hemm tagħhom. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Ħa tingħabar il-Knisja tiegħek, Mulej,
minn truf l-art kollha fis-saltna tiegħek,
Għax tiegħek hi l-qawwa u tiegħek il-glorja
b'Ġesù Kristu għal dejjem ta' dejjem.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Jiġbor ġemgħa waħda l-ulied Alla li kienu mxerrdin.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 11. 45-52

F'dak iż-żmien:

Ħafna mil-Lhud li kienu ġew għand Marija u raw dak li għamel Ġesù, emmnu fih. Imma xi wħud minnhom marru għand il-Fariżej u qalulhom x'kien għamel Ġesù. Għalhekk il-qassisin il-kbar u l-Fariżej laqqgħu s-Sanhedrin, il-Kunsill tagħhom, u qalu: "X'sejrin nagħmlu? Għax dan il-bniedem qiegħed jagħmel ħafna sinjali. Jekk inħalluh sejjer hekk, kulħadd jemmen fih, u jiġu r-Rumani u jeqirdulna kemm it-tempju u kemm il-ġens tagħna."

Imma wieħed minnhom, Kajfa, li kien il-qassis il-kbir dik is-sena, qalilhom: "Intom ma tafu xejn. Anqas ma intom tqiesu li jaqblilkom jekk imut bniedem wieħed għall-poplu, u mhux jinqered il-ġens kollu."

Hu dan ma qalux minn moħħu, imma billi dik is-sena nzerta kien il-qassis il-kbir, huwa kien imnebbaħ u ħabbar li Ġesù kellu jmut għall-ġens tiegħu, u mhux għall-ġens tiegħu biss, imma wkoll biex jiġbor ġemgħa waħda l-ulied Alla li kienu mxerrda.

Il-Kelma tal-Mulej.



jew:

*Biex ikunu ħaġa waħda f'kollox.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 17,20-26

F'dak iż-żmien:

Ġesù refa' għajnejh lejn is-sema, talab u qal: "Missier qaddis, m'iniex nitlob għal dawn biss, imma wkoll għal dawk li għad jemmnu fija bis-saħħa tal-kelma tagħhom: nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif int fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni.

Il-glorja li int tajt lili jiena tajtha lilhom, biex ikunu ħaġa waħda bħalma aħna ħaġa waħda: jiena fihom u inti fija, biex isiru ħaġa waħda għal kollox, ħalli d-dinja tagħraf li inti bgħattni u li ħabbejt lilhom kif ħabbejt lili.

Missier, irrid li dawk li tajtni jkunu huma wkoll miegħi fejn inkun jien, biex jaraw il-glorja tiegħi, il-glorja li tajtni int, għaliex int ħabbejtni sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.

Missier ġust, tassew li d-dinja ma għarfitekx, imma jien għaraftek, u dawn għarfu li inti bgħattni. U jiena għarrafthom ismek u għad ngħarrafhulhom iżjed biex l-imħabba li biha ħabbejtni tkun fihom u jiena fihom.

Il-Kelma tal-Mulej.

It-tielet taqsima

**Din it-taqsima għandha tmien formularji f'ġieh il-Verġni Marija b'titoli li juru l-qawwa tal-interċessjoni tagħha kollha ħniena favur l-insara.**

**Il-formularji**

39. Il-Verġni mqaddsa Marija, Sultana u Omm il-ħniena

40. Il-Verġni mqaddsa Marija, Omm il-provvidenza ta' Alla

41. Il-Verġni mqaddsa Marija, Omm il-faraġ

42. Il-Verġni mqaddsa Marija, Għajnuna ta' l-insara

43. Il-Verġni mqaddsa Marija tal-fidwa

44. Il-Verġni mqaddsa Marija, saħħa tal-morda

45. Il-Verġni mqaddsa Marija, Sultana tal-paċi

46. Il-Verġni mqaddsa Marija, bieb tas-sema .

## XXXIX

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA
## SULTANA U OMM IL-ĦNIENA

I

### Lezzjoni I

*Is-sultana Ester titlob għall-poplu.*

Qari mill-Ktieb ta' Ester — 4,17n.p.r.aa-bb.hh-kk

F'dawk il-jiem:
Is-sultana Ester qabadha biża' għall-mewt u fittxet il-kenn tal-Mulej.

Imbagħad talbet lill-Mulej u qaltlu:
"Mulejja, int waħdek is-sultan tagħna.
Għinni għax jien waħdi,
u ma għandi ebda kenn ieħor ħliefek,
u bħalissa għaddejja minn periklu kbir.
Sa minn ċkuniti, fi ħdan il-familja ta' missirijieti,
jien kont nisma' li int, Mulej,
għażilt lil Israel minn fost il-ġnus kollha
biex ikunu l-wirt tiegħek għal dejjem.
U issa għinni, lili,
li jiena waħdi
u ma għandi lil ħadd ħliefek, Mulej.
Alla, li għandek setgħa fuq kollox,
isma' l-għajta ta' dawk li qatgħu jieshom,
u eħlisna minn idejn il-ħżiena,
Eħlisni mill-biża' tiegħi."

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali

Lq 1, 46-48a.48b-49.50-51,52-53.54-55 (℟. ara 50)

℟. Il-ħniena tal-Mulej tinfirex f'kull żmien.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. ℟.

Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel isejjaħli hienja,
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar,
qaddis hu l-isem tiegħu. ℟.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. ℟.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. ℟.

Ħa ħsieb Israel qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Sultana tad-dinja ta' ġieħ liema bħalu,
Marija dejjem Verġni,
itlob għas-sliem u s-salvazzjoni tagħna,
int li nissilt lill-Mulej, is-Salvatur tagħna lkoll.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Omm Ġesù kienet hemm.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 2,1-11

F'dak iż-żmien:
Sar tieġ f'Kana tal-Galilija u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."



Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma". U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu. U daq l-ilma mibdul fi nbid, u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.

XXXIX
L-IMQADDSA VERĠNI MARIJA
SULTANA U OMM IL-ĦNIENA

II

## Lezzjoni I

*Alla għani fil-ħniena.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin 2,4-10

Ħuti:
Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejtin minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu — bi grazzja intom salvi. Qajjimna miegħu u qegħidna fis-smewwiet ma' Kristu Ġesù biex juri fiż-żminijiet li ġejjin il-għana bla qjies tal-grazzja tiegħu bit-tjieba li wera magħna fi Kristu Ġesù.

Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa tagħkom imma b'don ta' Alla; mhux bl-opri biex ħadd ma jiftaħar. Aħna ħolqien tiegħu, maħluqa fi Kristu Ġesù biex nagħmlu l-opri tajba li Alla hejjielna minn qabel li għandna nagħmlu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali

Salm 102,1-2.3-4. 6 u 8. 13 u 17 (℞. ara 17a)

℞. It-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem.

Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej;
b'qalbi kollha mbierek l-isem qaddis tiegħu.
Bierek, ruħ tiegħi l-Mulej,
u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek. ℞.

Hu li jaħfer dnubietek kollha;
ifejjaq il-mard tiegħek kollu;
jifdi l-ħajtek mill-qabar;
iħaddnek bit-tjieba u l-ħniena. ℞.



Il-Mulej jagħmel is-sewwa
u l-ħaqq mal-maħqurin tiegħu.
Ħanin u twajjeb il-Mulej,
idum ma jagħdab u kollu mogħdrija. ℞.

Bħalma jħenn il-missier għal uliedu,
hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża' tiegħu.
Imma t-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem,
ma' dawk li għandhom il-biża' tiegħu,
u s-sewwa tiegħu ma' wlied uliedhom. ℞.

## Vers ta' l-Hallelujah

℞. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Omm il-Mulej,
Sultana tal-ħniena,
faraġ tad-dinja u tama tal-imsejknin.
℞. Hallelujah.

## Evanġelju

*Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1,39-55

F'dawk il-granet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu, u nfexxet f'għajta kbira u qalet:

"Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm l-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej."

Imbagħad qalet Marija:
"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi.
Għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddeja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;

qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

Il-Kelma tal-Mulej.



XL

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA OMM IL-PROVVIDENZA DIVINA

### Lezzjoni I

*Bħalma omm tfarraġ lil binha, hekk jien infarraġ lilkom.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 66,10-14

Ifirħu lil Ġerusalemm, thennew biha,
intom ilkoll ħbieb tagħha!
Aqbżu bil-ferħ, intom ilkoll li qsamtu swied il-qalb magħha.
Hekk intom terdgħu u tixbgħu minn sider il-faraġ tagħha;
terdgħu u titgħaxxqu mis-sider mimli tagħha.

Għaliex dan igħid il-Mulej: "Arani!
Se nifrex fuqha s-sliem bħal xmara,
u bħal xmara tfur bil-ġid tal-ġnus.
U intom terdgħu u fuq id-dirgħajn tintrefgħu,
u jżiegħlu bikom fuq l-irkobbtejn.
Bħalma omm tfarraġ lil binha, hekk jiena nfarraġ lilkom
u f'Ġerusalemm titfarrġu.
Taraw u tifraħ qalbkom,
u għadamkom bħal ħaxix iħaddar;
u jagħarfu fil-qaddejja tiegħu id il-Mulej,
u l-korla tiegħu fuq l-egħdewwa tiegħu."

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali Salm 130,1.2.3.(℟. ara Salm 56,2c)

℟. Fik, Mulej, jien insib il-kenn tiegħi.
Mulej, ma tkabbritx qalbi,
anqas ma ntrefgħu għajnejja;
jien ma ġrejtx wara ħwejjeġ kbar,
jew wara ħwejjeġ ogħla minni. ℟.

Imma żammejt ruħi fil-kwiet u l-mistrieħ,
bħal tarbija f'ħoġor ommha;
bħal tarbija miftuma,
hekk hi ruħi ġewwa fija. ℟.

Ittama, Israel, fil-Mulej,
minn issa u għal dejjem. ℟.

**Vers ta' l-Hallelujah** Ġw 2,1

℟. Hallelujah.
℣. Sar tieġ f'Kana tal-Galilija
u omm Ġesù kienet hemm.
℟. Hallelujah.

**Evanġelju**

*Omm Ġesù kienet hemm. Id-dixxipli tiegħu emmnu fih.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 2,1-11

F'dak iż-żmien:

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx nbid". U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."

Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma". U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda". U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ l-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.



## XLI
## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, OMM IL-FARAĠ

**Lezzjoni I**

*L-Ispirtu tal-Mulej bagħatni ndewwi l-qalb miksura.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 61, 1-3.10-11

L-Ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi
għax il-Mulej ikkonsagrani,
biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin,
bagħatni ndewwi l-qalb miksura;
biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin,
u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs;
biex inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej
u jum il-vendetta ta' Alla tagħna;
biex infarraġ lill-imnikktin,
biex inferraħ lil dawk li jibku f'Sijon,
nagħtihom kuruna flok l-irmied,
żejt ta' ferħ flok l-ilbies ta' vistu,
il-għana tal-foħrija flok ruħ mitluqa.

Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej,
taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi,
Għax hu libbisni bi lbies is-salvazzjoni,
bil-mantar tal-ġustizzja għattieni,
bħal għarus imżejjen b'kuruna,
bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha.
Bħalma l-art tnibbet,
bħalma l-ġnien inibbet il-miżrugħ fih,
hekk il-Mulej inibbet il-ġustizzja u l-foħrija,
quddiem kollha kemm huma l-ġnus.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Alla jfarraġ lilna biex nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm.*

Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin 1, 3-7

Ħuti:
Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħnie-

na u Alla ta' kull faraġ. Hu jfarraġna fil-hemm kollu tagħna, biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm. Bħalma joktru fina s-sofferenzi ta' Kristu, hekk ukoll permezz ta' Kristu joktor fina l-faraġ.

In-niket tagħna jservi għall-faraġ u s-salvazzjoni tgaħkom; u jekk nitfarrġu, dan iservi għall-faraġ tagħkom, li jaħdem fikom biex ikollkom il-qawwa tissapportu s-sofferenzi li aħna nissapportu wkoll. B'hekk it-tama tagħna fikom hi dejjem qawwija, għax aħna nafu li, kif intom taqsmu magħna s-sofferenzi tagħna, hekk ukoll taqsmu l-faraġ tagħna.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali — Is 12,1.2-3.4bcd.5-7 (℟. 3)

℟. Timlew l-ilma mill-egħjun tas-salvazzjoni.

Inroddlok ħajr, Mulej,
għaliex għadabt għalija;
imma l-korla tiegħek reġgħet lura,
u int farraġtni. ℟.

Ara, int Alla tas-salvazzjoni tiegħi;
jien nittama u ma jkollix għax nibża'.
Għax il-qawwa tiegħi u l-għana tiegħi l-Mulej;
u s-salvazzjoni tiegħi hu.
Kollkom ferħana timlew l-ilma
mill-egħjun tas-salvazzjoni. ℟.

Għannu lill-Mulej, sejħu lil ismu,
għarrfu lill-ġnus l-egħġubijiet tiegħu,
xandru li ismu huwa fil-għoli. ℟.

Għannu lill-Mulej għax għamel ħwejjeġ kbar;
ħa jkun dan magħruf min-nies kollha ta' l-art.
Aqbeż bil-ferħ, għanni, int li tgħammar f'Sijon,
għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Israel. ℟.



## Vers ta' l-Hallelujah — Mt 5,5

℟. Hallelujah.
℣. Henjin l-imnikkta,
għax huma jkunu mfarrġa.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Henjin l-imnikkta għax ikunu mfarrġa.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew — 5,1-12

Fdak iż-żmien:
Kif ra l-folol, Ġesù tela' fuq il-muntanja, qagħad bilqiegħda, u resqu lejh id-dixxipli tiegħu. Fetaħ fommu u qabad igħallimhom u jgħid:

"Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.

Henjin l-imnikkta, għax huma jkunu mfarrġa.

Henjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b'wirthom l-art.

Henjin dawk li huma bil-ġuħ u bil-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin.

Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena.

Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla.

Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla.

Henjin dawk li huma ippersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-smewwiet.

Henjin intom meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom minħabba fija. Ifirħu u thennew għax ħlaskom kbir fis-smewwiet. Hekk kienu jippersegwitaw lill-profeti.

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**
*Nitlob lill-Missier u hu jagħtihom Difensur ieħor, biex jibqa' dejjem magħkom.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' Sn Ġwann 14.15-21.25-27

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:

Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi. U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' dejjem magħkom, l-Ispirtu tal-verità, li d-dinja ma tistax tirċevih, għax hija la tarah u anqas tagħarfu. Iżda intom tagħarfuh, għaliex igħammar magħkom u huwa fikom.

Ma nħallikomx iltiema. Nerġa' niġi għandkom. Ftit ieħor, u d-dinja ma taranix aktar. Iżda intom għad tarawni, għax jiena ngħix, u intom ilkoll għad tgħixu. F'dak il-jum intom tagħarfu li jiena f'Missieri u intom fija u jiena fikom. Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni; u min iħobb lili, iħobbu wkoll l-Missier, u jiena wkoll inħobbu u nurih lili nnifsi.

Għidtilkom dan meta għadni magħkom. Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, igħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għidtilkom. Jiena nagħtikom is-sliem: nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja. Tħallux qalbkom titħawwad u anqas tibeżża'."

Il-Kelma tal-Mulej.



# XLII
# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA GĦAJNUNA TA' L-INSARA

## Lezzjoni I

*Deher sinjal kbir fis-sema.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi 12,1-3.7-12ab.17

Deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha. Hija kienet fit-tqala u bdiet tgħajjat bl-uġigħ tal-ħlas u tbati biex teħles.
Imbagħad fis-sema deher sinjal ieħor: ara, Dragun kbir minn lewn in-nar, b'sebat irjus u għaxart iqrun, u b'seba' djademi fuq irjusu.
Imbagħad qamet gwerra fis-sema: Mikiel u l-anġli tiegħu jitqabdu mad-Dragun. U d-Dragun u l-anġli tiegħu tqabdu, iżda ma kellhomx ħila jegħelbu, u ma kienx hemm iżjed post għalihom fis-sema. U ġie mwaddab id-Dragun il-kbir, is-Serp tal-qedem, li hu msejjaħ id-Demonju u x-Xitan, il-qarrieq tad-dinja kollha, kien imwaddab għal fuq l-art, u miegħu kienu mwaddba l-anġli tiegħu.

U smajt leħen qawwi mis-sema jgħid:
"Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa,
u s-Saltna ta' Alla tagħna,
u s-setgħa tal-Kristu tiegħu.
Għax twaddab 'il barra dak li jixli 'l ħutna,
li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna.
U huma ħarġu rebbieħa fuqu
permezz tad-demm tal-Ħaruf
u bis-saħħa tal-kelma li xehdu,
u ma għożżewx ħajjithom,
minkejja saħansitra l-mewt.
Għalhekk ifirħu, smewwiet,
u intom li tgħammru fihom."

U d-Dragun imtela bil-korla għall-Mara, u mar biex jagħmel gwerra mal-bqija ta' nisilha, ma' dawk li jħarsu l-preċetti ta' Alla u li għandhom ix-xhieda ta' Ġesù.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:
*Inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara.*

Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi

3,1-6.13-15

Is-serp kien l-aktar wieħed li jilħaqlu fost l-annimali selvaġġi kollha, li kien għamel il-Mulej Alla. U qal lill-mara: "Tassew li Alla qalilkom: 'La tiklux mis-siġar kollha tal-ġnien'?"
U l-mara wieġbet lis-serp: "Mill-frott tas-siġar fil-ġnien nistgħu nieklu. Imma mill-frott li hemm f'nofs il-ġnien, Alla qalilna: 'La tiklux minnu, u lanqas ma għandkom tmissuh, inkella tmutu'." U s-serp qal lill-mara: "Le, żgur li ma tmutux. Imma Alla jaf li dak in-nhar li tieklu minnu jinfetħu għajnejkom u ssiru bħal allat, li tafu t-tajjeb u l-ħażin." U l-mara rat li s-siġra kienet tajba għall-ikel u tiġbdek fil-għajn, u s-siġra tħajrek biex tikseb id-dehen; u ħadet mill-frott u kielet. Imbagħad tat ukoll lil żewġha, li kien magħha u kiel.

U l-Mulej qal lill-mara: "X'inhu dan li għamilt?" U l-mara wieġbet: "Is-serp qarraq bija, u jien kilt." U l-Mulej Alla qal lis-serp:

Talli għamilt dan, misħut int
fost il-bhejjem kollha
u fost l-annimali selvaġġi.
Għal żaqqek titkaxkar,
u t-trab ta' l-art tiekol
il-jiem kollha ta' ħajtek.
U jien inqajjem mibegħda
bejnek u bejn il-mara,
bejn nislek u nisilha,
u hu jisħaqlek rasek,
u int tisħaqlu għarqubu."

Il-Kelma tal-Mulej.



**Salm responsorjali** Ġud 16,13.14.15 (R/d. 2d)

R/. Faħħru l-Mulej u sejħu l-isem tiegħu.

Għanja ġdida jien ngħanni lil Alla tiegħi;
Mulej int kbir u glorjuż;
qawwitek ta' l-għaġeb,
ma jegħelbek ħadd! R/.

Ħa jaqduk il-ħlejjaq kollha,
għax int għidt kelma, u kollox sar.
Int bgħatt l-ispirtu tiegħek u ħalaqhom;
ma hemm xejn li jieqaf lill-kelma tiegħek. R/.

Il-muntanji u l-ibħra jitħeżħżu mis-sisien;
u l-blat quddiemek jinħall bħax-xama';
iżda għal dawk li jibżgħu minnek,
m'għandekx ħlief ħniena. R/.

**Vers tal-Hallelujah** Lq 1,45

R/. Hallelujah.
V/. Hienja dik li emmnet
li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej .
R/. Hallelujah.

**Evanġelju**
*Dan kien l-ewwel wieħed fost is-sinjal tiegħu.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 2,1-11

F'dak iż-żmien:
Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."
Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xfar. Imba-

għad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda". U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu l-ilma kienu jafu, sejjaħ l-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel fost issinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxpli emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.



XLIII

IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAL-FIDWA

Lezzjoni I

*Id il-Mulej kienet ta' faraġ għalija.*

Qari mill-Ktieb ta' Ġuditta 15,8-10; 16,13-14

F'dawk il-jiem:

Ġojakim, il-qassis il-kbir, u l-kunsill ta' l-anzjani tal-poplu ta' Israel, li kien f'Ġerusalemm, marru biex jaraw il-ġid li għamel il-Mulej ma' Israel, jaraw lil Ġuditta u jsellmulha. Malli resqu lejha, bdew ifaħħruha lkoll b'leħen wieħed u jgħidulha:

"Bik titkabbar Ġerusalemm!
Bik tiftaħar, Israel!
Int il-foħrija tal-poplu tagħna!
B'ħiltek waħdek għamilt dan!
Għamilt il-ġid lil Israel,
u Alla għoġbu!
Tkun imbierka mill-Mulej,
li ħalaq kollox,
għal dejjem ta' dejjem!"

U l-poplu kollu wieġeb: "Amen! Amen!"

U Ġuditta bdiet tgħanni:
"Għanja ġdida jien ngħanni lil Alla tiegħi:
Mulej, int kbir u glorjuż;
qawwietek ta' l-għaġeb,
ma jegħelbek ħadd!
Ħa jaqduk il-ħlejjaq kollha,
għax int għidt kelma, u kollox sar.
Int bgħatt l-ispirtu tiegħek u ħalaqhom;
ma hemm xejn li jieqaf lill-kelma tiegħek."

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali Lq 1, 46-48a.48b-49.50.52-53.54-55

℟. Il-Mulej ħenn għall-poplu tiegħu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. ℟.

Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel isejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu. ℟.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. ℟.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. ℟.

Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah Lq 1,45

℟. Hallelujah.
℣. Hienja int, Verġni Marija,
għax emmint li jseħħ kull ma bagħat igħidlek il-Mulej.
℟. Hallelujah.



## Evanġelju

*"Mara, hemm hu ibnek."*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19,25-27

F'dak iż-żmien:

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek." Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.

XLIV

IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA,
SAĦĦA TAL-MORDA

## Lezzjoni I

*Refa' fuqu l-mard tagħna.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 53, 1-5.7-10

Min kien jemmen l-aħbar tagħna?
U driegħ il-Mulej lil min intwera?
Bħal xitla kiber quddiemna,
u bħal għerq minn art niexfa.
Ebda sura ma kellu,
u ebda ġmiel biex iħarsu lejh,
jew xi sura biex nitgħaxxqu bih.
Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin,
bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard,
bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu
bniedem imżeblaħ, u aħna xejn ma qisnieh.
Iżda hu refa' fuqu l-mard tagħna,
tgħabba bin-niket tagħna.
Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat
milqut minn Alla u miġjub fix-xejn.
Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna,
misħuq minħabba fi ħżunitna.
Għas-sahħa tagħna waqa' l-kastig fuqu,
u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna.

Haqruh, u hu qagħad għalihom
bla biss ma fetaħ fommu;
bħal ħaruf meħud għall-qatla,
u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha,
ma fetaħx fommu.
Bil-forza u l-ħaqq neħħewh;
u min qagħad jaħseb fuq xortih?
Iva, qaċċtuh mill-art tal-ħajjin,
minħabba d-dnub tal-poplu tiegħi kien midrub.
u tawh qabar mal-ħżiena
u mal-għonja difnuh



għalkemm ma għamel ebda deni,
u minn fommu ma ħareġ ebda qerq.
Iżda l-Mulej għoġbu jgħakksu bil-mard.
Jekk joffri ruħu b'sagrifiċċju ta' riparazzjoni,
huwa għad jara nisel u jtawwal jiemu;
u r-rieda tal-Mulej isseħħ fih.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali Salm 102, 1-2.3-4. 6-7. 8 u 10 (℟. 1a.3b)

℟. Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej, li jfejjaq il-mard tiegħek kollu.

Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej;
b'qalbi kollha mbierek l-isem qaddis tiegħu.
Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej,
u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek. ℟.

Hu li jaħfer dnubietek kollha,
ifejjaq il-mard tiegħek kollu;
jifdi l-ħajtek mill-qabar;
iħaddnek bit-tjieba u l-ħniena. ℟.

Il-Mulej jagħmel is-sewwa,
u l-ħaqq mal-maħqurin kollha.
Hu għarraf lil Mosè l-ħsieb tiegħu,
u l-egħmejjel tiegħu lil ulied Israel. ℟.

Ħanin u twajjeb il-Mulej,
idum ma jagħdab u kollu mogħdrija,
Ma mexiex magħna skond ma ħaqqhom ħtijietna;
ma ħallasniex skond ma ħaqqha ħżunitna. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Hienja int, Verġni Marija,
għax emmint kull ma bagħat igħidlek il-Mulej.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1,39-56

F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret ħaffef lejn l-għoljiet f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellimilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu, u nfexxet f'għajta kbira u qalet:

"Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek. U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi. Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej."

Imbagħad qalet Marija:
"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom,
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

Il-Kelma tal-Mulej.



# XLV

# IL-VERĠNI MARIJA SULTANA TAL-PAĊI

## Lezzjoni I

*Kbira tkun saltnatu u sliem bla qjies.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 9, 1-3.5-6

Il-poplu li kien miexi fid-dlam
ra dawl kbir,
in-nies li joqogħdu f'art id-dlam
dawl kbir idda fuqhom.
Int kattart il-ġens,
kabbart il-ferħ;
huma ferħu quddiemek, bħalma jifirħu fi żmien il-ħsad,
bħalma jifirħu fi qsim il-priża.
Għax il-madmad li kien itaqqlu,
u l-ħatar ta' fuq spallejh,
u l-bastun ta' l-argużin,
int kissirthom bħal f'jum Midjan.

Għax tweldilna tifel,
ingħatalna iben;
is-saltna tkun fuq spallejh,
u jsemmuh:
"Kunsillier ta' l-għaġeb, Alla setgħan,
Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem."

Kbira tkun saltnatu,
u s-sliem bla qjies
fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu.
Hu jwettaqha u jsaħħaħha
bil-ħaqq u s-sewwa
minn issa u għal dejjem.
Il-ħeġġa tal-Mulej ta' l-eżerċti tagħmel dan.

Il-Kelma tal-Mulej.

Salm responsorjali

Salm 84, 9ab-10.11-12.13-14 (℟. ara 9)

℟. Il-Mulej is-sliem ixandar għall-poplu tiegħu.

Ħa nisma' xi jgħid Alla:
il-Mulej is-sliem ixandar għall-poplu u l-ħbieb tiegħu.
Qrib hi tassew is-salvazzjoni tiegħu,
għal dawk li jibżgħu minnu,
biex igħammar is-sebħ f'artna. ℟.

It-tjieba u l-fedeltà jiltaqgħu,
il-ġustizzja u s-sliem jitbewsu.
Il-fedeltà mill-art tinbet,
u l-ġustizzja mis-sema tixref. ℟.

Il-Mulej ukoll jagħti l-ġid tiegħu,
u artna tagħti l-frott tagħha.
Il-ġustizzja quddiemu timxi,
u s-sliem fuq il-passi tiegħu. ℟.

Vers ta' l-Hallelujah Ara Lq 1,28

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja,
il-Mulej miegħek,
imbierka inti fost in-nisa.
℟. Hallelujah.

Evanġelju

*Inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1,26-38

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija jisimha Nazaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek". Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser dik it-tislima.



Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddeja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek". U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

# XLVI

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, BIEB TAS-SEMA

## Lezzjoni I

*Rajt Ġerusalemm il-ġdida mhejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi — 21, 1-5a

Jien, Ġwanni, rajt sema ġdid u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu u ma kienx hemm iżjed baħar. U l-Belt qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema, mingħand Alla, imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.

U smajt leħen qawwi ġej mit-tron igħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom. Hu jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom: ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew agħjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel."

Imbagħad dak li hu bilqiegħda fuq it-tron qal: "Ara, se nġedded kollox."

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali — Salm 121, 1-2.3-4.8-9 (℟. ara 1b)

℟. Immorru ferħana f'dar il-Mulej.

Fraħt meta qaluli:
"Sejrin f'dar il-Mulej!"
Diġà qegħdin riġlejna
fi bwiebek, Ġerusalemm. ℟.

Ġerusalemm mibnija bħal belt,
magħquda ħaġa waħda,
Lejha t-tribujiet jitilgħu,
it-tribujiet tal-Mulej,
biex skond il-liġi ta' Israel,
ifaħħru isem il-Mulej. ℟.



Minħabba ħuti u ħbiebi,
ħallini ngħidlek: "Is-sliem għalik!"
Minħabba f'dar il-Mulej, Alla tagħna,
nixtieq li jkollok il-ġid. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Il-bibien tas-sema, magħluqin minn Eva, infetħu bik, Verġni Marija.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Ara, l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew — 25, 1-13

F'dak iż-żmien:

Ġesù qal din il-parabbola lid-dixxipli tiegħu:
Is-Saltna tas-smewwiet inxebbhuha ma' għaxar xebbiet li ħarġu bl-imsiebaħ tagħhom biex jilqgħu l-għarus. Ħamsa minnhom kienu boloh u ħamsa għaqlin, għax il-boloh ħadu l-imsiebaħ imma ma ħadux żejt magħhom, waqt li l-għaqlin ħadu mhux biss l-imsiebaħ iżda wkoll iż-żejt fil-kwies.

Il-għarus iddawwar ma ġie, u għalhekk ilkoll ħadhom in-ngħas u raqdu. Imbagħad f'nofs ta'lejl instema' min igħajjat: "Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!" Dawk ix-xebbiet qamu lkoll u hejjew l-imsiebaħ tagħhom. Iżda l-boloh qalu lill-għaqlin: "Agħtuna ftit żejt minn tagħkom, għax l-imsiebaħ tagħna intfew." Qabżu l-għaqlin u qalu: "Għandu mnejn ma jibqax biżżejjed, la għalina u lanqas għalikom! L-aħjar morru għand tal-ħanut u ixtru għalikom."
X'ħin dawk marru biex jixtru, jiġi l-għarus, dawk li kienu lesti daħlu miegħu għall-festa tat-tieġ, u l-bieb ingħalaq. Sa fl-aħħar waslu wkoll ix-xebbiet l-oħra, u bdew igħajtu, "Mulej, Mulej, iftħilna!" Iżda hu weġibhom u qal, "Tassew, ngħidilkom, lilkom ma nafkomx."
Ishru mela għax la tafu l-jum u lanqas is-siegħa.

Il-Kelma tal-Mulej.

APPENDICI

F'dan l-Appendici jinsabu xi siltiet (I. Lezzjonijiet mit-Testment il-Qadim; II. Lezzjonijiet mit-Testment il-Ġdid; III. Evanġelji) meħudin mill-Ordni għall-Qari jew minn xi Proprji, li ċ-ċelebrant jista' juża flok il-qari li hemm għal kull formularju, skond in-normi mfissra fin-n. 4c) tat-Tagħrif ta' qabel ta' dan il-ktieb. Iċ-ċelebrant, meta jiġi biex jagħmel l-għażla, irid dejjem iqis il-misteru li jrid jiċċelebra u ż-żmien liturġiku wkoll.

I

## LEZZJONI I MIT-TESTMENT IL-QADIM

1

### Lezzjoni I

*Ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni.*

Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi 22,1-2.9-13.15-18

F'dawk il-jiem:

Alla ried igarrab lil Abraham u qallu: "Abraham!" U hu wieġbu: "Hawn jien!" U qallu: "Aqbad lil ibnek il-waħdieni, li inti tħobb, lil Iżakk; u mur lejn l-art ta' Morija, u hemm offrih b'sagrifiċċju ta' ħruq fuq waħda mill-għoljiet li se ngħidlek."

U waslu fil-post li kien semmielu Alla; u hemm Abraham bena artal u firex il-ħatab fuqu, u rabat lil ibnu Iżakk u qiegħdu fuq l-artal, fuq il-ħatab. U Abraham medd idu u qabad is-sikkina biex joqtol lil ibnu.

U sejjaħlu l-anġlu tal-Mulej mis-smewwiet u qallu: "Abraham! Abraham!" U dan wieġbu: "Hawn jien!" U qallu: "La tmiddx idek fuq iż-żagħżugħ u tagħmillu ebda ħsara; għax issa naf li tibża' minn Alla, u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni." U Abraham refa' għajnejh, ta ħarsa madwaru, u ra muntun, u offrih b'sagrifiċċju tal-ħruq minflok ibnu.

U għat-tieni darba l-anġlu tal-Mulej sejjaħ lil Abraham mis-smewwiet u qallu: "Naħlef fuq ruħi — oraklu tal-Mulej — la darba int għamilt ħaġa bħal din, u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni jien imbierkek żgur u nkattarlek sewwa lil nislek bħal kwiekeb tas-sema u bħar-ramel f'xatt il-baħar; u nislek għad jiret bwieb l-egħdewwa tiegħu. U jitbierku b'nislek il-ġnus kollha ta' l-art talli smajt minn kelmti."

Il-Kelma tal-Mulej.

**Salm responsorjali** Salm 15, 5 u 8.9-10.11 (℟. 1)

℟. Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn.

Mulej, inti s-sehem tal-wirt u tar-riżq tiegħi,
inti żżomm f'idejk xortija.
Inżomm il-Mulej dejjem quddiemi,
għax bih f'leminti qatt ma nitħarrek. ℟.

Hekk tifraħ qalbi u tithenna ruħi,
u ġismi wkoll jistrieħ fil-kwiet.
Għax int ma titlaqnix fl-imwiet,
ma tħallix il-maħbub tiegħek jara l-qabar. ℟.

Int tgħallimni t-triq tal-ħajja;
hemm il-milja tal-għerf quddiemek,
hemm il-għaxqa għal dejjem f'lemintek. ℟.

2

## Lezzjoni I

*Dan mhux ħlief dar Alla u dak bieb is-smewwiet.*

Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi 28,10-17

F'dawk il-jiem:

Ġakobb ħareġ minn Barsaba u telaq lejn Haran. U wasal f'post santwarju, u waqaf biex igħaddi l-lejl, għax ix-xemx kienet niżlet, u ħa waħda mill-ħaġar li kien hemm u għamilha mħadda għal rasu, u raqad f'dak is-santwarju.

U ħolom, u ra taraġ tiela' mill-art bil-quċċata tiegħu fis-sema; u beda jara l-anġli telgħin u neżlin miegħu. U lemaħ il-Mulej wieqaf ħdejh, u dan qallu: "Jien il-Mulej, Alla ta' Abraham, missierek, u Alla ta' Iżakk. L-art li int rieqed fuqha lilek nagħtiha, u lil nislek. U jkun nislek bħat-trab ta' l-art, u int għad tinfirex lejn il-punent u lejn il-lvant, lejn it-tramuntana u lejn nofs-in-nhar, u jitbierku bik u bin-nisel tiegħek it-tribujiet kollha ta' l-art. Arani, jien miegħek u nħarsek kull fejn tmur, u nerġa' nġibek f'din l-art, għax jien ma nitilqekx qabel ma ntemm kull ma għidtlek."

Imbagħad stenbaħ Ġakobb mir-raqda tiegħu u qal: "Tassew hawn Alla f'dan il-post, u jien ma ntbaħtx." U beża' u qal: "Kemm hu tal-biża' dan il-post santwarju. Dan mhux ħlief dar Alla u dak bieb is-smewwiet!"

Il-Kelma tal-Mulej.

**Salm responsorjali**
Salm 23, 1-2.3-4ab.5-6 (℟. ara 2 Kron 7, 16a)

℟. Ħtart għalija dan il-post u qaddistu.

Tal-Mulej hi l-art u kull ma fiha,
id-dinja u kull ma jgħix fiha.
Għax hu fuq l-ibħra waqqafha,
u fuq ix-xmajjar fis--sod qegħidha. ℟.

Min jista' jitla' fuq il-għolja tal-Mulej,
min joqgħod fil-post imqaddes tiegħu?
Min għandu idejh indaf u qalbu safja,
min ma jagħtix ruħu għal frugħa. ℟.

Dan ikollu barka mingħand il-Mulej,
u l-ħlas li ħaqqu minn Alla, is-salvatur tiegħu.
Dan hu n-nisel ta' dawk li jfittxuh,
li jfittxu 'l wiċċek, Alla ta' Ġakobb. ℟.

3

## Lezzjoni I

*Bħalma l-għolliq, li ra Mosè, ma nħaraqx bin-nar, hekk baqgħet bla mittiefsa xbubitek.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Esodu 3, 1-8

F'dawk il-jiem:

Mosè kien jirgħa l-merħla ta' ħatnu Ġetru, qassis ta' Midjan, u ħa l-merħla 'l hemm fid-deżert, u wasal sa ħdejn Ħoreb, il-muntanja ta' Alla. Hawn deherlu l-anġlu tal-Mulej f'ħuġġieġa nar qalb l-għolliq. Mosè ħares u ra l-għolliq jaqbad bin-nar bla ma jintemm.

Mosè qal: "Ħa nersaq u nara din id-dehra ta' l-għaġeb għala mhux jinħaraq l-għolliq." Il-Mulej rah riesaq biex jara, u Alla sejjaħlu minn qalb l-għolliq u qallu: "Mosè, Mosè!"

U Mosè wieġeb: "Hawn jien!"

U l-Mulej qallu: "La tersaqx 'il hawn. Neħħi l-qorq minn riġlejk, għax il-post li inti fuqu hu art qaddisa." U ssokta jgħidlu: "Jien hu Alla ta' missirijietek, Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk u Alla ta' Ġakobb." Mosè għatta wiċċu, għax beża' jħares lejn Alla.

U l-Mulej qallu: "Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu. U jien smajt il-karba tagħhom minħabba fl-argużini tagħhom u għaraft l-uġigħ tagħhom. Issa nżilt biex neħlishom minn idejn l-Eġizzjani u biex ntellagħhom minn din l-art u neħodhom f'art tajba u wiesgħa, f'art tnixxi l-ħalib u l-għasel."

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali — Salm 102, 1-2.3-4.6-7.8 u 11 (℟. 8a)

℟. Ħanin u twajjeb il-Mulej.

Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej;
    b'qalbi kollha mbierek l-isem qaddis tiegħu.
Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej,
    u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek. ℟.



Hu li jaħfer dnubietek kollha;
    ifejjaq il-mard tiegħek kollu;
jifdi l-ħajtek mill-qabar;
    iħaddnek bit-tjieba u l-ħniena. ℟.

Il-Mulej jagħmel is-sewwa,
    u l-ħaqq mal-maħqurin kollha.
Hu għarraf lil Mosè l-ħsieb tiegħu,
    l-egħmejjel tiegħu lil ulied Israel. ℟.

Ħanin u twajjeb il-Mulej;
    idum ma jagħdab u kollu mogħdrija.
Daqs kemm huma s-smewwiet 'il fuq mill-art,
    hekk bi kbira tjubitu ma' min jibża' minnu. ℟.

4

## Lezzjoni I

*Titla' kewkba minn Ġakobb u jqum xettru minn Israel.*

Qari mill-Ktieb tan-Numri 24, 15-17a

F'dawk il-jiem:

Balgħam beda jitkellem u jgħid:
"Il-kelma ta' Balgħam, bin Begħor:
l-oraklu ta' bniedem b'għajnejh miftuħa;
l-oraklu ta' wieħed jisma' kliem Alla,
ta' wieħed jagħraf il-għerf ta' l-Għoli,
u jara dehriet Alla li jista' kollox,
u jaqa' fl-art u għajnejh mikxufa.

Qiegħed naraha, imma mhux għalissa;
inħares lejha, imma mhux fil-qrib.
Għad titla' kewkba minn Ġakobb,
u jqum xettru minn Israel;
u jkisser ngħas Mowab,
u jeqred ulied Set."

Il-Kelma tal-Mulej.

**Salm responsorjali** Salm 71, 1-2.7-8.12-13.17 (℟. 7)

℟. Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja u sliem kotran.

O Alla, agħti lis-sultan il-ħaqq tiegħek,
il-ġustizzja tiegħek lil bin is-sultan,
biex jiġġudika l-poplu tiegħek bil-ġustizzja,
u bil-ħaqq l-imsejknin tiegħek. ℟.

Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja,
u sliem kotran sa ma jintemm il-qamar.
Isaltan minn baħar sa baħar,
u mix-xmara sa truf l-art. ℟.

Għax hu jeħles il-fqir li jsejjaħlu,
u lill-imsejken li ma għandux min igħinu.
Iħenn għad-dgħajjef u għall-fqajjar;
il-ħajja tal-fqajrin isalva. ℟.

Ismu jibqa' jissemma' għal dejjem;
idum ismu sakemm iddum ix-xemx!
Bih jitbierku l-ġnus kollha ta' l-art;
il-popli kollha jsejħulu hieni. ℟.





## Lezzjoni I

*Il-Mulej ta li titqal u tiled tifel. Semmewh Għobed: hu missier Ġessi, missier David.*

Qari mill-Ktieb ta' Rut 2,1-2.8-11; 4, 13-17

Nagħomi kellha wieħed jiġi minnha minn naħa ta' żewġha: kien bniedem għani ħafna u kien jismu Bogħaż.

U Rut, il-Mowabija, qalet lil Nagħomi: "Ħa mmur fir-raba' u nlaqqat iż-żbul minn wara min insib ħniena f'għajnejh". U Nagħomi weġbitha: "Mur, binti".

U Bogħaż qal lil Rut: "Ara, qiegħda tisma', binti? Tmurx tlaqqat f'għalqa oħra. U lanqas ma għandek twarrab minn hawn: ibqa' mal-ħaddiema bniet tiegħi. Żomm għajnejk fuq il-għalqa li jkunu ħasdu, u imxi warajhom. Ara, wissejt il-ħaddiema biex ma jmissukx. Meta jieħdok l-għatx mur ħdejn il-ġarar, u ixrob mnejn jixorbu l-ħaddiema."

U niżlet wiċċha fl-art u qaltlu: "Kif sibt ħniena f'għajnejk u ħarist lejha jien, li jiena mara barranija?"

U wieġeb Bogħaż: "Qaluli kull ma għamilt mal-kunjata wara l-mewt ta' żewġek; ħallejt lil missierek u lil ommok u lil art twelidek, u tlaqt għal għand poplu li int xejn ma kont tafu qabel."

Bogħaż ħa lil Rut u saret martu, u resaq lejha, u l-Mulej ta li titqal u tiled iben.

In-nisa bdew igħidu lil Nagħomi: "Imbierek il-Mulej, li ma ċaħħdekx minn qarib feddej illum; ismu jkun magħruf f' Israel. Hu jfarraġlek ruħek u jwieżnek fi xjuħitek għaliex wilditu mart ibnek, li tħobbok, u li għalik hi aħjar minn seba' wlied." U Nagħomi ħadet it-tarbija, u qegħditha f' ħoġorha u ħaditha biex trabbiha.

U n-nisa tawha isem u qalu: "Nagħomi tweldilha tifel!" U semmewh Għobed. Hu missier Ġessi, missier David.

Il-Kelma tal-Mulej.

Salm responsorjali I Sam 1.4-5.6-7.8abcd (℟. ara 1a)

℟. Ferħet qalbi f'Alla s-salvatur tiegħi.

Ferħet qalbi bil-Mulej;
intrefgħet rasi fil-Mulej;
iddieħak fommi bl-egħdewwa tiegħi,
għax fraħt bis-salvazzjoni tiegħek. ℟.

Ikisser il-qaws tal-qawwijin,
u d-dgħajfin tħażżmu bil-ħila.
L-imxebbgħin bil-ħobż inkrew,
u ma baqgħux jitħabtu l-imġewħin.
Il-mara bla tfal wildet sebgħa,
u dbielet il-mara b'ħafna tfal. ℟.

Il-Mulej jibgħat il-mewt u jagħti l-ħajja,
inizżel fl-imwiet u jtalla'.
Il-Mulej ifaqqar u jagħti l-ġid,
ibaxxi u jgħolli wkoll. ℟.

Iqajjem mit-trab l-imsejken,
u l-fqajjar jerfgħu mill-miżbla.
U jqegħidhom mal-kbarat,
biex jirtu tron ta' ġieħ. ℟.

6

## Lezzjoni I

*Toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġessi.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 11,1-5.10

Dak in-nhar:
Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġessi,
għad tinbet rimja minn egħruqu;
fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej,
l-ispirtu ta' l-għerf u d-dehen,
l-ispirtu ta' l-għaqal u l-qawwa,



l-ispirtu ta' l-għerf u l-biża' tal-Mulej,
u l-għaxqa tiegħu fil-biża' tal-Mulej.
Ma jiġġudikax skond ma jidher fl-għajnejn,
u ma jagħtix sentenza skond ma jisma',
iżda jiġġudika l-imsejknin skond il-ġustizzja,
u jagħti sentenza skond is-sewwa lill-fqajrin ta' l-art.
Isawwat il-kiefra bix-xettru ta' fommu,
u b'nifs xoftejh joqtol il-ħażin.
Il-ħżiem ta' ġenbejh tkun il-ġustizzja,
u l-fedeltà l-ħżiem ta' qaddu.

Imbagħad jiġri f'dak il-jum
li l-għerq ta' Ġessi jieqaf
bħala sinjal għall-popli
Lilu jfittxu l-ġnus,
u l-għamara tiegħu tkun imsebbħa.

Il-Kelma tal-Mulej.

Salm responsorjali Salm 71, 1-2.7-8.12-13.17 (℟. 7)

℟. Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja u sliem kotran.

O Alla, agħti lis-sultan il-ħaqq tiegħek,
il-ġustizzja tiegħek lil bin is-sultan.
Biex jiġġudika l-poplu tiegħek bil-ġustizzja,
u bil-ħaqq l-imsejknin tiegħek. ℟.

Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja,
u sliem kotran sa ma jintemm il-qamar.
Isaltan minn baħar sa baħar,
u mix-xmara sa truf l-art. ℟.

Għax hu jeħles il-fqir li jsejjaħlu,
u lill-imsejken li ma għandux min igħinu,
Iħenn għad-dgħajjef u għall-fqajjar;
il-ħajja tal-fqajrin isalva. ℟.

Ismu jibqa' jissemma' għal dejjem;
idum ismu sakemm iddum ix-xemx!
Bih jitbierku l-ġnus kollha ta' l-art;
il-popli kollha jsejħulu hieni. ℟.

## Lezzjoni I

*Sa meta teħles dik li hi fl-uġigħ tal-ħlas.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Mikea 5,1-4a

Dan igħid il-Mulej:
Int, Betlehem ta' Efrata,
ċkejkna fost il-familji ta' Ġuda,
minnek għad joħroġli
dak li jkun prinċep f'Israel;
hu għandu l-bidu tiegħu mill-qedem,
sa minn dejjem ta' dejjem.
Għalhekk il-Mulej jitlaqhom
sa meta teħles dik li hi fl-uġigħ tal-ħlas;
imbagħad il-bqija ta 'ħutu jerġgħu lura
fost ulied Israel.
U hu joqgħod jirgħa l-merħla tiegħu
bil-qawwa tal-Mulej,
bil-glorja ta' isem il-Mulej, Alla tiegħu.
U huma jgħammru fi żgur,
għax issa tkun kbira setgħetu,
sat-trufijiet ta' l-art.
U dan ikun is-sliem.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali Salm 2, 7-8.10-11 (℟. 8a)

℟. Il-ġnus nagħtik b'wirtek.

Irrid inxandar id-digriet tal-Mulej;
hu qalli: "Ibni int, jien illum nissiltek.
Itlobni, u l-ġnus nagħtik b'wirtek,
u truf l-art bi priża tiegħek. ℟.

U issa, slaten, ifhmu sewwa;
twiddbu, intom li taħkmu l-art.
Aqdu l-Mulej bil-biża',
u bir-rogħda riglejh busu. ℟.





## Lezzjoni I

*Ifraħ kemm tiflaħ, bint Sijon.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Zakkarija 9,9-10

Dan igħid il-Mulej:
"Ifraħ kemm tiflaħ, bint Sijon;
għajjat bil-ferħ, bint Ġerusalemm!
Ara, is-sultan tiegħek ġej għandek;
ġust u rebbieħ,
umli u riekeb fuq ħmar,
fuq felu ta' ħmara.

Hu jeqred il-karru minn Efrajm
u ż-żiemel minn Ġerusalemm;
jinqered il-qaws tal-gwerra,
Hu jxandar il-paċi lill-ġnus,
il-ħakma tiegħu tkun minn baħar sa baħar,
u mix-xmara tal-Ewfrat sat-trufijiet.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali Salm 71, 1-2.7-8.12-13.1 (℟. 7)

℟. Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja u sliem kotran.

O Alla, agħti lis-sultan il-ħaqq tiegħek,
il-ġustizzja tiegħek lil bin is-sultan,
biex jiġġudika l-poplu tiegħek bil-ġustizzja,
u bil-ħaqq l-imsejknin tiegħek. ℟.

Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja,
u sliem kotran sa ma jintemm il-qamar.
Isaltan minn baħar sa baħar,
u mix-xmara sa truf l-art. ℟.

Ismu jibqa' jissemma' għal dejjem;
idum ismu sakemm iddum ix-xemx!
Bih jitbierku l-ġnus kollha ta' l-art;
il-popli kollha jsejħulu hieni! ℟.

II

## LEZZJONI I MIT-TESTMENT IL-ĠDID

9

### Lezzjoni I

*Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-ħajja.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani 5,12.17-19

Ħuti:

Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu.

Għax jekk minħabba l-ħtija ta' wieħed waħdu saltnet il-mewt permezz ta' dak il-wieħed, aktar u aktar dawk li jirċievu l-kotra tal-grazzja u d-don tal-ġustizzja għad isaltnu fil-ħajja permezz ta' wieħed li hu ta' Alla, Kristu.

Mela kif bil-ħtija ta' wieħed waħdu waslet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' wieħed waslet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja. Għax kif bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru ġusti.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali

Salm 39, 7-8a.8b-9.10.11 (℟. ara 8a u 9a)

℟. Hawn jien, ġej, Mulej, biex nagħmel ir-rieda tiegħek.

Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti;
imma widnejja inti ftaħtli;
ma tlabtnix vittmi ta' ħruq u ta' tpattija,
Imbagħad jien għidt: "Hawn jien, ġej." ℟.

Fil-bidu tal-ktieb hemm miktub fuqi
li nagħmel ir-rieda tiegħek:
Alla tiegħi, dan jogħġobni;
il-liġi tiegħek ġewwa qalbi. ℟.

Xandart il-ġustizzja f'ġemgħa kbira;
xofftejja ma żammejthomx magħluqa.
Mulej, dan inti tafu.
Ma ħbejtx f'qalbi l-ġustizzja tiegħek;
il-fedeltà u s-salvazzjoni tiegħek jien ħabbarthom;
ma ħbejtx it-tjieba u l-fedeltà tiegħek
lill-ġemgħa kbira. ℟.

10

### Lezzjoni I

*Dawk li hu għarafhom, ippredestinahom.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani 8,28-30

Ħuti:

Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejħin skond il-providenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom. Għax lil dawk li hu għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu s-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa; lil dawk li hu ippredestinahom, sejħilhom ukoll; lil dawk li sejħilhom, iġġustifikahom ukoll; lil dawk imbagħad li iġġustifikahom, igglorifikahom ukoll.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali

Salm 8, 4-5.6-7a.7b-9 (℟. 2a)

℟. Mulej, Alla tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!

Inħares lejn is-smewwiet, egħmil subgħajk,
il-qamar u l-kwiekeb li int qegħidt fihom!
Xinhu l-bniedem biex tiftakar fih,
bin il-bniedem biex taħseb fih? ℟.

Ftit inqas mill-allat għamiltu,
bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu,
qegħidtu fuq l-egħmejjel kollha ta' idejk! ℟.

Kollox taħt riglejh qegħidtlu:
in-ngħaġ u l-baqar kollha, sal-bhejjem tax-xagħri,
L-għasafar ta' l-ajru u l-ħut tal-baħar
dak kollu li jterraq fil-baħar. ℟.

## Lezzjoni I

*Aqsmu ġidkom mal-qaddisin li jinsabu fil-bżonn.*

Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani **12, 9-16a**

Ħuti:

Qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor: taħmlux il-ħażen, żommu t-tajjeb. Ħobbu lil xulxin bħal aħwa, fittxu li tistmaw lil xulxin. Tħallux il-ħrara tagħkom tibred, tħeġġu fl-ispirtu, servu lill-Mulej. Ifirħu bit-tama, stabru filhemm, itolbu bla waqfien. Aqsmu ġidkom mal-qaddisin li jinsabu fil-bżonn; ilqgħu f'darkom il-barranin. Bierku lil dawk li jippersegwitawkom; bierku u la tisħtu lil ħadd.

Ifirħu ma' min jifraħ, ibku ma' min jibki. Aħsbu f'xulxin listess, taħsbux fi ħwejjeġ kbar, imma fittxu l-umli.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali — Salm 130, 1.2.3. (℟. ara salm 56,2c)

℟. Fik, Mulej, jien insib il-kenn tiegħi.

Mulej, ma tkabbritx qalbi,
lanqas ma ntrefgħu għajnejja;
jien ma ġrejtx wara ħwejjeġ kbar,
jew wara ħwejjeġ ogħla minni. ℟.

Imma żammejt ruħi fis-skiet u l-mistrieħ,
bħal tarbija f'ħoġor ommha:
bħal tarbija miftuma,
hekk hi ruħi ġewwa fija. ℟.

Ittama, Israel, fil-Mulej,
minn issa u għal dejjem! ℟.





## Lezzjoni I

*L-ewwel Kristu, wara dawk li huma ta' Kristu.*

Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin **15, 20-26**

Ħuti:

Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet, l-ewwel frott fost dawk li raqdu. Għaliex, jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ukoll jiksbu l-ħajja fi Kristu. Imma kulħadd kif imissu: jibda l-ewwel frott li hu Kristu, wara dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu. Imbagħad it-tmiem, meta Kristu jeħi s-saltna f'idejn Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u kull qawwa.

Għax jeħtieġ li hu jsaltan, sa ma jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh. Fl-aħħar jinqered l-aħħar għadu: il-Mewt.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali — Salm 15, 5 u 8.9-10.11 (℟.1)

℟. Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn.

Mulej, is-sehem tal-wirt u r-riżq tiegħi,
inti żżomm f'idejk xortija.
Inżomm il-Mulej dejjem quddiemi,
għax bih f'lemini qatt ma nitħarrek. ℟.

Hekk tifraħ qalbi u tithenna ruħi,
u ġismi wkoll jistrieħ fil-kwiet.
Għax int ma titlaqnix fl-imwiet,
ma tħallix il-maħbub tiegħek jara l-qabar. ℟.

Int tgħallimni t-triq tal-ħajja;
hemm il-milja tal-ferħ quddiemek,
hemm il-għaxqa għal dejjem f'lemintek. ℟.

## Lezzjoni I

*Tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu.*

Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin
15,54-57

Ħuti:
Meta dak li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, meta dak li jmut jilbes l-immortalità, imbagħad iseħħ dak li hemm miktub: "Imbelgħet il-mewt fir-rebħa. Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja Mewt, in-niggieża tiegħek?"
In-niggieża tal-mewt hi d-dnub, hu l-qawwa tad-dnub hi l-liġi. Nizżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali  Salm 117, 14-15.16-17.19-21 (℟. 1a)

℟. Faħħru l-Mulej, għax hu tajjeb.

Qawwa tiegħi u l-għana tiegħi l-Mulej;
hu kien għalija s-salvazzjoni tiegħi.
Agħjat ta' ferħ u rebħ fl-għarajjex tat-tajbin:
il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila! ℟.

Il-leminija tal-Mulej 'il fuq merfugħa,
il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila!
Ma mmutx, imma nibqa' ngħix,
u nħabbar l-għemejjel tal-Mulej. ℟.

Iftħuli l-bibien tal-ġustizzja;
ħa nidħol minnhom u nrodd ħajr lill-Mulej.
Dan hu bieb il-Mulej;
il-ġusti jidħlu minnu.
Niżżik ħajr talli weġibtni
u kont għalija s-salvazzjoni tiegħi. ℟.





## Lezzjoni I

*Għażilna fi Kristu sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin
1,3-6.11-12

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu:
li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali,
fis-smewwiet fi Kristu.
Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja;
biex inkunu qaddisa u bla tebgħa
quddiemu fl-imħabba.
Iddestinana li nkunu għalih
ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu:
hekk għoġob lir-rieda tiegħu
għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu,
li biha mliena fil-Maħbub tiegħu.
Fih aħna wkoll konna magħżula, iddestinati minn qabel skond il-pjan imfassal minn qabel minn min imexxi kollox skond il-fehma tar-rieda tiegħu, sabiex inkunu għat-tifħir tal-glorja tiegħu, aħna, li sa minn qabel, konna nittamaw fi Kristu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali

Is 61,10a-d.f.11; 62.2-3 (℟. ara Ef 2,4)

℟. Lilek għażel Alla biex tkun qaddisa u bla tebgħa.

Nifraħ fuq li nifraħ bil-Mulej,
taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi,
Għax hu libbisni bi lbies is-salvazzjoni,
bil-mantar tal-ġustizzja għattieni
bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha. ℟.

Bħalma l-art tnibbet,
bħalma l-ġnien inibbet il-miżrugħ fih,
hekk il-Mulej inibbet il-ġustizzja u l-foħrija,
quddiem kollha kemm huma l-ġnus. ℟.

Il-ġustizzja tiegħek għad jarawha l-ġnus,
u s-sebħ tiegħek jarawh is-slaten kollha.
B'isem ġdid għad isejħulek,
isem li għad jagħżlu fomm il-Mulej. ℟.

15

## Lezzjoni I

*Intemm dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin 1,21-24

Ħuti:
Intom ukoll kontu 'l bogħod minn Alla u egħdewwa tiegħu minħabba l-ħażen ta' ħsibijietkom u egħmilkom; imma issa sirtu ħbieb tiegħu permezz tal-mewt tal-ġisem tal-Iaħam ta' Ibnu, biex iressaqkom quddiemu qaddisa, safja u bla għajb, kemm-il darba intom iżżommu sħaħ fil-fidi; sodi bla ma titħarrku mit-tama ta' l-Evanġelju li intom smajtu; u li tħabbar lill-ħlejjaq kollha taħt is-smewwiet; u li tiegħu jien, Pawlu, sirt ministru.

Jien issa nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għax bihom jiena ntemm f'ġismi, dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali Salm 115, 12-13.15-16bc.17-18 (℟.17a)

℟. Lilek, Mulej, noffri sagrifiċċju ta' radd il-ħajr.

Xi nrodd lill-Mulej
għall-ġid kollu li għamel miegħi?
Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni,
u isem il-Mulej insejjaħ. ℟.

Għażiża f'għajnejn il-Mulej
ħi l-mewt tal-ħbieb tiegħu.
Jien qaddej tiegħek, bin il-qaddejja tiegħek,
Int ħallejtli l-irbit tiegħi. ℟.



Lilek noffri sagrifiċċju ta' radd il-ħajr,
u isem il-Mulej insejjaħ.
Intemm lill-Mulej il-wegħdiet tiegħi,
quddiem il-poplu tiegħu kollu. ℟.

16

## Lezzjoni I

*Tgħallem xi tfisser ubbidjenza u sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem.*

Qari mill-Ittra lil-Lhud 5,7-9

Meta kien igħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah millmewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla. Għad li kien Iben, tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza. U, billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali

Salm 30, 2-3b.3c-4.5-6.15-16.20 (℟. 17b)

℟. Fit-tjieba tiegħek, Mulej, eħlisni.

Fik, Mulej, jien nistkenn;
ma jkolli qatt għax nirgħex.
Fil-ġustizzja tiegħek salvani,
agħtini widen u fittex eħlisni. ℟.

Kun blata tal-kenn għalija,
fortizza qawwija ta' salvazzjoni.
Inti l-blata u l-fortizza tiegħi;
f'ġieh ismek mexxini u wennisni. ℟.

Oħroġni mix-xibka li ħbew għalija,
għax inti l-qawwa tiegħi.
F'idejk jien nerħi ruħi;
int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa. ℟.

Imma jien fik nittama, Mulej,
jien għidtlek: "Alla tiegħi int!"
F'idejk hi xortija,
eħlisni minn id l-egħdewwa
minn dawk li jeħduha kontrija. ℟.

Kemm hu kbir il-ġid tiegħek, Mulej,
li int erfajt għal min jibża' minnek.
Li int hejjejt għal min jafda fik,
quddiem il-bnedmin kollha! ℟.



III

EVANĠELJU

17

Hallelujah jew Vers qabel l-Evanġelju

℟. Hallelujah (fir-Randan: Glorja u tifħir lilek Kristu)
℣. Hienja int, Verġni mqaddsa Marija,
u jistħoqqlok kull tifħir,
għax minnek tnissel Kristu, Alla tagħna,
ix-Xemx tal-ġustizzja.
℟. Hallelujah (fir-Randan: Glorja u tifħir lilek Kristu)

Evanġelju

*Dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew 1, 18-23

It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu.

Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust, ma riedx ixandarha quddiem kulħadd; u għalhekk għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies. Meta kien għadu qiegħed jaħsibha, deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: "Ġużeppi, bin David, la tibżax tieħu 'l Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha iben u int issemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom."

Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: "Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-el" li bi lsienna jfisser "Alla magħna."

Il-Kelma tal-Mulej.

## 18

### Hallelujah jew Vers qabel l-Evanġelju

℟. Hallelujah (fir-Randan: Glorja u tifħir lilek Kristu)
℣. Sliem għalik, verġni, għerq ta' Ġessi:
minnek twieled Kristu, Alla tagħna,
qawwa u għerf tal-Missier.
℟. Hallelujah (fir-Randan: Glorja u tifħir lilek Kristu)

### Evaneġlju

*Ommu m'hijiex dik li jisimha Marija?*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 13, 54-58

F'dak iż-żmien:

Ġesù mar lejn pajjiżu. Daħal igħallem lin-nies fis-sinagoga tagħhom, u huma baqgħu mistgħaġba hekk li bdew igħidu: "Mnejn ġieb dan il-għerf u din il-qawwa ta' l-għaġeb? Dan m'huwiex bin il-mastrudaxxa? Ommu m'hijiex dik li jisimha Marija? U qrabatu Ġakbu u Ġużeppi u Xmun Ġuda? U qrabatu l-bniet m'humiex kollha magħna? Mnejn ġieb dan kollu?" U tfixklu minħabba fih.

Ġesù qalilhom: "Ebda profeta ma hu bla ġieh jekk mhux f'pajjiżu u daru stess."

Hemmhekk ma għamilx ħafna mirakli minħabba n-nuqqas ta' fidi tagħhom.

Il-Kelma tal-Mulej.

## 19

### Hallelujah jew Vers qabel l-Evanġelju ara Ġw 8,31

℟. Hallelujah (fir-Randan: Glorja u tifħir lilek Kristu)
℣. Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi,
tkunu tassew dixxipli tiegħi
u tagħarfu l-verità, igħid il-Mulej.
℟. Hallelujah (fir-Randan: Glorja u tifħir lilek Kristu)

### Evanġelju

*Min jagħmel ir-rieda ta' Alla dak huwa ħija u oħti u ommi.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mark 3,31-35

F'dak iż-żmien:

Ġew omm Ġesù u qrabatu, baqgħu barra u bagħtu jsejħulu. Dak il-ħin kien hemm ħafna nies bilqiegħda madwaru. "Ara," qalulu, "ommok u qrabatek qegħdin hemm barra u jriduk."

U hu weġibhom: "Min huma ommi u qrabati?"

Imbagħad dawwar ħarstu fuq dawk li kien hemm madwaru bilqiegħda, u qal: "Dawn, araw, huma ommi u qrabati. Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi."

Il-Kelma tal-Mulej.

## 20

### Hallelujah jew Vers qabel l-Evanġelju

℟. Hallelujah (fir-Randan: Glorja u tifħir lilek Kristu)
Sliem għalik, verġni, għerq ta' Ġessi,
minnek twieled Kristu, Alla tagħna,
qawwa u għerf tal-Missier.
℟. Hallelujah (fir-Randan: Glorja u tifħir lilek Kristu)

### Evanġelju

*Dan m'huwiex il-mastrudixxa bin Marija?*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mark 6, 1-6

Ġesù mar lejn pajjiżu u d-dixxipli tiegħu marru miegħu. Meta wasal is-Sibt, daħal igħallem fis-sinagoga, u l-ħafna li semgħuh bdew jistagħġbu u jgħidu: "Mnejn kisbu dan kollu? U x'inhu dan il-għerf li ngħatalu biex saħansitra qegħdin isiru dawn l-egħġubijiet kbar b'idejh? Dan m'huwiex il-mastrudaxxa, bin Marija, u qarib Ġakbu, Ġużeppi u Ġuda u Xmun? U ħutu l-bniet m'humiex hawn magħna?" U huma skandalizzaw ruħhom minħabba fih.

Qalilhom Ġesù: "Ebda profeta ma hu bla ġieh jekk mhux f'pajjiżu u fost qrabatu u daru stess." U hemmhekk ma seta' jagħmel ebda miraklu, ħlief li qiegħed idejh fuq ftit morda u fejjaqhom, u baqa' mistagħġeb bin-nuqqas ta' fidi tagħhom.

Il-Kelma tal-Mulej.

21

## Hallelujah jew Vers qabel l-Evanġelju ara Ġw 14,16

℟. Hallelujah (fir-Randan: Glorja u tifħir lilek Kristu)
℣. Jien nitlob lill-Missier
u jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' dejjem magħkom.
℟. Hallelujah (fir-Randan: Glorja u tifħir lilek Kristu)

## Evanġelju

*Ibqgħu l-belt sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 24, 44-53

F'dak iż-żmien:
Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Meta kont għadni magħkom għidtilkom dawn il-kelmiet, 'Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi'."

Imbagħad fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura. U qalilhom: "Hekk kien miktub li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'Ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm. Intom xhud ta' dan. U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu."

Imbagħad ħadhom sa ħdejn Betanja, u refa' idejh u berikhom. U ġara li, huwa u jberikhom, infired minnhom u kien meħud fis-sema. Huma nxteħtu fl-art jagħtuh qima, u mimlijin bil-ferħ reġgħu lura lejn Ġerusalemm, u qagħdu lħin kollu fit-tempju jberku lil Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.





1 ta' Jannar

# L-IMQADDSA OMM ALLA MARIJA

## Lezzjoni I

*Isejħu ismi fuq ulied Israel, u jiena nberikhom.*

Qari mill-Ktieb tan-Numri 6,22-27

Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

"Kellem lil Aron u 'l uliedu u għidilhom:

'Meta tbierku 'l ulied Israel hekk għandkom tgħidulhom:
Ibierkek il-Mulej u jħarsek!
Jixħet il-Mulej id-dija ta' wiċċu fuqek
u jurik il-ħniena!
Iħares lejk il-Mulej b'imħabba,
u jagħtik is-sliem!'

Hekk huma jsejħu ismi fuq ulied Israel,
u jiena nberikhom."

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali 66,2-3.5.6 u 8 (℟. 2a)

℟. Iħenn għalina Alla u jberikna.

Iħenn għalina Alla, u jberikna,
idawwar għal fuqna d-dija ta' wiċċu!
Biex jingħarfu fuq l-art triqatek,
fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek. ℟.

Jithennew il-ġnus u jgħannu bil-ferħ,
għax triegi l-popli bis-sewwa,
u l-ġnus fuq l-art int tmexxihom! ℟.

Ifaħħruk il-popli, o Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.
Iberikna Alla, u tibża' minnu
l-art kollha minn tarf għall-ieħor! ℟.

## Lezzjoni II

*Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn mara.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin 4,4-7

Ħuti:

Meta waslet il-milja taż-żminijiet Alla bagħat 'l Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, imma iben; u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Vers ta' l-Hallelujah

Lh 1, 1-2

℟. Hallelujah.
℣. Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna
ħafna drabi u b'ħafna manjieri
permezz tal-profeti.
Issa, f'dan l-aħħar żmien,
kellimna permezz ta' Ibnu.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Sabu 'l Marija u 'l Ġużeppi u t-tarbija mindudа f'maxtura.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 2,16-21

F'dak iż-żmien:

Ir-ragħajja marru jgħaġġlu lejn Betlehem u sabu 'l Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. Kif raw dan, bdew igħarfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħgeb b'dak li qalulhom ir-ragħajja.

Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.

Ir-ragħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kull ma kienu raw u semgħu, kif l-anġlu kien qalilhom.



Meta wasal it-tmien jum biex lit-tifel jagħmlulu ċ-ċirkonċiżjoni, semmewh Ġesù, bl-isem li kien tah l-anġlu qabel ma tnissel fil-ġuf.

Il-Kelma tal-Mulej.

2 ta' Frar

# IL-PRESENTAZZJONI TAL-MULEJ

## Lezzjoni I

*Jidħol fit-tempju tiegħu s-Sid li qegħdin tfittxu.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Malakija 3,1-5

Dan igħid il-Mulej Alla:

"Araw, jiena se nibgħat il-messaġġier tiegħi biex ihejji t-triq quddiemi, u minnufih jidħol fit-tempju tiegħu s-Sid li intom qegħdin tfittxu; u l-anġlu tal-patt, li intom tixtiequ, arawh, ġej!" igħid il-Mulej ta' l-eżerċti.

"Imma min se jissaporti l-jum tal-miġja tiegħu? U min hu li se jieqaf meta jidher? Għax hu bħan-nar ta' wieħed li jsaffi u bħas-sapun tal-ħassiela. U joqgħod isaffi u jnaddaf il-fidda, u jnaddaf 'l ulied Levi, u jsaffihom bħad-deheb u l-fidda, u huma jsiru għall-Mulej nies li jagħmlu l-offerta bis-sewwa. U tibda togħġbu lill-Mulej l-offerta ta' Ġuda u ta' Ġerusalemm bħal dari, bħal fis-snin l-imgħoddija."

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali

Salm 23, 7.8.9.10 (℟. 10b)

℟. Il-Mulej ta' l-eżerċti hu s-sultan tal-glorja.

Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta' dejjem,
ħalli jidħol is-sultan tal-glorja. ℟.

Min hu dan is-sultan tal-glorja?
Hu l-Mulej setgħan u qawwi,
Il-Mulej qawwi fit-taqbida. ℟.

Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta' dejjem,
ħalli jidħol is-sultan tal-glorja. ℟.

Min hu dan is-sultan tal-glorja?
Hu l-Mulej ta' l-eżerċti,
dan hu s-sultan tal-glorja. ℟.

## Lezzjoni II

*Kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox.*

Qari mill-Ittra lil-Lhud 2, 14-18

Billi l-ulied għandhom l-istess demm u ġisem, Ġesù wkoll bl-istess mod sar bħalhom biex b'mewtu jeqred is-setgħa ta' dak li kellu l-mewt f'idejh, jigifieri x-xitan, u jeħles lil dawk kollha li, minħabba fil-biża' tal-mewt, kienu mjassrin għal għomorhom kollu.

Għax tabilħaqq mhux lill-anġli ried igħin, imma lil ulied Abraham. Għalhekk kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox, biex ikun il-qassis il-kbir, ħanin u fidil f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, u biex ipatti għad-dnubiet tal-poplu. Għax billi hu stess bata u kien imġarrab, jaf igħin lil dawk li huma fit-tigrib.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Hallelujah Lq 2,32

℟. Hallelujah.
℣. Dawl biex idawwal il-ġnus
u glorja tal-poplu tiegħek Israel.
℟. Hallelujah.



## Evanġelju

*Għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 2, 22-40

Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skond il-liġi ta' Mosè, il-ġenituri ta' Ġesù ħaduh Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej, kif hemm miktub fil-liġi tal-Mulej, li kull tifel li jitwieled l-ewwel, jiġi kkonsagrat lill-Mulej, u biex joffru b'sagrifiċċju par gamiem jew żewġ bċieċen, kif jingħad fil-liġi tal-Mulej.

F'Ġerusalemm kien hemm wieħed jismu Xmun, raġel ġust u tajjeb, li kien jistenna l-faraġ ta' Israel u li kellu l-Ispirtu s-Santu fuqu. L-Ispirtu s-Santu kien nebbħu li ma kienx se jara l-mewt qabel ma jara l-Messija tal-Mulej. Mar mela fit-tempju, imqanqal mill-Ispirtu, u xħin il-ġenituri daħlu bit-tarbija Ġesù biex jagħmlulu dak li kienet trid il-liġi, huwa laqgħu fuq dirgħajh, bierek lil Alla u qal:
"Issa, o Sid, tista' tħalli l-qaddej tiegħek
imur fis-sliem, skond kelmtek,
għaliex għajnejja raw
is-salvazzjoni tiegħek
li int ħejjejt
għall-popli kollha,
dawl biex idawwal il-ġnus
u glorja tal-poplu tiegħek Israel."

Missieru u ommu baqgħu mistagħġba b'dak li kien qiegħed jingħad fuqu. Xmun berikhom u qal lil ommu Marija: "Ara dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel, se jkun sinjal li jmeruh, u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna."

Kien hemm ukoll waħda profetissa, Anna, bint Fanwel, mit-tribu ta' Aser. Kienet imdaħħla ħafna fiż-żmien; wara xbubitha kienet għamlet seba' snin mizzewġa, u mbagħad romlot. Sa ma kellha erbgħa u tmenin sena ma kienet titwarrab qatt mit-tempju, lejl u nhar taqdi lil Alla fis-sawm u t-talb. Dak il-ħin stess waslet, u bdiet tfaħħar lil Alla u titkellem ma' dawk kollha li kienu jistennew il-fidwa ta' Ġerusalemm.

Meta temmew kull ma kellhom jagħmlu skond il-liġi tal-Mulej reġgħu lura lejn il-Galilija, fil-belt tagħhom ta' Nazaret. U t-tifel baqa' jikber u jissaħħaħ, mimli bil-għerf. U l-grazzja ta' Alla kienet fuqu.

Il-Kelma tal-Mulej.

Tista' tinqara biss l-ewwel parti tas-silta, sa fil-qlub ta' ħafna.

11 ta' Frar

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TA' LOURDES

### Lezzjoni I

*Se nifrex fuqha s-sliem bħal xmara.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija — Is 66,10-14a

Ifirħu lil Ġerusalemm, ħennew biha,
intom ilkoll ħbieb tagħha!
Aqbżu bil-ferħ, intom ilkoll
li qsamtu swied il-qalb magħha.
Hekk intom terdgħu u tixbgħu
minn sider il-faraġ tagħha;
terdgħu u titgħaxxqu
mis-sider mimli tagħha.

Għaliex dan igħid il-Mulej: "Arani!
Se nifrex fuqha s-sliem bħal xmara,
u bħal xmara tfur bil-ġid tal-ġnus,
U intom terdgħu u fuq id-dirgħajn tintrefgħu,
u jżegħlu bikom fuq l-irkobbtejn.
Bħalma omm tfarraġ 'il binha,
hekk jiena nfarraġ lilkom,
u f'Ġerusalemm titfarrġu.
Taraw u tifraħ qalbkom,
u għadamkom bħall-ħaxix ħaddar;
u jagħarfu fil-qaddejja tiegħu id il-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej.



### Salm responsorjali — Ġud 18badc, 19 (℟. 15,9a)

℟. Inti foħrija tal-poplu tagħna.

Imbierka int, binti, minn Alla l-Għoli,
imbierka fost in-nisa kollha tad-dinja;
u mbierek il-Mulej Alla,
li għamel is-smewwiet u l-art. ℟.

It-tama li kellek ma tgħib qatt
minn qalb il-bnedmin,
huma u jiftakru fil-qawwa ta' Alla. ℟.

jew:

*Mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejja.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi — 11,19; 12,1.10

Infetaħ it-tempju ta' Alla, li hemm fis-sema, u deher l-Arka tal-Patt tiegħu fit-tempju tiegħu. Imbagħad beda jberraq u kien hemm ħafna ħsejjes u ragħad u tħeżhiż u silġ oħxon.

U deher sinjal kbir fis-sema. Mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha. U smajt leħen qawwi fis-sema jgħid:

"Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa
u s-saltna ta' Alla tagħna,
u s-setgħa tal-Kristu tiegħu."

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali — Salm 97, 1.2-3a.3b-4

℟. Naħsbu, o Alla fuq l-egħġubijiet tat-tjieba tiegħek.

Għannu lill-Mulej għanja ġdida,
għax għamel ħwejjeġ ta' l-għaġeb.
Ġibitlu r-rebħa l-leminija tiegħu,
u d-driegħ imqaddes tiegħu. ℟.

Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu,
f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu.
Ftakar fit-tjieba u l-fedeltà tiegħu
mal-poplu ta' Israel. ℟.

L-art kollha, minn tarf għall-ieħor,
rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
Għajtu bil-ferħ lill-Mulej fl-art kollha,
infexxu fil-għana, ifirħu u għannu! ℟.

---

**Meta hi solennità tinqara**

## Lezzjoni II

*Lil dawk li Alla għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani

Rum 8,28-30

Ħuti:
Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejħin skond il-provvidenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom. Għax lil dawk li hu għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu s-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa; lil dawk li ppredestinahom, sejħilhom ukoll; lil dawk li sejħilhom, iġġustifikahom ukoll; lil dawk imbagħad li iġġustifikahom, igglorifikahom ukoll.
Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

*Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotra il-ħajja.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani

5, 12-19

Ħuti:
Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu. Kienet għadha ma wasletx il-liġi, id-dnub kien gà fid-dinja: imma d-dnub ma kienx magħdud, ladarba liġi ma kienx hemm. Madankollu l-mewt saltnet ukoll minn Adam sa Mosè, im-



qar fuq dawk li ma waqgħux fid-dnub li fih kien waqa' Adam, li kien xbieha ta' dak li kellu jiġi.

Imma d-don mhux bħall-ħtija. Għax jekk permezz ta' ħtija waħda mietet il-kotra, aktar u aktar issa l-grazzja ta' Alla u d-don mogħti bil-grazzja ta' bniedem wieħed li hu Ġesù Kristu, xterdu bil-bosta fuq il-kotra.
U d-don anqas hu bħall-frott ta' dak il-wieħed li dineb; għax tassew, il-ġudizzju mogħti fuq dnub wieħed wassal sal-kundanna, iżda d-don mogħti wara ħafna dnubiet iwassal għall-ġustifikazzjoni.

Għax jekk minħabba l-ħtija ta' wieħed waħdu saltnet il-mewt permezz ta' dak il-wieħed, aktar u aktar dawk li jirċievu l-kotra tal-grazzja u d-don tal-ġustizzja għad isaltnu fil-ħajja permezz ta' wieħed li hu ta' Alla, Kristu.

Mela kif bil-ħtija ta' wieħed waħdu waslet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' wieħed waslet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja. Għax kif bid-disubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru gusti.
Il-Kelma tal-Mulej.

---

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
Hienja int, Verġni Marija
għax int emmint li jseħħ
kull ma bagħat igħidlek il-Mulej.
℟. Hallelujah.

**jew:**

Għan 2,14

℟. Hallelujah.
℣. Urini wiċċek, Mulej, semmagħli leħnek,
għax leħnek ħlejju, u sbejjaħ wiċċek.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Agħmlu kull ma jgħidilkom hu.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 2,1-11

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."

Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda". U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid, u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu, u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

***Il-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek.***

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1,26-38

F'dak iż-żmien:
Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.



L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet tfisser din it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf u gà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

*25 ta' Marzu*

## IT-TĦABBIRA TAL-MULEJ

### Lezzjoni I

*Araw, ix-xebba tiled.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 7,10-14; 8,10c

F'dawk il-jiem:
Il-Mulej jissokta jkellem lil Aħaż u jgħidlu: "Itlob sinjal għailk minn għand il-Mulej tiegħek f'qiegħ l-art jew fil-għoli tas-smewwiet."

U Aħaz wieġeb: "Ma nitlobx; ma rridx nittanta lil Alla."

U l-profeta wieġeb: "Isimgħu, mela, dar David: mhux biż-żejjed għalikom li tkiddu lill-bnedmin, biex issa se tkiddu lil Alla tiegħi? Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess. Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmh Għimmanu-el, għax Alla magħna."

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali

Salm 39, 7-8a.8b-9.10-11 (℟. ara 8a u 9a)

℟. Hawn jien ġej, Mulej, biex nagħmel ir-rieda tiegħek.

Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti;
imma widnejja inti ftaħtli;
ma tlabtnix vittmi tal-ħruq u tat-tpattija.
Imbagħad jien għidt: "Hawn jien ġej. ℟.

Fil-bidu tal-ktieb hemm miktub fuqi
li nagħmel ir-rieda tiegħek.
Alla tiegħi dan jogħġobni;
il-liġi tiegħek ġewwa qalbi." ℟.

Xandart il-ġustizzja tiegħek f'ġemgħa kbira;
xofftejja ma żammejthomx magħluqa
Mulej dan inti tafu. ℟.



Ma ħbejtx f'qalbi l-ġustizzja tiegħek;
il-fedeltà u s-salvazzjoni tiegħek jien ħabbarthom;
ma ħbejtx it-tjieba u l-fedeltà tiegħek
lill-ġemgħa kbira. ℟.

### Lezzjoni II

*Ġejt nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla, kif fil-ktieb hemm miktub fuqi.*

Qari mill-Ittra lil-Lhud 10, 4-10

Ħuti:
Ma jistax ikun li d-demm tal-gniedes u tal-mogħoż ineħħi d-dnubiet. Għalhekk Kristu meta daħal fid-dinja qal: "Sagrifiċċju u offerta int ma ridtx, imma ġisem int ħejjejt għalija. Vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet lilek ma għoġbukx Jien imbagħad għidt: 'Hawn jien, ġejt, biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla, kif fil-ktieb hemm miktub fuqi'."

L-ewwel qal: "Sagrifiċċji u offerti, vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet, la ridthom u lanqas għoġbuk", għalkemm dawn titlobhom il-liġi. Imbagħad qal: "Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek." B'hekk Alla neħħa s-sagrifiċċji ta' l-ewwel biex iqiegħed flokhom tat-tieni. Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin, permezz tal-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula darba għal dejjem.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Vers qabel l-Evanġelju

Gw 1, 14ab

℟. Hallelujah (fir-Randan: Glorja u tifħir lilek Kristu)
℣. Il-Verb sar bniedem
u għammar fostna
u aħna rajna l-glorja tiegħu.
℟. Hallelujah (fir-Randan: Glorja u tifħir lilek Kristu)

## Evanġelju

*Int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1,26-38

F'dak iż-żmien:
Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha, x'setgħet qatt tfisser din it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddeja tal-Mulej; ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.



Il-Ġimgħa qabel Ħadd il-Palm

### IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAD-DULURI

(festa ta' devozzjoni)

Titqaddes il-Quddiesa nr. 11 jew 12

22 ta' April

### IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA OMM IL-KUMPANNIJA TA' ĠESU'

(festa S.J.)

## Lezzjoni I

*Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin Gal 4, 4-7

Ħuti:
Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

U għax intom ulied, Alla bagħat l-Isprtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben; u jekk iben werriet ukoll permezz ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali Salm 44, 11-12.14-15.16-17

℟. Isma', binti, ħares u agħti widen,

Isma', binti, ħares u agħti widen,
  insa 'l ġensek u 'l dar missierek.
Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;
  u int, għax hu sidek, agħtih qima. ℟.

Kollha ġmiel bint is-sultan bil-ġawhar,
    minsuġ bid-deheb ilbiesha.
Għand is-sultan jeħduha bix-xbejbiet warajha,
    it-tfajliet li ngħatawlha bi sħabha. ℟.

Jittieħdu b'agħjat ta' ferħ u hena;
    jidħlu fil-palazz tas-sultan.
Flok missirijietek jilħqu wliedek;
    int tqegħidhom kapijiet fuq l-art kollha. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah                    Lq 1,38

℟. Hallelujah.
℣. Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej
ħa jsir minni skond kelmtek.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Dak li tnissel minn Marija ġej mill-Ispirtu s-Santu.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew.                    1,20b-23

F'dak iż-żmien:

Deher lil Ġużeppi anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu lil Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom.

Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta meta qal: "Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-el," li bi lsienna jfisser "Alla magħna."

Il-Kelma tal-Mulej.



26 ta' April

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA OMM IL-PARIR IT-TAJJEB

(festa O.S.A.)

Titqaddes il-Quddiesa nr. 33

8 ta' Mejju

## IL-MADONNA TA' POMPEJ

## Lezzjoni I

*Marija, tron ta' l-għerf.*

Qari mill-Ktieb tal-Proverbi                    8,22-31

Dan igħid l-Għerf ta' Alla:
Il-Mulej kellu lili sa mill-bidu ta' egħmilu,
sa minn qabel l-eqdem egħmejjel tiegħu,
sa minn dejjem twaqqaft,
mill-bidu, qabel ma nbdiet id-dinja.
Kien għad m'hemmx l-ibħra l-kbar, meta tnissilt jien,
kien għad m'hemmx egħjun inixxu l-ilma;
qabel ma tqiegħdu l-muntanji,
qabel il-għolijiet jien twelidt.
Kien għadu ma għamilx l-art bir-raba' tagħha,
u lanqas l-ewwel traba ta' l-art.
Meta hejja s-smewwiet jien kont hemm,
meta ħażżeż dawra fuq wiċċ il-baħar kbir,
meta saħħaħ is-smewwiet hemm fuq
u qiegħed fis-sod in-nixxigħat ta' qiegħ il-baħar;
meta ħażżeż it-trufijiet tal-baħar,
biex l-ilmijiet ma jaqbżux trufhom;
meta qiegħed is-sisien ta' l-art,
jien kont ma' ġenbu bħala mgħallem;
il-għaxqa tiegħi, jum wara l-ieħor,

nitliegħeb il-ħin kollu quddiemu;
nitliegħeb fuq l-art imħejjija għall-bnedmin,
nitgħaxxaq b'ulied il-bnedmin.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin 4,4-7

Ħuti:

Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba; Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

Salm responsorjali

Salm 44, 11-12.14-15.16-17.9 (℟. 11a)

℟. Isma' binti, ħares u agħti widen.

Isma', binti, ħares u agħti widen,
  insa 'l ġensek u 'l dar missierek.
Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;
  u int, għax hu sidek, agħtih qima. ℟.

Kollha ġmiel bint is-sultan bil-ġawhar,
  minsuġ bid-deheb ilbiesha.
Għand s-sultan jeħduha bix-xbejbiet warajha,
  it-tfajliet li ngħatawlha bi sħabha. ℟.

Jittieħdu b'agħjat ta' ferħ u hena;
  jidħlu fil-palazz tas-sultan.
Flok missirijietek jilħqu wliedek;
  int tqegħidhom kapijiet fuq l-art kollha. ℟.



Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Hienja l-Verġni mqaddsa Marija
li kienet tgħożż f'qalbha l-kelma ta' Alla
u taħseb fuqha bejnha u bejn ruħha.
℟. Hallelujah.

Evanġelju

*Baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ u taħseb fuqhom*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 2,15b-19

F'dak iż-żmien:
Ir-ragħajja bdew igħidu lil xulxin: "Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej."

Marru mela jgħaġġlu u sabu 'l Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija minduda f'maxtura. Kif raw dan, bdew igħarfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-ragħajja.

Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha, u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.

Il-Kelma tal-Mulej.

8 ta' Mejju

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA KEWKBA TAL-BAĦAR

(Żmien il-Għid)

Lezzjoni I

*Ġerusalemm il-ġdida rajtha bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi 21, 1-5

Jien, Ġwanni, rajt sema ġdid u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u ma kienx hemm iżjed

baħar. U l-belt qaddisa Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema, mingħand Alla, imhejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.

U smajt leħen ġej mit-tron igħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom. Hu jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom: ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew agħjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel."

Imbagħad dak li hu bilqiegħda fuq it-tron qal: "Ara, se nġedded kollox."

Il-Kelma tal-Mulej.

## Barra żmien il-Għid.

*Il-provvidenza tiegħek tmexxih il-bniedem.*

Qari mill-Ktieb tal-Għerf 14, 3-7

Il-provvidenza tiegħek, Missier, tmexxih il-bniedem;
għax int ftaħt triq fil-baħar ukoll,
u mogħdija bla periklu qalb l-imwieġ.
Hekk turi li int tista' teħles minn kull tigrif,
biex ukoll min ma jifhimx jista' jbaħħar .
Int ma tridx li egħmil il-Għerf tiegħek ikun għal xejn;
għalhekk il-bnedmin jafdaw ħajjithom fuq għuda dgħajfa,
u qasmu, qawwijin u sħaħ, imwieġ kbar fuq ċattra.
Dan ukoll, meta kienu qegħdin jinqerdu l-ġganti l-kbar,
fuq dgħajsa skansat it-tama tad-dinja
u, taħt it-tmexxija ta' idek, ħalliet lid-dinja
żerriegħa ta' nisel ġdid.
Imbierka l-għuda li biha jsir il-ġid!

Il-Kelma tal-Mulej.



## Salm responsorjali

Salm 106,21-22.23-24.25-26. 27-29. 30-31

℟. Ħa jroddu ħajr lill-Mulej għal tjubitu, għall-egħġubijiet tiegħu mal-bnedmin.

Ħa jroddu ħajr lill-Mulej għal tjubitu,
għall-egħġubijiet tiegħu mal-bnedmin.
U joffrulu sagrifiċċji ta' radd il-ħajr,
u jxandru l-egħmejjel tiegħu b'għana ferrieħ. ℟.

Dawk li jbaħħru fuq l-iġfna,
li jinnegozjaw fuq l-ibħra bla tarf,
raw l-opri tal-Mulej
u l-egħġubijiet tiegħu f'qiegħ il-baħar. ℟.

Hu ordna u qajjem riefnu,
li qanqal imwieġ il-baħar.
Għolew sas-smewwiet u niżlu sa qiegħ il-baħar;
qalbhom bdiet tferfer bil-biża'. ℟.

Bdew jitbandlu u jixxenglu bħal nies fis-sakra,
u s-sengħa tagħhom xejn ma switilhom.
Għajtu lill-Mulej fil-hemm tagħhom,
u mid-dwejjaq tagħhom ħelishom.
U bidel ir-riefnu f'żiffa,
u sikket mewġ il-baħar. ℟.

Huma ferħu għax ibbnazza;
u hu wassalhom sal-port li xtaqu.
Ħa jroddu ħajr lill-Mulej għal tjubitu,
għall-egħġubijiet tiegħu mal-bnedmin. ℟.

## Lezzjoni II

*Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin 4,4-7

Ħuti:
Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna

igħajjat: "Abba! Missier!" U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben, u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

Vers ta' l-Hallelujah — Lq 1,28

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja.
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa.
℟. Hallelujah.

Evanġelju

*Int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — 1, 26-38

F'dak iż-żmien:
Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel, jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek". Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru, u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet fil-ġuf u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu



jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek!" U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

8 ta' Mejju

## IL-PATROĊINJU TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA

(Tifkira O.P.)

Lezzjoni I

*Jagħtikom Alla li tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin — 3, 14-19

Ħuti:
Jien ninżel għarkobbtejja quddiem il-Missier li minnu tieħu isimha kull familja fis-sema u fl-art, biex skond il-għana tal-glorja tiegħu, jagħtikom li permezz ta' l-Ispirtu tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, u li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi biex tnizzlu l-egħruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom.

B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, il-għoli u l-fond ta' l-imħabba ta' Kristu; tagħarfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali Is 12,2-3,4bcd,5-6

℟. Għannu lill-Mulej, bierku ismu.

Ara, int Alla tas-salvazzjoni tiegħi;
jiena nittama u ma jkollix imniex nibża'.
Għax il-qawwa u l-għana tiegħi hu l-Mulej;
u s-salvazzjoni tiegħi hu.
Kollkom ferħana timlew l-ilma
mill-egħjun tas-salvazzjoni. ℟.

Għannu lill-Mulej, sejħu ismu,
għarrfu lill-ġnus l-egħmejjel tiegħu,
xandru li ismu huwa fil-għoli. ℟.

Għannu lill-Mulej għax għamel ħwejjeġ kbar;
ħa jkun dan magħruf min-nies kollha ta' l-art.
Aqbeż bil-ferħ, għanni, int li tgħammar f'Sijon,
għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Israel. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Hienja int, Verġni Marija
u jistħoqqlok kull tifħir
għax minnek tnissel Kristu, Alla tagħna,
ix-Xemx tal-ġustizzja.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Hawn hu Ibnek. Hawn hi ommok.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19, 25-27

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek." Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.



jew:

*Iseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1,39-47

F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu, u nfexxet f'għajta kbira u qalet:

"Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja t-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej."

Imbagħad qalet Marija:
"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi."

Il-Kelma tal-Mulej.

24 ta' Mejju

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAT-TRIQ

**(festa S.J.)**

## Lezzjoni I

*Jien nurik it-triq ta' l-Għerf.*

Qari mill-Ktieb tal-Proverbi 4,10-18

Isma', ibni, u ilqa' kliemi,
u joktru s-snin ta' ħajtek:
"Jien nurik it-triq ta' l-għerf,
immexxik fil-mogħdija tas-sewwa.
Fil-mixi tiegħek ma ssibx xi jfixklek,

u jekk tiġri, ma taqax.
Żomm mat-tagħlim, u tħallih qatt,
ħarsu sewwa, għax hu ħajtek.
Taqbadx il-mogħdija tal-ħżiena,
timxix fit-triq ta' min jagħmel id-deni.
Aħrabha, tgħaddix minnha;
mur fuq naħa oħra, u ibqa' sejjer.
Għax il-ħżiena ma jorqdux jekk ma jagħmlux id-deni,
itirihom ngħashom, jekk ma jwaqqgħux lil xi ħadd.
Huma jieklu l-ħobż tal-ħażen,
u jixorbu l-inbid tal-vjolenza.
Imma t-triq tat-tajbin bħad-dawl taż-żerniq,
li żżid id-dawl tagħha sal-milja tal-jum.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali — Salm 118, 1-2.12.14.36-37.41-42

℟. Hieni l-bniedem li jimxi fil-liġi tal-Mulej.

Henjin dawk li triqthom bla ħtija,
li jimxu fil-liġi tal-Mulej.
Henjin dawk li jħarsu l-preċetti tiegħu,
u li jfittxuh b'qalbhom kollha. ℟.

Imbierek int, Mulej!
għallimni l-kmandamenti tiegħek.
Nifraħ fit-triq tal-preċetti tiegħek,
daqs kieku kelli l-għana kollu. ℟.

Iġbidli qalbi lejn il-preċetti tiegħek,
u mhux lejn ir-regħba.
Tħallix lil għajnejja jħarsu lejn il-frugħa;
agħtini l-ħajja bil-kelma tiegħek. ℟.

Ħa tinżel fuqi tjubitek, Mulej,
u s-salvazzjoni tiegħek skond il-wegħda tiegħek.
Imbagħad nagħti tweġiba lil min jgħajjarni,
għax jien nafda fil-kelma tiegħek. ℟.



## Vers tal-Hallelujah — Ara Kol 3,18

℟. Hallelujah.
℣. Il-kelma tiegħek, Mulej, tgħammar sħiħa fina,
u bl-għerf kollu nkantawlek f'qalbna.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Sabu lil Marija u lil Ġużeppi u t-tarbija fil-maxtura.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — 2,15b-19

F'dak iż-żmien:

Ir-ragħajja bdew igħidu lil xulxin: "Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej".

Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u lil Ġużeppi, bit-tarbija minduda fil-maxtura. Kif raw dan, bdew igħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar it-tarbija. Kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-ragħajja.

Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

*Hieni l-ġuf li ġiebek.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — 11.27

F'dak iż-żmien:

Waqt li Ġesù kien ikellem lin-nies, kien hemm waħda mara li għolliet leħinha minn qalb il-folla u qaltlu: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt".

Iżda hu qalilha: "Imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha!"

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Hemm hu ibnek. Hemm hi ommok.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19,25-27

F'dak iż-żmien:

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u d-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok".

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.

24 ta' Mejju

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA GĦAJNUNA TA' L-INSARA

(Solennità S.D.B.)

(Żmien il-Għid)

### Lezzjoni I

*Deher sinjal kbir fis-sema.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi 12,1-3.7-12ab.17

Deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha. Hija kienet fit-tqala u bdiet tgħajjat bl-uġigħ tal-ħlas u tbati biex teħles.

Imbagħad fis-sema deher sinjal ieħor: ara, Dragun kbir minn lewn in-nar, b'sebat irjus u għaxart iqrun, u b'seba' djademi fuq irjusu.

Imbagħad qamet gwerra fis-sema: Mikiel u l-anġli tiegħu jitqabdu mad-Dragun. U d-Dragun u l-anġli tiegħu tqabdu, iżda ma kellhomx ħila jegħelbu, u ma kienx hemm iżjed post għalihom fis-sema. U ġie mwaddab id-Dragun il-kbir, is-Serp tal-qedem, li hu msejjaħ id-Demonju u x-Xitan, il-qarrieq tad-dinja kollha, kien imwaddab għal fuq l-art, u miegħu kienu mwaddba l-anġli tiegħu.

U smajt leħen qawwi fis-sema jgħid:

"Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa,
u s-Saltna ta' Alla tagħna,
u s-setgħa tal-Kristu tiegħu.
Għax twaddab 'il barra dak li jixli 'l ħutna,
li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna.
U huma ħarġu rebbieħa fuqu
permezz tad-demm tal-Ħaruf
u bis-saħħa tal-kelma li xehdu,
u ma għożżewx ħajjithom,
minkejja saħansitra l-mewt
Għalhekk ifirħu, smewwiet,
u intom li tgħammru fihom."

U d-Dragun imtela bil-korla għall-Mara, u mar biex jagħmel gwerra mal-bqija ta' nisilha, ma' dawk li jħarsu l-preċetti ta' Alla u li għandhom ix-xhieda ta' Ġesù.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali Ġud 16,13.14.15 (℟. 2d)

℟. Faħħru l-Mulej u sejħu l-isem tiegħu.

Għanja ġdida jien ngħanni lil Alla tiegħi;
Mulej int kbir u glorjuż;
qawwitek ta' l-għaġeb,
ma jegħelbek ħadd! ℟.

Ħa jaqduk il-ħlejjaq kollha,
għax int għidt kelma, u kollox sar.
Int bgħatt l-ispirtu tiegħek u ħalaqhom;
ma hemm xejn li jieqaf lill-kelma tiegħek. ℟.

Il-muntanji u l-ibħra jitheżhżu mis-sisien;
u l-blat quddiemek jinħall bħax-xama';
iżda għal dawk li jibżgħu minnek,
m'għandekx ħlief ħniena. ℟.

(Barra żmien il-Għid)

## Lezzjoni I

*Inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara.*

Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi 3,1-6.13-15

Is-serp kien l-aktar wieħed li jilħaqlu fost l-annimali selvaġġi kollha, li kien għamel il-Mulej Alla. U qal lill-mara: "Tassew li Alla qalilkom: 'La tiklux mis-siġar kollha tal-ġnien'?"

U l-mara wieġbet lis-serp: "Mill-frott tas-siġar fil-ġnien nistgħu nieklu. Imma mill-frott li hemm f'nofs il-ġnien, Alla qalilna: 'La tiklux minnu, u lanqas ma għandkom tmissuh, inkella tmutu'." U s-serp qal lill-mara: "Le, żgur li ma tmutux. Imma Alla jaf li dak in-nhar li tieklu minnu jinfetħu għajnejkom u ssiru bħal allat, li tafu t-tajjeb u l-ħażin." U l-mara rat li s-siġra kienet tajba għall-ikel u tigbdek fil-għajn, u s-siġra tħajrek biex tikseb id-dehen; u ħadet mill-frott u kielet. Imbagħad tat ukoll lil żewġha, li kien magħha u kiel.

U l-Mulej qal lill-mara: "X'inhu dan li għamilt?" U l-mara wieġbet: "Is-serp qarraq bija, u jien kilt." U l-Mulej Alla qal lis-serp:

"Talli għamilt dan, misħut int
fost il-bhejjem kollha
u fost l-annimali selvaġġi.
Għal żaqqek titkaxkar,
u t-trab ta' l-art tiekol
il-jiem kollha ta' ħajtek.
U jien inqajjem mibgħeda
bejnek u bejn il-mara,
bejn nislek u nisilha,
u hu jisħaqlek rasek,
u int tisħaqlu għarqubu."

Il-Kelma tal-Mulej.



## Salm responsorjali 98,1b-2.3b-4.5-6 (℟. 1a)

℟. Għannu lill-Mulej għanja ġdida.
għax għamel ħwejjeġ ta' l-għaġeb.

Ġibitlu r-rebħa l-leminija tiegħu,
u d-driegħ imqaddes tiegħu.
Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu,
f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu. ℟.

Ftakar fit-tjieba u l-fedeltà tiegħu,
mal-poplu ta' Israel.
L-art kollha, minn tarf għall-ieħor,
rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna. ℟.

Għajtu bil-ferħ lill-Mulej fl-art kollha,
infexxu fil-hena, ifirħu u għannu!
Għannu lill-Mulej biċ-ċetra,
biċ-ċetra u bil-ħlewwa ta' l-għana,
bit-trombi u d-daqq tat-trombetti:
għajtu bil-ferħ quddiem il-Mulej, is-Sultan. ℟.

## Lezzjoni II

*Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin 4,4-7

Ħuti:
Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: "Abba! Missier!" U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben, u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Vers ta' l-Hallelujah Ara Lq 1,45

℟. Hallelujah.
℣. Hienja dik li emmnet
li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Dan kien l-ewwel wieħed fost is-sinjal tiegħu.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 2,1-11

F'dak iż-żmien:

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx nbid." U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."

Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu l-ilma kienu jafu, sejjaħ l-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.

13 ta' Mejju

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TA' FATIMA

**Tingħad il-Quddiesa tas-7 ta' Ottubru**



31 ta' Mejju

## IŻ-ŻJARA TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA

### Lezzjoni I

*Is-sultan ta' Israel, il-Mulej, qiegħed f'nofsok.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Sofonija 3,14-18

Israel, semma' leħnek!
Infexx fil-hena u ifraħ b'qalbek kollha,
ja bint Ġerusalemm!
Neħħa l-Mulej minn fuqek is-sentenza
li kellek kontra tiegħek,
keċċa l-egħdewwa tiegħek.
Is-sultan ta' Israel, il-Mulej, hu f'nofsok;
ma jkollokx iżjed ħsara minn xiex tibża'.

Dak in-nhar igħidu f'Ġerusalemm:
"Tibżax, Sijon,
ħallix idejk jintelqu:
il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok,
gwerrier li jsalva;
minħabba fik jithenna b'hena kbir,
fi mħabbtu jġeddek,
jinfexx minħabba fik f'agħjat ta' ferħ,
bħalkieku f'jum ta' festa.
Il-ħsara nwarrab minnek,
biex bil-għajb tiegħek ma tibqax imgħobbija".

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

*Aqsmu ġidkom mal-qaddisin li huma fil-bżonn, ilqgħu f'darkom il-barranin.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani

Ħuti: 12, 9-16b

Qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor; taħmlux il-ħażen; żommu mat-tajjeb. Ħobbu lil xulxin bħal

aħwa: fittxu li tistmaw lil xulxin. Tħallux il-ħrara tagħkom tibred, tħeġġu fl-ispirtu; servu lill-Mulej. Ifirħu bit-tama, strabru fil-hemm, itolbu bla waqfien. Aqsmu ġidkom mal-qaddisin li jinsabu fil-bżonn; ilqgħu f'darkom lill-barranin. Bierku lil dawk li jippersegwitawkom; bierku u la tisħtu lil ħadd. Ifirħu ma' min jifraħ, ibku ma' min jibki. Aħsbu f'xulxin l-istess, taħsbux fil-ħwejjeġ kbar, imma fittxu l-umli.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali — Is 12, 2-3.4bcd.5-6 (℟. 6b)

℟. Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Israel.

Ara, int Alla tas-salvazzjoni tiegħi;
jien nittama u ma jkollix imniex nibża'
Għax il-qawwa u l-għana tiegħi hu l-Mulej;
u s-salvazzjoni tiegħi hu.
Kollkom ferħana timlew l-ilma
mill-egħjun tas-salvazzjoni. ℟.

Għannu lill-Mulej, sejħu lil ismu,
għarrfu lill-ġnus l-egħġubijiet tiegħu,
xandru li ismu huwa fil-għoli. ℟.

Għannu lill-Mulej għax għamel ħwejjeġ kbar;
ħa jkun dan magħruf min-nies kollha ta' lart.
-Aqbeż bil-ferħ, għanni, int li tgħammar f'Sijon,
għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Israel. ℟.

### Vers tal-Hallelujah — Lq 1,45

℟. Hallelujah.
℣. Hienja int, Verġni Marija,
għax int emmint li jseħħ
kull ma bagħat igħidlek il-Mulej.
℟. Hallelujah.



### Evanġelju

*U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — 1, 39-36

F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellimilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet:
"Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej."

Imbagħad qalet Marija:
"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla, is-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu,
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar,
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Israel qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem."

Marija baqgħet ma' Eliżabetta għal xi tliet xhur u mbagħad reġgħet lura lejn darha.

Il-Kelma tal-Mulej.

## IL-QALB BLA TEBGĦA TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA

### Lezzjoni I

*Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija — 61, 9-11

Nisilkom ikun magħruf fost il-ġnus,
u wliedkom qalb il-popli.
Kull min jarahom jagħrafhom
li huma nisel imbierek mill-Mulej.
Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej,
taqbeż bil-ferħ ruħi f'Alla tiegħi.
Għax hu libbisni bi lbies is-salvazzjoni,
bil-mantar tal-ġustizzja għattieni,
bħal għarus imżejjen b'kuruna,
bħal għarusa tleffex bil-ġawhar tagħha.
Bħalma l-art tnibbet,
bħalma l-ġnien inibbet il-miżrugħ fih,
hekk il-Mulej inibbet il-ġustizzja u l-foħrija,
quddiem kollha kemm huma l-ġnus.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali — 1 Sam 2, 1.4-5.6-7.8abcd

R/. Ferħet qalbi bil-Mulej, is-Salvatur tiegħi.

Ferħet qalbi bil-Mulej,
  irtefgħet rasi fil-Mulej;
iddieħek fommi bl-egħdewwa tiegħi,
  għax fraħt bis-salvazzjoni tiegħek. R/.

Tkisser il-qaws tal-qawwijin,
  u d-dgħajfin tħażżmu bil-ħila.
L-imxebbgħin bil-ħobż inkrew,
  u ma baqgħux jitħabtu l-imġewħa.
Il-mara bla tfal wildet sebgħa,
  u dbielet il-mara b'ħafna tfal. R/.



Il-Mulej jibgħat il-mewt u jagħti l-ħajja,
  iniżżel fl-imwiet u jtalla'.
Il-Mulej ifaqqar u jagħti l-ġid,
  ibaxxi u jgħolli wkoll. R/.

Iqajjem mit-trab lill-imsejken
  u l-fqajjar jerfgħu mill-miżbla,
u jqegħidhom mal-kbarat,
  biex jirtu tron ta' ġieh. R/.

### Vers tal-Hallelujah — ara Lq 2,19

R/. Hallelujah.
V/. Hienja l-Verġni Marija
li kienet tgħożż f'qalbha kliem il-Mulej
u taħseb fuqu bejnha u bejn ruħha.
R/. Hallelujah.

### Evanġelju

*Kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — 2, 41-51

Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesù kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa ta' l-Għid. Meta kellu tnax-il sena telgħu wkoll, skond id-drawwa ta' dik il-festa. Wara li għaddew dawk il-granet qabdu t-triq lura, imma t-tfajjel Ġesù baqa' Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu. Huma ħasbuh qiegħed ma' xi wħud fit-triq magħhom; iżda meta wara jum mixi fittxewh fost qrabathom u n-nies li kienu jafuhom, ma sabuhx, u għalhekk reġgħu lura Ġerusalemm ifittxuh.

Wara tlitt ijiem sabuh fit-tempju bil-qiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u jistaqsihom; u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu. Kif rawh, inistamtu, u ommu qaltlu: "Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk. Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b' qalbna maqsuma!" U hu qalilhom: "U għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" Iżda kliemu ma fehmuhx.

U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha.

Il-Kelma tal-Mulej.

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAL-QALB TA' ĠESU'

### Lezzjoni I

*Bħalma omm tfarraġ lil binha, hekk jiena nfarraġ lilkom.*

66,10-14

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija

Ifirħu lil Ġerusalemm, thennew biha,
intom ilkoll ħbieb tagħha!
Aqbżu bil-ferħ intom ilkoll
li qsamtu swied il-qalb magħha.
Hekk intom terdgħu u tixbgħu
minn sider il-faraġ tagħha;
terdgħu u titgħaxxqu
mis-sider mimli tagħha.

Għaliex dan igħid il-Mulej: "Arani!
Se nifrex fuqha s-sliem bħal xmara,
u bħal xmara tfur bil-ġid tal-ġnus,
u intom terdgħu u fuq id-dirgħajn tintrefgħu,
u jżiegħelu bikom fuq l-irkobbtejn.
Bħalma omm tfarrag lil binha,
hekk jiena nfarraġ lilkom
u f'Ġerusalemm titfarrġu.
Taraw u tifraħ qalbkom,
u għadamkom bħal ħaxix iħaddar;
u jagħarfu fil-qaddejja tiegħu id il-Mulej
u l-korla tiegħu fuq l-egħdewwa tiegħu."

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali — Salm 44, 11-12.14-15.16-17.18

℟. Isma', binhi, ħares u agħti widen.

Isma', binti, ħares u agħti widen,
insa 'l ġensek u 'l dar missierek.
Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;
u int, għax hu sidek, agħtih qima. ℟.

Kollha ġmiel bint is-sultan bil-gawhar,
minsuġa bid-deheb ilbiesha.
Għand is-sultan jeħduha, bix-xbejbiet warajha,
it-tfajliet li jingħatawlha bi sħabha. ℟.

Jittieħdu b'agħjat ta' ferħ u hena;
jidħlu fil-palazz tas-sultan.
Flok missirijietek jilħqu wliedek;
int tqegħidhom kapijiet fuq l-art kollha. ℟.

Infakkar ismek min-nisel għal nisel,
ifaħħruk il-popli għal dejjem ta' dejjem! ℟.

### Lezzjoni II

*Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin — 4,4-7

Ħuti:

Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben; u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù kien hemm ommu,
imżejna bil-fidi, qawwija fit-tama,
imħeġġa bin-nar tal-imħabba.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19,25-27

F'dak iż-żmien:
Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.

22 ta' Ġunju

## IL-MANIFESTAZZJONI TAL-MADONNA TA' PINU

## Lezzjoni I

*Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena, bint Sijon.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Zakkarija 2, 14-17

Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena,
bint Sijon.
għaliex arani ġej
biex ngħammar f'nofsok
— oraklu tal-Mulej —
u kotra kbira ta' ġnus
jingħaqdu dak in-nhar mal-Mulej;
u huma jkunu l-poplu tiegħi.
U jiena ngħammar f'nofsok:
imbagħad int tagħraf
li l-Mulej ta' l-eżerċti bagħatni għandek.

U l-Mulej jieħu 'l Ġuda
bħala sehmu mill-wirt fl-Art Imqaddsa.



u jerġa' jagħżel lil Ġerusalemm!
Żommu s-skiet quddiem il-Mulej
intom il-ħajjin ilkoll,
għax stenbaħ mill-għamara mqaddsa tiegħu.

Il-Kelma tal-Mulej.

Fi żmien il-Għid tinqara l-Lezzjoni li ġejja:

*Ilkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' Marija omm Ġesù.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli 1,12-14; 21-4

Wara li Ġesù tela' s-sema, l-Appostli reġgħu lura Ġerusalemm mill-għolja msejħa taż-Żebbuġ, li hi 'l bogħod mill-belt daqs mixja tas-Sibt, jiġifieri xi nofs mil. X'ħin daħlu l-belt telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu. Huma kienu Pietru u Ġwanni, Ġakbu u Indri, Filippu u Tumas, Bartilmew u Mattew, Ġakbu bin Alfew u Xmun igħidulu l-Imħeġġeġ, u Ġuda bin Ġakbu.

U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija omm Ġesù u ma' qrabatu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali

Lq 1, 46-48a.48b-59.50-51.52-53.54-55 (℟. 49)

℟. Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi.
Għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. ℟.

Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel isejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar,
qaddis hu l-isem tiegħu. ℟.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. ℟.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. ℟.

Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem. ℟.

## Lezzjoni II

*Ixbhu lil Alla bħala wlied maħbuba.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin
4,17-18.20-32; 5,1-2

Ħuti:
Jien dan ngħidilkom u nwissikom quddiem il-Mulej: li ma ġġibux iżjed ruħkom skond ma jġibu ruħhom il-pagani bil-bluha ta' moħħhom. Il-fehma tagħhom hi mdallma, maqtugħa mill-ħajja ta' Alla minħabba l-injoranza li għandhom u l-ebusija ta' qalbhom.

Imma intom mhux hekk tgħallimtu. Kristu — jekk intom smajtuh u tgħallimtuh skond il-verità li hi f'Ġesù — jiġifieri, li għandkom twarrbu l-ħajja tagħkom ta' qabel u tinżgħu l-bniedem il-qadim, imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa, u li għandkom tiġġeddu b'tibdila spiritwali tal-fehma tagħkom u tilbsu l-bniedem il-ġdid maħluq skond Alla fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità.

Warrbu minnkom il-gideb u għidu l-verità wieħed lil ieħor, għax aħna membri ta' xulxin. Tinkurlaw? imma tidinbux; tħallux ix-xemx tgħib fuq il-korla tagħkom, u tagħtux il-wisa' lix-xitan. Iqis il-ħalliel li ma jisraqx aktar; imma jaħdem bl-onestà b'idejh biex ikun jista' jgħin lil min ikun fil-bżonn. Ebda kelma mhux xierqa ma għandha toħroġ minn fommkom, imma kliem sewwa li jedifika skond il-ħtieġa, kliem li jagħmel il-ġid lil min jisimgħu. U tnikktux l-Ispirtu s-Santu ta' Alla, li fih intom issiġillati għall-jum il-fidwa.

Kunu mela tixbhu lil Alla, bħala wlied maħbuba, u imxu fl-imħabba, bħalma Kristu wkoll ħabb lilna u ta lilu nnifsu għalina, offerta u sagrifiċċju jfuħu quddiem Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Vers ta' l-Hallelujah — Ara Lq 1,45

℣. Hallelujah.
℟. Hienja int, Verġni Marija li emmint
li jseħħ kull ma bagħat igħidlek il-Mulej.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*...Omm Ġesù kienet hemm.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann — 2,1-11

F'dak iż-żmien:

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx nbid". U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."

Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma". U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda". U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ l-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mba-

għad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.

8 ta' Lulju

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAS-SOKKORS
**(Solennità f'Kerċem)**

### Lezzjoni I
*Araw, ix-xebba titqal u tiled iben u ssemmih Għimmanu-el.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 7,10-17

F'dawk il-jiem:

Il-Mulej issokta jkellem lil Aħaz u jgħidlu: "Itlob sinjal għalik minn għand il-Mulej Alla tiegħek f'qiegħ l-art jew fil-għoli tas-smewwiet."

U Aħaz wieġeb: "Ma nitlobx; ma rridx nittanta lil Alla."

U l-profeta wieġeb: "Isimgħu, mela, dar David: mhux biżżejjed għalikom li tkiddu lill-bnedmin, biex issa se tkiddu lil Alla tiegħi? Għaliex is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess. Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el, għax Alla magħna. Baqta u għasel jiekol, meta jasal biex jagħraf iwarrab il-ħażin u jagħżel it-tajjeb. Għaliex qabel ma t-tifel jagħraf iwarrab il-ħażin u jagħżel it-tajjeb, tintelaq l-art, li quddiem is-slaten tagħha int imbeżża'. U l-Mulej iġib fuqek u fuq il-poplu tiegħek, u fuq dar missierek, jiem li qatt ma ġew mindu nfirdu Efrajm minn Ġuda — is-sultan ta' l-Assirja!"

Il-Kelma tal-Mulej.



### Salm responsorjali — Salm 70, 1-2.3.4-5.12

℟. Fil-hemm tiegħi, Mulej, għinni.

Fik, Mulej, jiena nistkenn;
ma jkolli qatt għax ninfixel.
Għall-ġustizzja tiegħek salvani u ħarisni;
agħtini widen u fittex eħlisni. ℟.

Kun sur ta' kenn għalija;
int wegħidt li tiġi dejjem issalvani
għax blata u fortizza int għalija. ℟.

Alla tiegħi, ħarisni minn id il-ħażin,
minn id il-qarrieq u l-kiefer.
Għax int, Sidi, it-tama tiegħi;
Mulej, inti l-fiduċja tiegħi sa minn żogħżiti. ℟.

O Alla, toqgħodx 'il bogħod minni;
Alla tiegħi fittex għinni. ℟.

### Lezzjoni II
*Mara liebsa x-xemx bil-qamar taħt riġlejha.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi 12,1-6.10

U deher sinjal kbir fis-sema: Mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha. Hija kienet fit-tqala u bdiet tgħajjat bl-uġigħ tal-ħlas u tbati biex teħles.

Imbagħad fis-sema deher sinjal ieħor: ara, Dragun kbir minn lewn in-nar, b'sebat irjus u għaxart iqrun, u b'seba' djademi fuq irjusu. U b'denbu kines waħda mit-tlieta talkwiekeb tas-sema u waddabhom lejn l-art .U d-Dragun mar qagħad quddiem il-mara li kienet se tiled, biex kif tiled lil binha jibilgħu. U hi wildet iben, tifel, li kien għad jirgħa l-ġnus b'xettru tal-ħadid. U binha ġe maħtuf għal quddiem Alla u quddiem it-tron tiegħu. U l-mara ħarbet fid-deżert, hemmhekk, fejn għandha post imħejji minn Alla, biex hemm jitimgħuha għal elf, mitejn u sittin jum.

U smajt leħen qawwi mis-sema jgħid: "Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa u s-Saltna ta' Alla tagħna u s-setgħa

tal-Kristu tiegħu, għax twaddab 'il barra dak li jixli 'l ħutna u lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Vers ta' l-Hallelujah — Lq 11,28

℟. Hallelujah.
℣. Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu.
U Ġesù qal: "Hemm hi ommok."
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann. — 19,25-27

F'dak iż-żmien:

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek." Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.

12 ta' Lulju

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TA' LIESSE

Titqaddes il-Quddiesa nr. 34



16 ta' Lulju

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAL-KARMELU

(Jinqraw żewġ lezzjonijiet biss meta hi Solennità)

## Lezzjoni I

*Elija jitlob għax-xita.*

Qari mill-Ewwel Ktieb tas-Slaten — 18, 42b-45a

Elija tela' fuq il-quċċata tal-Karmel, inxteħet fl-art, u qiegħed wiċċu bejn irkobbtejh. U qal lill-qaddej tiegħu: "Itla' u ħares lejn in-naħa tal-baħar."

Dak tela', ħares, u qal: "Ma hemm xejn."

Qallu: "Erġa' mur seba' darbiet." Mas-seba' darba qabad igħajjat: "Ara, hemm sħaba daqs keffa ta' id ta' raġel, tielgħa mill-baħar."

Qallu Elija: "Mur għidlu lil Aħab: 'Arma ż-żwiemel u inżel, qabel ma tilħqek ix-xita.'" Malli dan, is-sema swied, qam ir-riħ, u bdiet nieżla xita kbira.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali — 14, 1.2-3.4

℟. Nimxu warajk kull fejn teħodna, Verġni Marija.

Mulej, min igħammar fid-dar tiegħek?
Min joqgħod fuq il-għolja mqaddsa tiegħek? ℟.

Min igħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb,
min igħid is-sewwa f'qalbu;
min ma jqassax bi lsienu,
ma jagħmilx deni lil għaru,
u ma jgħajjarx lil għajru. ℟.

Min ma jqisx lill-bniedem il-ħażin,
imma jweġġaħ lil dawk li jibżgħu mill-Mulej. ℟.

jew:

*Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena, bint Sijon.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Zakkarija 2,14-17

Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena,
bint Sijon,
għaliex arani ġej
biex ngħammar f'nofsok
— oraklu tal-Mulej —
u kotra kbira ta' ġnus
jingħaqdu dak in-nhar mal-Mulej;
u huma jkunu l-poplu tiegħi.
U jiena ngħammar f'nofsok,
imbagħad inti tagħraf
li l-Mulej ta' l-eżerċti bagħatni għandek.
U l-Mulej jieħu 'l Ġuda
bħala sehmu mill-wirt fl-Art Imqaddsa,
u jerġa' jaħtar lil Ġerusalemm!
Żommu s-skiet quddiem il-Mulej,
intom il-ħajjin ilkoll,
għax stembaħ mill-għamara mqaddsa tiegħu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali Lq 1,46-48a.48b-49.50-51.52-53.54-55

℟. Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar, qaddis hu l-isem tiegħu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi. ℟.

għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu. ℟.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. ℟.



Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. ℟.

Ħa ħsieb Israel qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem. ℟.

## Lezzjoni II

*Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin
4,4-7

Ħuti:
Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben, u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Kristu.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Alla għażilna fi Kristu sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin
1,2-6.11-12

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu:
li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali,
fis-smewwiet fi Kristu.
Hekk hu għażilna fih sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja,
biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba.
Iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi
permezz ta' Ġesù Kristu;
hekk għoġob lir-rieda tajba tiegħu,
li biha mliena fil-Maħbub tiegħu.

Fih aħna wkoll konna magħżula iddestinati minn qabel skond il-pjan imfassal minn qabel minn min imexxi kollox

skond il-fehma tar-rieda tiegħu, sabiex inkunu għat-tifħir tal-glorja tiegħu, aħna li sa minn qabel konna nittamaw fi Kristu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Sekwenza

Fjur tal-Karmelu,
dielja bil-frott mgħobbija,
dija tas-sema,
xebba li waħdanija
b'ġieh omm tiftaħar.

Omm l-aktar ħelwa,
li ġmielek qatt ma ttabba',
lill-Karmletani
ħniena uri u mħabba,
kewkba tal-baħar.

## Vers ta' l-Hallelujah — Lq 11,28

℟. Hallelujah.
℣. Hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla
u jħarsuha.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' Sn Ġwann — 19,25-27

F'dak iż-żmien:

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek." Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Medd idu lejn id-dixxipli u qal: Dawn, ara huma ommi u ħuti.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew — 12, 46-50

F'dak iż-żmien:

Kif Ġesù kien qiegħed ikellem lin-nies, ġew ommu u qrabatu, waqfu barra u fittxew li jkellmuh. Xi ħadd qallu: "Ara, ommok u ħutek qegħdin barra jfittxu li jkellmuk." Iżda hu wieġeb lil dak li kellmu, u qallu: "Min hi ommi? u min huma ħuti?"

Imbagħad medd idu lejn id-dixxipli tiegħu u qal: "Dawn, ara, huma ommi u ħuti. Għax kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, dak huwa ħija, u oħti, u ommi."

Il-Kelma tal-Mulej.

23 ta' Lulju

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, OMM IL-GRAZZJA DIVINA

Tifkira (O), O.C.D.

Titqaddes il-Quddiesa nr. 30.

L-aħħar Sibt ta' Lulju

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TERĠA' LURA MILL-EĠITTU U TMUR NAZARET

(Solennità Kemmuna)

## Lezzjoni I

*Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena, bint Sijon.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Zakkarija — 2, 14-17

Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena,
bint Sijon,

għaliex arani ġej
biex ngħammar f'nofsok
— oraklu tal-Mulej —
u kotra kbira ta' ġnus
jingħaqdu dak in-nhar mal-Mulej;
u huma jkunu l-poplu tiegħi.
U jiena ngħammar f'nofsok;
imbagħad int tagħraf
li l-Mulej ta' l-eżerċti bagħatni għandek.

U l-Mulej jieħu 'l Ġuda
bħala sehmu mill-wirt fl-Art Imqaddsa,
u jerġa' jaħtar lil Ġerusalemm!
Żommu skiet quddiem il-Mulej
intom il-ħajjin ilkoll,
għax stenbaħ mill-għamara mqaddsa tiegħu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali — Salm 83 2-3.5-66.9-10 (℟. ara 5a)

℟. Henjin dawk li jgħammru f'darek, Mulej.

Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej ta' l-eżerċti!
Tixxennaq u tinfena ruħi għat-tempju tal-Mulej.
Ngħanni ferħan b'ruħi u ġismi
lil Alla l-ħaj. ℟.

Henjin dawk li jgħammru f'darek;
huma jfaħħruk għal dejjem.
Henjin dawk li jsibu fik il-qawwa tagħhom,
li għandhom għal qalhom
il-pellegrinaġġ għat-tempju. ℟.

Mulej Alla ta' l-eżerċti isma' t-talba tiegħi;
agħti widen, Alla ta' Ġakobb.
Ħares, o Alla, lejn it-tarka tagħna.
Ħares lejn is-sultan, il-midluk tiegħi. ℟.



## Lezzjoni II

*Ħalli l-bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin 3,12-17

Ħuti:
Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu, ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa, u sabar. Stabru b'xulxin, u jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru 'l xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk għamlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla.

Ħalli l-bxara ta' Alla tgħammar sħiħa fikom; għallmu bil-għerf kollu u widdbu lil xulxin b'salmi, u innijiet u b'għana spiritwali, u b'radd il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla. Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Vers ta' l-Hallelujah — Kol 3, 15a.16a

℟. Hallelujah.
℣. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom.
Ħalli l-bxara t-tajba ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Mar joqgħod f'belt jisimha Nazaret.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew 2, 13-15.19-23

Meta telqu l-Maġi, deher l-anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi u qallu: "Qum, ħu miegħek lit-tifel u lil ommu, u aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien għax Erodi se jfittex lit-tifel biex joqtlu." Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u lil ommu bil-lejl u warrab lejn l-Eġittu u baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi. B'hekk seħħ dak li kien

qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: "Mill-Eġittu sejjaħt lil ibni."

Meta miet Erodi deher l-anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi fl-Eġittu u qallu: "Qum, ħu miegħek it-tifel u lil ommu u erġa' lura lejn l-art ta' Israel għax mietu dawk li kienu jfittxu l-ħajja tat-tifel." Ġużeppi qam, ħa miegħu t-tifel u lil ommu u mar fl-art ta' Israel.

Imma billi sema' li fil-Lhudija kien qed isaltna Arkelaws flok Erodi missieru beża' jmur hemm. Fuq twissija li kellu fil-ħolma, inġabar fl-inħawi tal-Galilija u mar joqgħod f' belt jisimha Nazaret biex hekk iseħħ li kien ingħad permezz tal-profeti: "Ikun jissejjaħ Nazri."

Il-Kelma tal-Mulej.

2 ta' Awissu

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TA' L-ANĠLI TAL-PORZJUNKULA

### Lezzjoni I

*Min jisma' minni ma jkollux għax jistħi.*

Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak 24, 1-2.5-7.12-16.26-31

Il-għerf ifaħħar lilu nnifsu,
u jiftaħar f'nofs il-poplu tiegħu.
Jiftaħ fommu fil-ġemgħa ta' l-Għoli,
u jiftaħar quddiem il-qawwa tiegħu.

Jien bħala terebint frixt il-friegħi tiegħi,
u l-friegħi tiegħi huma friegħi
ta' min jagħtihom ġieħ u jitgħaxxaq bihom.
Jien bħal dielja tarmi żahar li jiġbdek
u nwar tiegħi jagħmel frott ta' glorja u ġid.
Jien omm l-imħabba safja
il-biża' u l-għerf u t-tama qaddisa.



Ersqu lejja intom li tixtiquni,
u mtlew bil-frott tiegħi.
Għax it-tifkira tiegħi hi aktar ħelwa mill-għasel,
u s-sehem tiegħi minn xehda għasel.
Min jiekol minni jieħdu l-ġuħ għal aktar,
u min jixrob minni jieħdu l-għatx għal aktar.
Min jisma' minni ma jkollux għax jistħi,
u dawk li jaħdmu bija ma jidinbux.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali Lq 1, 46-47.48-49.50-51.52-53. 54-55

℟. Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar, qaddis hu l-isem tiegħu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi.
Għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. ℟.

Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel isejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar,
qaddis hu l-isem tiegħu. ℟.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. ℟.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. ℟.

Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem. ℟.

*Fejn hi solennità bħala Lezzjoni II tinqara s-silta li ġejja.*

**Lezzjoni II**

*Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin 4,4-7

Ħuti:
Meta waslet il-milja taż-żminijiet Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi 'l dawk li kienu taħt il-liġi biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: "Abba! Missier!" U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben, u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

**Vers ta' l-Hallelujah** Ara Lq 1,28

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja,
Il-Mulej miegħek.
Imbierka inti fost in-nisa.
℟. Hallelujah.

**Evanġelju**

*Dix-xebba kien jisimha Marija.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1, 26-38

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija jisimha Nazaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

5 ta' Awissu

## ID-DEDIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA TA' SANTA MARIJA

## (Il-Madonna tas-Silġ)

**Lezzjoni I**

*Rajt Ġerusalemm il-ġdida mhejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi 21,1.5a

Jien, Ġwanni, rajt sema ġdid u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u ma kienx hemm iżjed baħar. U l-Belt qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.

U smajt leħen qawwi ġej mit-tron igħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma

jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom. Hu jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom; ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew agħjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel."

Imbagħad dak li hu bilqiegħda fuq it-tron qal: "Ara, se nġedded kollox."

Il-Kelma tal-Mulej.

**Salm responsorjali** **Ġud. 13, 18bcde.19 (℟.15,9d)**

℟. Int il-foħrija tal-poplu tagħna!

Imbierka int, binti, minn Alla l-Għoli,
imbierka fost in-nisa kollha tad-dinja;
u mbierek il-Mulej Alla,
li għamel is-smewwiet u l-art. ℟.

It-tama li kellek ma tgħib qatt
minn qalb il-bnedmin,
huma u jiftakru fil-qawwa ta' Alla. ℟.

**Fejn hi solennità, bħala Lezzjoni II tinqara s-silta li ġejja:**

## Lezzjoni II

*Alla bagħat lil ibnu, imwieled minn mara.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin **4,4-7**

Ħuti:
Meta waslet il-milja taż-żmnijiet, Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben, u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Kristu.

Il-Kelma tal-Mulej.

**Vers ta' l-Hallelujah** **Lq 11,28**

℟. Hallelujah.
℣. Hienja dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jħarsuha.
℟. Hallelujah.



## Evanġelju

*Hieni l-ġuf li ġiebek.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa **11,27-28**

F'dak iż-żmien:
Waqt li Ġesù kien qiegħed ikellem lin-nies, kien hemm waħda mara li għolliet leħinha minn qalb il-folla u qaltlu: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt!"

Iżda hu qalilha: "Imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha."

Il-Kelma tal-Mulej.

15 ta' Awissu

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA MTELLGĦA FIS-SEMA

**Quddiesa tal-Vġili**

## Lezzjoni I

*Qiegħdu l-Arka ta' Alla f'nofs it-tinda.*

Qari mill-Ewwel Ktieb tal-Kronaki **15,3-4.15-16;16,1-2**

F'dawk il-jiem:
David laqqa' l-poplu ta' Israel kollu f'Ġerusalemm biex italla' l-arka tal-Mulej f'postha li kien hejja għaliha. U David laqqa' lil ulied Aron u l-Leviti.

U l-Leviti ġarrew l-arka ta' Alla bil-lasti fuq spallejhom, kif kien ordna Mosè skond il-kelma tal-Mulej. U David ordna lill-kapijiet tal-Leviti li jqassmu 'l ħuthom, il-mużiċisti bl-istrumenti tad-daqq — arpi, ċetri, ċnieċel — u jgħollu u jsemmgħu leħinhom għoli b'sinjal ta' ferħ.

U hekk għabu l-arka ta' Alla u qegħduha f'nofs it-tinda li kien waqqaf għaliha David, u offrew sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tas-sliem, quddiem Alla. Meta kien offra s-sagrifiċċji tal-ħruq u s-sagrifiċċji tas-sliem David bierek il-poplu b'isem il-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali — Salm 131, 6-7.9-10.13-14

℟. Qum, Mulej, u ejja lejn il-mistrieħ tiegħek,
int u l-arka tal-qawwa tiegħek.

Araw, smajna bl-Arka f'Efrata,
sibnieha fir-raba' ta' Gagħar.
Ħa nidħlu fl-għamara tiegħu,
ninxteħtu quddiem il-mirfes ta' riġlejh! ℟.

Jilbsu l-ġustizzja l-qassisin tiegħek,
igħajtu bil-ferħ il-ħbieb tiegħek.
Minħabba f'David, il-qaddej tiegħek,
twarrabx wiċċ is-sultan, il-midluk tiegħek. ℟.

Għax il-Mulej għażel 'il Sijon,
u xtaqha tkun id-dar tiegħu;
hawn insib il-mistrieħ tiegħi għal dejjem!
Fiha rrid noqgħod, għax ħabbejtha! ℟.

## Lezzjoni II

*Tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu.*

Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin — 15, 54b-57

Ħuti:
Meta dak li jmut jilbes l-immortalità, imbagħad iseħħ dak li hemm miktub: "Inbelgħet il-mewt fir-rebħa. Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja Mewt, in-niggieża tiegħek?"

In-niggieża tal-mewt hi d-dnub, u l-qawwa tad-dnub hi l-liġi. Nizżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Vers ta' l-Hallelujah — Ara Lq 11,28

℟. Hallelujah.
℣. Hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha.
℟. Hallelujah.



## Evanġelju

*Hieni l-ġuf li ġiebek.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — 11,27-28

F'dak iż-żmien:
Waqt li Ġesù kien qiegħed ikellem lin-nies, kien hemm waħda mara li għolliet leħinha minn qalb il-folla u qaltlu: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt!"

Iżda hu qalilha: "Imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jħarsuha."

Il-Kelma tal-Mulej.

# Quddiesa tal-jum

## Lezzjoni I

*Mara liebsa x-xemx bil-qamar taħt riġlejha.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi — 11,19a; 12,1-6a.10ab

Infetaħ it-tempju ta' Alla, li hemm fis-sema, u deher l-Arka tal-Patt tiegħu fit-tempju tiegħu.

U deher sinjal kbir fis-sema: Mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha. Hija kienet fit-tqala u bdiet tgħajjat bl-uġigħ tal-ħlas u tbati biex teħles.

Imbagħad fis-sema deher sinjal ieħor: ara, Dragun kbir minn lewn in-nar, b'sebat irjus u għaxart iqrun, u b'seba' djademi fuq irjusu. U b'denbu kines waħda mit-tlieta tal-kwiekeb tas-sema u waddabhom lejn l-art. U d-Dragun mar qagħad quddiem il-Mara li kienet se tiled, biex kif tiled lil binha jibilgħu. U binha ġie maħtuf għal quddiem Alla u quddiem it-tron tiegħu. U l-Mara ħarbet fid-deżert, hemm-hekk, fejn għandha post imħejji minn Alla.

U smajt leħen qawwi mis-sema jgħid: "Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa u s-Saltna ta' Alla tagħna u s-setgħa tal-Kristu tiegħu."

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali 44,10bc.11.12ab.16 (℟.10)

℟. F'lemintek is-sultana mżejna b'deheb ta' Ofir.

Bniet is-sultan joħorġu jilqgħuk;
f'lemintek is-sultana mżejna b'deheb ta' Ofir. ℟.

Isma', binti, ħares u agħti widen,
insa 'l ġensek u 'l dar missierek. ℟.

Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;
u int, għax hu sidek, agħtih qima. ℟.

Għand is-sultan jeħduha bix-xbejbiet warajha,
it-tfajliet li ngħatawlha bi sħabha.
Jittieħdu b'agħjat ta' ferħ u hena,
jidħlu fil-palazz tas-sultan. ℟.

## Lezzjoni II

*L-ewwel frott hu Kristu, imbagħad dawk li huma ta' Kristu.*

Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin 15,20-26

Ħuti:

Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet, l-ewwel frott fost dawk li raqdu. Għaliex, jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ukoll jiksbu l-ħajja fi Kristu. Imma kulħadd skond kif imissu: jibda l-ewwel frott li hu Kristu, wara, dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu. Imbagħad it-tmiem, meta Kristu jerħi s-saltna f'idejn Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u kull qawwa. Għax jeħtieġ li hu jsaltan "sa ma jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh". Fl-aħħar jinqered l-aħħar għadu: il-Mewt.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Marija ġiet imtellgħa fis-sema;
jifirħu l-qtajja ta' l-Anġli.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; għolla ċ-ċkejknin.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1, 39-56

F'dawk il-granet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu, u nfexxet f'għajta kbira u qalet:

"Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek." U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej."

Imbagħad qalet Marija:
"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,
għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar:
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Israel qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

Marija baqgħet ma' Eliżabetta għal xi tliet xhur u mbagħad reġgħet lura lejn darha.

Il-Kelma tal-Mulej.

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA REĠINA

### Lezzjoni I

*Ingħatalna iben.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 9, 1-3.5-6

Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir;
in-nies li joqogħdu f'art id-dlam
dawl kbir idda fuqhom.
Int kattart il-ġnus,
kabbart il-ferħ;
huma ferħu quddiemek,
bħalma jifirħu fi żmien il-ħsad,
bħalma jifirħu fi qsim il-priża.
Għax il-madmad li kien itaqqlu,
u l-ħatar ta' fuq spallejh,
u l-bastun tal-argużin,
int kissirthom bħal f'jum Midjan.

Għax tweldilna tifel,
ingħatalna iben;
is-saltna tkun fuq spallejh,
u jsemmuh:
"Kunsillier ta' l-għageb, Alla setgħan,
Missier għal dejjem, prinċep tas-sliem."
Kbira tkun saltnatu,
u s-sliem bla qjies
fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu,
Hu jwettaqha u jsaħħaħha
bil-ħaqq u s-sewwa,
minn issa u għal dejjem.
Il-ħeġġa tal-Mulej ta' l-eżerċti tagħmel dan.

Il-Kelma tal-Mulej.

### Salm responsorjali

Salm 112,1-2.3-4.5-6.7-8 (℟.2)

℟. Ikun isem il-Mulej imbierek minn issa u għal dejjem!

Faħħru, qaddejja tal-Mulej,
faħħru isem il-Mulej.
Ikun isem il-Mulej imbierek,
minn issa u għal dejjem! ℟.

Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha
ikun imfaħħar isem il-Mulej!
Għoli fuq il-ġnus kollha l-Mulej,
ogħla mis-smewwiet hu sebħu. ℟.

Min hu bħall-Mulej, Alla tagħna,
li qiegħed fil-għoli?
Hu li jħares 'l isfel,
lejn is-smewwiet u lejn l-art. ℟.

Hu li jqajjem mit-trab l-imsejken,
u jerfa' mill-miżbla l-fqajjar,
biex mal-kbarat iqiegħdu,
mal-kbarat tal-poplu tiegħu. ℟.

### Vers ta' l-Hallelujah

ara Lq 1,28

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa.
℟. Hallelujah.

### Evanġelju

*Int tnissel fil-ġuf u jkollok iben.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1, 26-28

F'dak iż-żmien:
Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija jisimha Nazaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.
L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."
Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan ladarba jiena verġni?"
Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."
Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

4 ta' Settembru

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, OMM TAL-KONSOLAZZJONI (TAĊ-ĊINTURA)

**(Festa O.S.A.)**

### Lezzjoni I

*Farraġ il-Mulej il-poplu tiegħu.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 49,8-11.13.15

Dan igħid il-Mulej:
Fiż-żmien li għoġobni jiena smajtek,
u f'jum is-salvazzjoni jiena għentek.
Jien ħaristek u għamiltek patt mal-poplu,
biex nerġa' nqajjem l-art,
u nqassam il-wirt imħarbat;
biex ngħid lill-imjassrin: "Oħorġu!"
U lil dawk li huma fid-dlam: "Ejjew għad-dawl!"



Huma jirgħu ma' tul it-triq
u fuq kull għolja għerja jsibu l-mergħa tagħhom.
Ma jeħodhomx il-ġuħ u lanqas il-għatx,
u ma tolqothomx is-sħana u lanqas ix-xemx.
Għax min ħenn għalihom imexxihom,
u jgħaddihom minn ħdejn egħjun ta' ilma.
Minn kull muntanja nagħmel triq,
u ngħolli l-mogħdijiet tiegħi.

Għannu fil-ferħ, o smewwiet!
Aqbeż bil-ferħ, o art!
Infexxu fil-għana, o muntanji!
Għax farraġ il-Mulej il-poplu tiegħu;
u ħenn għall-imsejknin tiegħu!

Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha,
u ma tħennx għal bin ġufha?
Imqar jekk din tinsa,
jien ma ninsiek qatt!

Il-Kelma tal-Mulej.

**Salm responsorjali** Salm 29, 2-4.5-6.7-8.9.11.12-13

℟. It-tjieba tal-Mulej iddum għal dejjem.

Ngħollik, Mulej, għax erfajtni,
u ma ferraħtx l-egħdewwa tiegħi bija.
Mulej, Alla tiegħi, jiena sejjaħtlek;
sejjaħtlek, u int fejjaqtni.
Mulej, tellajtli mill-mewt il ruħi,
ħlistni minn dawk li nizlu fil-ħofra. ℟.

Għannu lill-Mulej, ħbieb tiegħu,
faħħru l-isem imqaddes tiegħu.
Għax ftit iddum is-saħna tiegħu,
iżda għomor sħiħ l-imħabba tiegħu.
Filgħaxija jidħol il-biki,
filgħodu jidwi agħjat ta' ferħ. ℟.

Mela jien għidt fl-aħjar tiegħi:
"Żgur li qatt ma niċċaqlaq!"
Mulej, bi pjaċir tiegħek
fuq muntanja qawwija qegħidtni;
imbagħad ħbejt wiċċek minni,
u jien tħawwadt għal kollox. ℟.

Lilek sejjaħt, Mulej;
lil Sidi tlabt il-ħniena.
Ismagħni, Mulej, u ħenn għalija;
kun, Mulej, il-għajnuna tiegħi. ℟.

Int biddilt fi żfin il-għali tiegħi,
neżżajtni min-niket, bil-ferħ ħażżimtni.
Għalhekk ruħi tgħannilek bla heda;
Mulej, Alla tiegħi, infaħħrek għal dejjem! ℟.

## Lezzjoni II

*Tfarraġna f'kull xorta ta' niket.*

Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin

1,3-7

Ħuti:

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ. Hu jfarraġna fil-hemm kollu tagħna, biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm. Bħalma joktru fina s-sofferenzi ta' Kristu, hekk ukoll permezz ta' Kristu joktor fina l-faraġ.

In-niket tagħna jservi għall-faraġ u s-salvazzjoni tagħkom; u jekk nitfarrġu, dan iservi għall-faraġ tagħkom, li jaħdem fikom biex ikollkom il-qawwa tissapportu ssofferenza li aħna nissapportu wkoll. B'hekk it-tama tagħna fikom hi dejjem qawwija, għax aħna nafu li, kif intom taqsmu magħna s-sofferenzi tagħna, hekk ukoll taqsmu l-faraġ tagħna.

Il-Kelma tal-Mulej.



## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Hienja l-Verġni mqaddsa Marija
li bla ma mietet
stħoqqilha l-glorja tal-martirju ħdejn is-salib.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Hemm hu ibnek. Hemm hi ommok.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19,25-27

F'dak iż-żmien:

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."

U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:
*Kien hemm omm Ġesù.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 2,1-11

F'dak iż-żmien:

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien maddixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."

Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqegħdin hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew

il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluħ lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid, u billi ma kienx jaf mnejn gie, għal-kemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħahom, igibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Imbierka inti fost in-nisa.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1,39-55

F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellimilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu, u nfexxet f'għajta kbira u qalet:

"Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej." Imbagad qalet Marija:

"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi."

Il-Kelma tal-Mulej.





## IT-TWELID TAL-VERGNI MQADDSA MARIJA

**Lezzjoni I**

*Sa meta teħles dik li hi fl-uġigħ tal-ħlas.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Mikea 5,1-4a

Dan igħid il-Mulej:
"Int, Betlehem ta' Efrata,
ċkejkna fost il-familji ta' Ġuda,
minnek għad joħroġli
dak li jkun prinċep f'Israel;
hu għandu l-bidu tiegħu mill-qedem,
sa minn dejjem ta' dejjem.
Għalhekk il-Mulej jitlaqhom
sa meta teħles dik li hi fl-uġigħ tal-ħlas;
imbagħad il-bqija ta' ħutu jerġgħu lura
fost ulied Israel.

U hu joqgħod jirgħa l-merħla tiegħu
bil-qawwa tal-Mulej,
bil-glorja ta' isem il-Mulej, Alla tiegħu.
U huma jgħammru fi żgur
għax issa tkun kbira setgħetu,
sat-truf ijiet ta' l-art.
U dan ikun is-sliem!

Il-Kelma tal-Mulej.

**Salm responsorjali** Salm 12, 6ab.6cd (℟. Is 61,10)

℟. Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej.

Jiena fit-tjieba tiegħek, Mulej, nitma,
tifraħ qalbi għall-għajnuna tiegħek. ℟.

Ngħanni lill-Mulej
għall-gid li għamilli. ℟.

## Lezzjoni II

*Dawk li hu għarafhom, ippredestinahom.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani 8, 28-30

Ħuti:
Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejħin skond il-provvidenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom. Għax lil dawk li hu għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu s-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa; lil dawk li ippredestinahom, sejħilhom ukoll; lil dawk li sejħilhom, iġġustifikahom ukoll; lil dawk li mbagħad iġġustifikahom, igglorifikahom ukoll.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Hienja int, Verġni Marija
u jistħoqqlok kull tifħir;
minnek twieled Kristu, Alla tagħna,
ix-xemx tal-ġustizzja.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew 1,1-17

Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham.

Abraham nissel lil Iżakk, Iżakk nissel lil Ġakobb, Ġakobb nissel lil Ġuda u lil ħutu. Ġuda nissel lil Fares u lil Żaraħ minn Tamar. Fares nissel lil Ħesron, Ħesron nissel lil Aram, Aram nissel lil Għamminadab, Għamminadab nissel lil Naħson. Naħson nissel lil Salmon, Salmon nissel lil Bogħoz minn Raħab. Bogħoż nissel lil Għobed minn Rut. Għobed nissel lil Ġessi, Ġessi nissel lis-sultan David.

David nissel lil Salamun mill-mara ta' Urija, Salamun nissel lil Robogħam, Robogħam nissel lil Abija, Abija nissel lil Asa, Asa, nissel lil Ġosafat, Ġosafat nissel lil Ġotam, Ġotam nissel lil Aħaz, Aħaz nissel lil Ħeżekija, Ħeżekija nissel lil Manassi, Manassi nissel lil Amon, Amon nissel lil Ġosija, Ġosija nissel lil Ġekonija u lil ħutu; kien żmien l-eżilju f'Babel.

Wara l-eżilju f'Babel, Ġekonija nissel lil Salatjel, Salatjel nissel lil Żorobabel, Żorobabel nissel lil Abihud, Abihud nissel lil Eljakim, Eljakim nissel lil Azor, Azor nissel lil Sadok, Sadok nissel lil Akim, Akim nissel lil Elihud, Elihud nissel lil Elgħażar, Elgħażar nissel lil Mattan, Mattan nissel lil Ġakobb, Ġakobb nissel lil Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, li minnha twieled Ġesù li jsejħulu l-Messija.

It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu.

Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust, ma riedx ixandarha quddiem kulħadd; u għalhekk għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies. Meta kien għadu qiegħed jaħsibha, deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu lil Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi jkollha iben u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom."

Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: "Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben u jsemmuh Għimmanu-El", li bi lsienna jfisser 'Alla magħna'."

Il-Kelma tal-Mulej.

Il-qari tal-Evanġelju jista' jibda minn It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk

12 ta' Settembru

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAL-PROVVIDENZA

Ara Quddiesa nr. 40.

12 ta' Settembru

## L-ISEM TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA

Ara Quddiesa nr. 21.

12 ta' Settembru

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAL-GRAZZJA

### Lezzjoni I

*Min jisma' minni ma jkollux għax jistħi.*

Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak 24, 1-2.5-7.12-16.26-31

Il-għerf ifaħħar lilu nnifsu,
u jiftaħar f'nofs il-poplu tiegħu.
Jiftaħ fommu fil-ġemgħa ta' l-Għoli,
u jiftaħar quddiem il-qawwa tiegħu.

Jien bħala terebint frixt il-friegħi tiegħi,
u l-friegħi tiegħi huma friegħi
ta' min jagħtihom ġieh u jitgħaxxaq bihom.
Jien bħal dielja tarmi żahar li jiġbdek
u nwar tiegħi jagħmel frott ta' glorja u ġid.
Jien omm l-imħabba safja
il-biża' u l-għerf u t-tama qaddisa.

Ersqu lejja intom li tixtiquni,
u mtlew bil-frott tiegħi.
Għax it-tifkira tiegħi hi aktar ħelwa mill-għasel,
u s-sehem tiegħi minn xehda għasel.
Min jiekol minni jieħdu l-ġuħ għal aktar,
u min jixrob minni jieħdu l-għatx għall-aktar.
Min jisma' minni ma jkollux għax jistħi,
u dawk li jaħdmu bija ma jidinbux.

Il-Kelma tal-Mulej.



### Salm responsorjali Salm 44, 11-12.14-15.16-17.18

℟. Isma', binti, ħares u agħti widen.

Isma', binti, ħares u agħti widen,
insa 'l ġensek u 'l dar missierek.
Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;
u int, għax hu sidek, agħtih qima. ℟.

Kollha ġmiel bint is-sultan bil-ġawhar,
minsuġa bid-deheb ilbiesha.
Għand is-sultan jeħduha bix-xbejbiet warajha,
it-tfajliet li jingħatawlha bi sħabha. ℟.

Jittieħdu b'agħjat ta' ferħ u hena;
jidħlu fil-palazz tas-sultan.
Flok missirijietek jilħqu wliedek;
int tqegħidhom kapijiet fuq l-art kollha. ℟.

Infakkar ismek min-nisel għal nisel,
ifaħħruk il-popli għal dejjem ta' dejjem! ℟.

jew:

### Lezzjoni I

*Kif nista' nħares bi kwieti fuq il-ħsara li waqgħet fuq il-poplu tiegħi?*

Qari mill-Ktieb ta' Ester 8,3-8.16-17a

F'dawk il-jiem:

Ester reġgħet kellmet is-sultan Assweru, u nxteħtet f'riġlejh, bkiet u talbitu bil-ħniena biex isewwi l-ħsara li kien għamel Ħaman, l-Agagi, u jħassar il-pjan li kien għamel kontra l-Lhud.

U s-sultan medd ix-xettru tad-deheb lejn Ester u qamet u baqgħet bil-wieqfa quddiem is-sultan u qaltlu: "Jekk jogħġob lis-sultan, u jien sibt grazzja quddiemu u jekk jidhirlu li hi ħaġa xierqa, u jien għoġobtu, ħa toħroġ ordni biex jitreġġgħu lura l-ittri miktuba bit-tnassis ta' Ħaman bin Ħamdata l-Agagi, għall-qerda tal-Lhud li jogqħodu f'kemm hemm provinċji tas-sultan. Għaliex kif nista' nibqa' nħares bi kwieti fuq il-ħsara li waqgħet fuq il-poplu tiegħi u l-qerda ta' niesi?"

U s-sultan Assweru wieġeb lis-sultana Ester u lil Mordekaj, il-Lhudi: "Ara, jien tajt il-ġid ta' Ħaman lil Ester, u lilu għallquh mal-forka għax medd idejh fuq il-Lhud. Issa iktbu intom f'isem is-sultan favur il-Lhud u issiġillaw l-ittri bis-siġill tas-sultan, għax ladarba ittra tkun ħarġet f'isem is-sultan bis-siġill tas-sultan, din ma tkunx tista' titreġġa' lura."

U fuq il-Lhud feġġ id-dawl u l-hena, agħjat u ferħ u ġieh. U f'kull provinċja u f'kull belt, f'kull fejn ixxandar id-digriet u l-ordni tas-sultan il-Lhud ferħu u thennew, kielu u għamlu festa. U ħafna millġnus saru Lhud għax beżgħu minnhom.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali — Salm 66,2-3.4-5.6-7 (℟. 2b)

℟. Dawwal fuqna, Mulej, id-dawl ta' wiċċek.

Iħenn għalina Alla, u jberikna;
 idawwal għal fuqna d-dija ta' wiċċu.
Biex jingħarfu fuq l-art triqatek,
 fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek. ℟.

Ifaħħruk il-popli, o Alla,
 ifaħħruk il-popli kollha.
Jithennew il-ġnus u jgħannu bil-ferħ,
 għax irieġi l-popli bis-sewwa,
 u l-ġnus fuq l-art int tmexxihom. ℟.

Ifaħħruk il-popli, o Alla
 ifaħħruk il-popli kollha.
L-art tat il-frott tagħha;
 iberikna Alla, Alla tagħna. ℟.

## Lezzjoni II

*Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-ħajja.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani — 5,12.17-19

Ħuti:
Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu.

Għax jekk minħabba l-ħtija ta' wieħed waħdu saltnet il-mewt permezz ta' dak il-wieħed, aktar u aktar dawk li jirċievu l-kotra tal-grazzja u d-don tal-ġustizzja għad isaltnu fil-ħajja permezz ta' wieħed li hu ta' Alla, Kristu.

Mela kif bil-ħtija ta' wieħed waħdu waslet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' wieħed waslet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja. Għax kif bid-disubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru ġusti.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Vers ta' l-Hallelujah — Lq 1,28

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja,
il-Mulej miegħek:
Imbierka inti fost in-nisa.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Int tnissel fil-ġuf u jkollok iben.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — 1, 26-38

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek". Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha setgħet qatt tfisser din it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli.

il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu.''

Iżda Marija qlaet lill-anġlu: ''Kif ikun dan, ladarba jiena verġni?''

Wieġeb l-anġlu u qalilha: ''L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-qawwa tal-Għoli titfa d-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u għà għandha sitt xhur dik li għalha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir.''

Imbagħad qalet Marija: ''Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek.'' U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Omm Ġesù kienet hemm.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 2, 1-11

F'dak iż-żmien:

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal inbid, omm Ġesù qaltlu: ''Ma għandhomx inbid.'' U Ġesù qalilha: ''Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx.'' Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: ''Agħmlu kull ma jgħidilkom hu.''

Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: ''Imlew il-ġarar bl-ilma'' U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: ''Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda.'' U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid, u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ



lill-għarus u qallu: ''Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel meta mbagħad ikun ħadhom igibu dak li hu inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa.''

Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.

24 ta' Settembru

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAL-FIDWA

Ara Quddiesa nr. 43.

15 ta' Settembru

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAD-DULURI

**Meta hi tifkira jew festa l-Lezzjoni I hi s-silta mill-Ittra lil-Lhud bis-salm tagħha fil-paġ. li ġejja; meta hi Solennità l-Lezzjoni I hija din li ġejaj, u l-Lezzjoni mill-Ittra lil-Lhud titħabbar bħala Lezzjoni II wara s-Salm Responsorjali.**

### Lezzjoni I

*Marija, tron ta' l-għerf.*

Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak 24, 1-2.5-7.12-16.26.31

Il-għerf ifaħħar lilu nnifsu,
u jiftaħar f'nofs il-poplu tiegħu.
Jiftaħ fommu fil-ġemgħa ta' l-Għoli,
u jiftaħar quddiem il-qawwa tiegħu.

''Jien ħriġt minn fomm il-Għoli
u għattejt l-art bħan-nida.
Tellajt fil-għoli l-għarix tiegħi,
u t-tron tiegħi fuq kolonna sħab.''

Wara l-ħallieq ta' kollox tani ordni,
u dak li ħalaqni għażel post għall-għarix tiegħi,
u qalli: "Tella' l-għarix tiegħek f'Ġakobb,
u iret sehmek f'Israel."

Qabel kull żmien, fil-bidu, ħalaqni,
u sal-aħħar taż-żmien ma niġix nieqes.
Għamiltha ta' qaddej quddiemu fl-Għarix Imqaddes,
u hekk ġejt imqiegħed fis-sod f'Sijon.
Bl-istess mod qegħedni nistrieħ fil-belt maħbuba,
u s-setgħa tiegħi kienet fuq Ġerusalemm.
U xenxilt l-egħruq tiegħi f'poplu ta' ġieħ,
f'sehem il-Mulej, il-wirt tiegħu.

Ersqu lejja intom li tixtiquni,
u mtlew bil-frott tiegħi.
Għax it-tifkira tiegħi hi aktar ħelwa mill-għasel,
u s-sehem tiegħi minn xehda għasel.
Min jiekol minni jieħdu l-ġuħ għal aktar,
u min jixrob minni jieħdu l-għatx għall-aktar.
Min jisma' minni ma jkollux għax jistħi,
u dawk li jaħdmu bija ma jidinbux.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

## Lezzjoni I

*Tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza.*

Qari mill-Ittra lil-Lhud
5,7-9

Meta kien igħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla. Għad li kien Iben, tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza. U billi laħaq il-perfezzjoni sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu.

Il-Kelma tal-Mulej.



## Salm responsorjali
30, 2-3a.3b-4.5-6.15-16.20 (℟. 17b)

℟. Fit-tjieba tiegħek, Mulej, eħlisni.

Fik, Mulej, jien nistkenn;
ma jkolli qatt għax nirgħex.
Fil-ġustizzja tiegħek salvani,
agħtini widen u fittex eħlisni. ℟.

Kun blata ta' kenn għalija,
fortizza qawwija ta' salvazzjoni.
Inti l-blata u l-fortizza tiegħi;
f'ġieħ ismek mexxini u wennisni. ℟.

Oħroġni mix-xibka li ħbew għalija,
għax inti l-qawwa tiegħi.
F'idejk jien nerħi ruħi;
int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa. ℟.

Imma jien fik nittama, Mulej ;
jien ngħidlek: "Alla tiegħi int!"
F'idejk hi xortija,
eħlisni minn id l-egħdewwa,
minn id dawk li jeħduha kontrija. ℟.

Kemm hu kbir il-ġid tiegħek, Mulej,
li int erfajt għal min jibża' minnek,
li int hejjejt għal min jafda fik,
quddiem il-bnedmin kollha! ℟.

## Sekwenza

(tista' titħalla barra, jew tingħad biss l-aħħar parti, minn Omm qaddisa, isma' talbi....)

Wieqfa kienet imbikkija
l-Omm ħdejn Binha fit-tbatija
fuq salib imdendel.

Ta' din l-Omm il-qalb maqsuma
f'dak l-imrar, bl-uġigħ mitmuma
nifed sejf in-niket.

Kemm tbatija f'qalb mugugħa;
liema dwejjaq li jifnuha
ħasset l-Omm imbierka.

X'weġġħa ġarrbet u x'kefrija
meta ratu fit-tbatija
l-Omm lil Binha, Alla!

Qalb kull bniedem tħoss għaliha
lil Omm Kristu u jibkiha
xħin jaraha f'dil-ħasra.

Min ma jħossx id-dwejjaq tagħha
lil Omm Kristu u tibkiha
xħin taraha f'dil-ħasra.

Min ma jħossx id-dwejjaq tagħha
xħin ta' Kristu l-Omm jilmaħha
fin-niket ma' Binha?

Għad-dnubiet ta' ġensu ħati!
lil Ġesù hi ratu jbati
taħt is-swat bla ħniena.

Rat lil Binha u baqgħet miegħu
f'dak l-imrar tal-mewta tiegħu,
waqt li ħarġet ruħu.

Omm u għajn ta' mħabba għalija,
ġegħ'lni nħoss dik it-tbatija
Biex jien nibki miegħek.

Kebbes f'qalbi nar ta' mħabba
u tħalliha qatt tittabba,
imħabbti għal Kristu.

Omm qaddisa, isma' talbi:
dawk il-pjagi qegħdli f'qalbi
t'Ibnek, Ġesù msallab.

Aqsam miegħi dit-tbatija
għal Ġesù li mħabba fija
xerred demmu kollu.

Ħdejn Ġesù nibki dnubieti,
fis-salib nara ħtijieti
sakemm ngħix dil-ħajja.



Kemm nixtieqni nibqa' miegħek
mas-Salib u fid-dmugħ tiegħek
nissieħeb minn qalbi.

Meta jmut il-ġisem tagħna,
agħmel Int li r-ruħ tistagħna
b'dawl u sebħ il-ġenna. Amen.

## Vers ta' l-Hallelujah

℟. Hallelujah.
℣. Hienja l-Verġni mqaddsa Marija
li bla ma mietet
stħoqqilha l-glorja tal-martirju ħdejn is-salib.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Hemm hu ibnek. Hemm hi ommok.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 19,25-27

F'dak iż-żmien:

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala.

Meta kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hemm hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok."

U minn dak il-ħin id-dixxipli ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.

**jew:**

*Sejf jinfidlek ruħek.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 2, 33-35

F'dak iż-żmien:

Missier Ġesù u ommu baqgħu mistagħġba b'dak li kien qiegħed jingħad fuqu. Xmun berikhom u qal lil ommu Marija: "Ara dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel, se jkun sinjal li jmeruh, u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna."

Il-Kelma tal-Mulej.

# IL-XERĠNI MQADDSA MARIJA TAR-RUŻARJU

Meta l-festa ssir il-Ħadd jew tiġi ċelebrata bħala solennità, il-Lezzjoni I tkun din li ġejja, u l-Lezzjoni mill-Atti ta' l-Appostli 1,12-14, tinqara wara s-salm responsorjali bħala Lezzjoni II.

## Lezzjoni I

*Għajjat bil-ferħ, bint Sijon, għax il-Mulej ġej.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Zakkarija 2, 14-16

Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena,
bint Sijon,
għaliex arani ġej
biex ngħammar f'nofsok
— Oraklu tal-Mulej —
u kotra kbira ta' ġnus
jingħaqdu dak in-nhar mal-Mulej;
u huma jkunu l-poplu tiegħi.
U jiena ngħammar f'nofsok;
imbagħad inti tagħraf
li l-Mulej ta' l-eżerċti bagħatni għandek.
U l-Mulej jieħu 'l Ġuda
bħala sehmu mill-wirt fl-Art Imqaddsa,
u jerġa' jagħżel 'il Ġerusalemm!
Żommu s-skiet quddiem il-Mulej,
intom il-ħajjin ilkoll,
għax stembaħ mill-għamara mqaddsa tiegħu!

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Qiegħdu l-Arka ta' Alla f'nofs it-tinda.*

Qari mill-Ewwel Ktieb tal-Kronaki 15, 3-4.15-16; 16,1-2

F'dawk il-jiem:
David laqqa' l-poplu ta' Israel kollu f'Ġerusalemm biex italla' l-arka tal-Mulej f'postha li kien hejja għaliha. David laqqa' lil ulied Aron u lil-Leviti.

U l-Leviti ġarrew l-arka ta' Alla bil-lasti fuq spallejhom, kif kien ordna Mosè skond il-kelma tal-Mulej. U David ordna l-kapijiet tal-Leviti li jqassmu 'l ħuthom il-mużiċisti bl-istrumenti tad-daqq — arpi, ċetri, ċnieċel — u jgħollu u jsemmgħu leħinhom għoli b'sinjal ta' ferħ.

U hekk ġabu l-arka ta' Alla u qegħduha f'nofs it-tinda li kien waqqaf għaliha David, u offrew sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tas-sliem, quddiem Alla. Meta kien offra s-sagrifiċċji tal-ħruq u s-sagrifiċċji tas-sliem David bierek il-poplu b'isem il-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' Marija, omm Ġesù.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli 1,12-14

Wara li Ġesù tela' s-sema, l-Appostli reġgħu lura lejn Ġerusalemm mill-għolja msejħa taż-Żebbuġ, li hi 'l bogħod mill-belt daqs il-mixja tas-Sibt, jiġifieri xi nofs mil. X'ħin daħlu l-belt, telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu. Huma kienu Pietru u Ġwanni, Ġakbu u Indri, Filippu u Tumas, Bartilmew u Mattew, Ġakbu bin Alfew u Xmun igħidulu l-Imħeġġeġ, u Ġuda bin Ġakbu.

U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija omm Ġesù u ma' qrabatu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali

Lq 1, 46-47.48-49.50-511.52-53.54-55 (R̸.)

R̸. Hienja int, Verġni Marija, li ġibt fid-dinja lil Bin il-Missier etern.

jew:

Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar, qaddis hu l-isem tiegħu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi. R̸.

Għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja.
Għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar:
qaddis hu l-isem tiegħu. ℟.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. ℟.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. ℟.

Ħa ħsieb Israel qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem. ℟.

Vers ta' l-Hallelujah ara Lq 1,28

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja,
il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa.
℟. Hallelujah.

Evanġelju

*Int tnissel fil-ġuf u jkollok iben.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1, 26-38

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima.



Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Hienja dik li emmnet.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1, 39-47

F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'Belt tal-Lhudija. Daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellimilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu, u nfexxet f'għajta kbira u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek. U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva hienja dik li emmnet kull ma bagħat igħidilha l-Mulej".

Imbagħad qalet Marija: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi."

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Omm Ġesù kienet tgħożż f'qalbha l-kelma tal-Mulej.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 2,41-52

Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesù kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa ta' l-Għid. Meta kellu tnax-il sena telgħu wkoll, skond id-drawwa ta' dik il-festa. Wara li għaddew dawk il-ġranet qabdu t-triq lura, imma t-tfajjel Ġesù baqa' Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu. Huma ħasbuh li qiegħed ma' xi wħud li kienu fit-triq magħhom; iżda meta wara jum mixi fittxewh fost qrabathom u n-nies li kienu jafuhom, ma sabuhx, u għalhekk reġgħu lura Ġerusalemm ifittxuh.

Wara tliet ijiem sabuh fit-tempju, bil-qiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u jistaqsihom, u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu. Kif rawh instamtu, u ommu qaltlu: "Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b' qalbna maqsuma!" U hu qalilhom: "U għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" Iżda kliemu ma fehmuhx.

Imbagħad niżel magħhom u reġa' mar Nazaret; u kien jobdihom. U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha.

Il-Kelma tal-Mulej.

12 ta' Ottubru

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAL-PILAR

Ara Quddiesa nr. 35.



14 ta' Ottubru

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAS-SAHHA

Ara Quddiesa nr. 44.

20 ta' Ottubru

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA "MATER ADMIRABILIS"

Lezzjoni I

*Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 61, 9-11

Nisilkom ikun magħruf fost il-ġnus,
u wliedkom qalb il-popli.
Kull min jarahom jagħrafhom
li huma nisel imbierek mill-Mulej.

Nifraħ fuq li nifraħ bil-Mulej,
taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi.
Għax hu libbisni bi lbies tas-salvazzjoni,
bil-mantar tal-ġustizzja għattieni,
bħal għarus imżejjen b'kuruna,
bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha.
Bħalma l-art tnibbet,
bħalma l-ġnien inibbet il-miżrugħ fih,
hekk il-Mulej inibbet il-ġustizzja u l-foħrija,
quddiem kollha kemm huma l-ġnus.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali

Lq 1,46-48a.48b-49.50-51.52-53.54-55 (℟. 48a)

℟. Il-Mulej xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. ℟.

Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel isejjaħli hienja,
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar,
qaddis hu l-isem tiegħu. ℟.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. ℟.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. ℟.

Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
— bħalma wiegħed lil missirijietna, —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem. ℟.

## Lezzjoni II

*Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn mara.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin 4,4-7

Ħuti:

Meta waslet il-milja taż-żmenijiet Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi 'l dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna



jgħajjat: Abba! Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben, u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Vers ta' l-Hallelujah

Ara Lq 1,28

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja,
il-Mulej miegħek,
imbierka inti fost in-nisa.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*U jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1, 26-38

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel, jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-qawwa ta' l-Għoli titfa' d-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta fi xjuħitha, hi wkoll nis-

slet iben fil-ġuf u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek." U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

It-tieni Sibt ta' Novembru

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAD-DAWL

Ara Quddiesa nr. 16.

14 ta' Novembru

## IL-PATROĊINJU TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA

(Għasri, Għawdex)

Ara l-Quddiesa fit-8 ta' Mejju paġ. 261.



21 ta' Novembru

## IL-PRESENTAZZJONI TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA

Lezzjoni I

*Għajjat bil-ferħ, bint Sijon.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 2, 14-16

Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena,
bint Sijon,
għaliex arani ġej
biex ngħammar f'nofsok
— Oraklu tal-Mulej —
u kotra kbira ta' ġnus
jingħaqdu dak in-nhar mal-Mulej;
u huma jkunu l-poplu tiegħi.
U jiena ngħammar f'nofsok;
imbagħad inti tagħraf
li l-Mulej ta' l-eżerċti bagħatni għandek.

u l-Mulej jieħu 'l Ġuda
bħala sehmu mill-wirt Art l-imqaddsa,
u jerġa' jagħżel 'il Ġerusalemm!
Żommu s-skiet quddiem il-Mulej,
intom il-ħajjin ilkoll,
għax stembaħ mill-għamara mqaddsa tiegħu!

Il-Kelma tal-Mulej.

Salm responsorjali Lq 1,46-47.48-49.50-51.52-53-55-55

℟. Hienja int, Verġni Marija, għax ġibt fid-dinja lil Bin il-Missier etern.

jew:

℟. Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar:
qaddis hu l-isem tiegħu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi. ℟.

Għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja.
Għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar:
qaddis hu l-isem tiegħu. ℟.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. ℟.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. ℟.

Ħa ħsieb Israel qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem. ℟.

## Vers ta' l-Hallelujah — Lq 11.28

℣. Hallelujah.
℟. Hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla
u jħarsuha.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Medd idu lejn id-dixxipli tiegħu u qal: Dawn, araw, huma ommi u ħuti.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew — 12, 46-50

Waqt li Ġesù kien għadu qiegħed ikellem lin-nies, ġew ommu u qrabatu, u waqfu barra u fittxew li jkellmuh. Xi ħadd qallu: "Ara, ommok u ħutek qegħdin barra jfittxu li jkellmuk."

Iżda hu wieġeb lil dak li kellmu, u qallu: "Min hi ommi? U min huma ħuti?"



Imbagħad medd idu lejn id-dixxipli tiegħu u qal: "Dawn araw, huma ommi u ħuti. Għax kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, dak huwa ħija, u oħti, u ommi."

Il-Kelma tal-Mulej.

27 ta' Novembru

# IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAL-MIDALJA MIRAKOLUŻA

## Lezzjoni I

*Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej.*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija — 61, 9-11

Nisilkom ikun magħruf fost il-ġnus,
u wliedkom qalb il-popli.
Kull min jarahom jagħrafhom
li huma nisel imbierek mill-Mulej.

Nifraħ fuq li nifraħ bil-Mulej,
taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi.
Għax hu libbisni bi lbies tas-salvazzjoni,
bil-mantar tal-ġustizzja għattieni,
bħal għarus imżejjen b'kuruna,
bħal għarusa tleллex bil-ġawhar tagħha.
Bħalma l-art tnibbet,
bħalma l-ġnien inibbet il-miżrugħ fih,
hekk il-Mulej inibbet il-ġustizzja u l-foħrija,
quddiem kollha kemm huma l-ġnus.

Il-Kelma tal-Mulej.

jew:

*Deher sinjal kbir fis-sema.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi 12,1-3.7-12ab.17

Deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha. Hija kienet fit-tqala u bdiet tgħajjat bl-uġigħ tal-ħlas u tbati biex teħles.

Imbagħad fis-sema deher sinjal ieħor: ara, Dragun kbir minn lewn in-nar, b'sebat irjus u għaxart iqrun, u b'seba' djademi fuq irjusu.

Imbagħad qamet gwerra fis-sema: Mikiel u l-anġli tiegħu jitqabdu mad-Dragun. U d-Dragun u l-anġli tiegħu tqabdu, iżda ma kellhomx ħila jegħelmu, u ma kienx hemm iżjed post għalihom fis-sema. U ġie mwaddab id-Dragun il-kbir, is-Serp tal-qedem, li hu msejjaħ id-Demonju u x-Xitan, il-qarrieq tad-dinja kollha, kien imwaddab għal fuq l-art, u miegħu kienu mwaddba l-anġli tiegħu.

U smajt leħen qawwi mis-sema jgħid:
"Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa,
u s-Saltna ta' Alla tagħna,
u s-setgħa tal-Kristu tiegħu.
Għax twaddab 'il barra dak li jixli 'l ħutna,
li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna.
U huma ħarġu rebbieħa fuqu
permezz tad-demm tal-Ħaruf
u bis-saħħa tal-kelma li xehdu,
u ma għożżewx ħajjithom,
minkejja saħansitra l-mewt.
Għalhekk ifirħu, smewwiet,
u intom li tgħammru fihom."

U d-Dragun imtela bil-korla għall-Mara, u mar biex jagħmel gwerra mal-bqija ta' nisilha, ma' dawk li jħarsu l-preċetti ta' Alla u li għandhom ix-xhieda ta' Ġesù.

Il-Kelma tal-Mulej.



**Salm responsorjali**

Lq 1,46-48a.48b-49.50-51.52-53.54-55 (R/. 48a)

R/. Il-Mulej xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. R/.

Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel isejjaħli hienja,
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar,
qaddis hu l-isem tiegħu. R/.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. R/.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. R/.

Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
— bħalma wiegħed lil missirijietna —
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem. R/.

**Vers ta' l-Hallelujah** Ara Lq 1,45

R/. Hallelujah.
V/. Hienja dik li emmnet
li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej.
R/. Hallelujah.

## Evanġelju

*Dan kien l-ewwel wieħed fost is-sinjal tiegħu.*

☩ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 2,1-11

F'dak iż-żmien:

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."

Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu l-ilma kienu jafu, sejjaħ l-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom il-ġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli emmnu fih.

Il-Kelma tal-Mulej.



8 ta' Diċembru

## IT-TNISSIL BLA TEBGĦA TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA

## Lezzjoni I

*Inqajjem mibgħeda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha.*

Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi 3, 9-15.20

Wara li Adam kiel mis-siġra, il-Mulej sejjaħlu u staqsieh: "Fejn int?"

U dak wieġeb: "Smajt ħossok fil-ġnien u bżajt għax jien għarwien, u nħbejt."

U staqsieh: "Min qallek li int għarwien? Jaqaw kilt mis-siġra li jien ordnajtlek li ma tiekolx minnha?"

U wieġeb Adam: "Il-mara li tajtni għal miegħi, hi tatni mis-siġra, u jiena kilt."

U l-Mulej Alla qal lill-mara: "X'inhu dan li għamilt?"

U l-mara wieġbet: "Is-serp qarraq bija, u jiena kilt."

U l-Mulej Alla qal lis-serp:

"Talli għamilt dan, misħut int
fost il-bhejjem kollha
u fost l-annimali selvaġġi.
Għal żaqqek titkaxkar
u t-trab ta' l-art tiekol
il-jiem kollha ta' ħajtek.
U jien inqajjem mibgħeda
bejnek u bejn il-mara
bejn nislek u nisilha,
u hu jisħaqlek rasek
u int tisħaqlu għarqubu"

U Adam semma lil martu Eva għax hi kienet omm il-ħajjin kollha.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali 97,1.2-3ab.3bc-4 (℟.1a)

℟. Għannu lill-Mulej għanja ġdida għax għamel ħwejjeġ ta' l-għaġeb.

Għannu lill-Mulej għanja ġdida,
għax għamel ħwejjeġ ta' l-għaġeb.
Ġibitlu r-rebħa l-leminija tiegħu,
u d-driegħ imqaddes tiegħu. ℟.

Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu,
f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu.
Ftakar fit-tjieba u l-fedeltà tiegħu
mal-poplu ta' Israel. ℟.

L-art kollha, minn tarf għall-ieħor,
rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
Għajtu bil-ferħ lill-Mulej fl-art kollha,
infexxu fil-hena, ifirħu u għannu. ℟.

## Lezzjoni II

*Alla għażilna fi Kristu sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin 1,3-6,11-12

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu:
li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali,
fis-smewwiet fi Kristu.
Hekk hu għażilna fih
sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja,
biex inkunu qaddisa u bla tebgħa
quddiemu fl-imħabba.
Iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi
permezz ta' Ġesù Kristu;
hekk għoġob lir-rieda tiegħu,
għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu,
li biha mliena fil-maħbub tiegħu.

Fih aħna wkoll konna magħżula,
iddestinati minn qabel,
skond il-pjan imfassal minn qabel
minn min imexxi kollox



skond il-fehma tar-rieda tiegħu,
sabiex inkunu għat-tifħir tal-glorja tiegħu.
Aħna, li sa minn qabel, konna nittamaw fi Kristu.

Il-Kelma tal-Mulej.

## Vers ta' l-Hallelujah ara Lq 1,28

℟. Hallelujah.
℣. Sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja,
il-Mulej miegħek,
imbierka inti fost in-nisa.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1,26-38

F'dak iż-żmien:
Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija jisimha Nazaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla.

Ara, il-qariba tiegħek Elizabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek". U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

10 ta' Diċembru

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TA' LORETO

### Lezzjoni I

*Rajt Ġerusalemm il-ġdida mhejjija bħal għarusa mżejna għall-*

Qari mill-Ewwel Ktieb tal-Kronaki 15,3-4.15-16;16,1-2

F'dawk il-jiem:

David laqqa' lill-poplu ta' Israel kollu f'Ġerusalemm biex italla' l-arka tal-Mulej f'postha li kien hejja għaliha. U David laqqa' lil ulied Aron u lil-Leviti.

U l-Leviti ġarrew l-arka ta' Alla bil-lasti fuq spallejhom, kif kien ordna Mosè skond il-kelma tal-Mulej. U David ordna lill-kapijiet tal-Leviti li jqassmu 'l ħuthom il-mużiċisti bl-istrumenti tad-daqq — arpi, ċetri, ċnieċel — u jgħollu u jsemmgħu leħinhom b'sinjal ta' ferħ.

U hekk ġiebu l-arka ta' Alla u qegħduha f'nofs it-tinda li kien waqqaf għaliha David, u offrew sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tas-sliem quddiem Alla. Meta kien offra s-sagrifiċċji tal-ħruq u s-sagrifiċċji tas-sliem, David bierek il-poplu b'isem il-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej.



### Salm responsorjali — Salm 112, 1-2.3-4.5-6.7-8 (R/. 2)

R/. Ikun isem il-Mulej imbierek.

Faħħru, qaddejja tal-Mulej,
faħħru isem il-Mulej!
Ikun isem il-Mulej imbierek,
minn issa u għal dejjem. R/.

Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha
ikun imfaħħar isem il-Mulej.
Għoli fuq il-ġnus kollha l-Mulej,
ogħla mis-smewwiet hu sebħu. R/.

Min hu bħall-Mulej Alla tagħna,
li qiegħed fil-għoli?
Hu li jħares 'l isfel,
lejn is-smewwiet u lejn l-art. R/.

Hu li jqajjem mit-trab l-imsejken,
u jerfa' mill-miżbla l-fqajjar,
biex mal-kbarat iqiegħdu,
mal-kbarat tal-poplu tiegħu. R/.

### Lezzjoni II

*Rajt Ġerusalemm il-ġdida mhejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.*

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi 2,1 1-5a

Jien, Ġwanni, rajt sema ġdid u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu u ma kienx hemm iżjed baħar. U l-Belt qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema, mingħand Alla, imhejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.

U smajt leħen qawwi ġej mit-tron igħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom. Hu jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom: ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew agħjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel."

Imbagħad dak li hu bilqiegħda fuq it-tron qal: "Ara, se nġedded kollox."

Il-Kelma tal-Mulej.

Vers ta' l-Hallelujah — Lq 11,28

℟. Hallelujah.
℣. Hienja dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jħarsuha.
℟. Hallelujah.

Evanġelju

*Hieni l-ġuf li ġiebek.*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — 11,27-28

F'dak iż-żmien:

Waqt li Ġesù kien ikellem lin-nies, kien hemm waħda mara li għolliet leħinha minn qalb il-folla u qaltlu: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt".

Iżda hu qalilha: "Imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha!"

Il-Kelma tal-Mulej.





## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TA' L-ABBANDUNATI

Ara l-Quddiesa nr. 37.

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAL-ĠILJU

Ara l-Quddiesa tat-8 ta' Diċembru.

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TA' GUADALUPE

Ara l-Quddiesa nr. 1.

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAL-ĦLAS

Ara l-Quddiesa nr. 5.

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TA' L-ISPERANZA

Ara l-Quddiesa nr. 37.

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TA' MONTSERRAT

Ara l-Quddiesa tat-8 ta' Settembru

## IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAS-SAMRA jew TA' ATOCHA

Ara l-Quddiesa tal-15 ta' Awissu

Meta ċ-ċelebrazzjoni f'ġieh il-Madonna tkun fi grad ta' tifkira jew ta' festa, tinqara lezzjoni waħda; meta tkun fi grad ta' solennità jew issir f'xi Ħadd matul si-sena, jinqraw żewġ lezzjonijiet. Għalhekk meta fil-Lezzjonarju hemm biss proposta lezzjoni waħda, f'każ ta' solennità, il-lezzjoni li jkun hemm proposta tkun mit-Testment il-Qadim (u fi żmien il-Għid, mill-Atti ta' l-Appostli jew l-Apokalissi) din tkun l-ewwel lezzjoni, u bħala Lezzjoni II tinqara s-silta minn Gal 4,4-7 (paġ. 248); jekk il-Lezzjoni proposta tkun mit-Testment il-Ġdid din tinqara bħala Lezzjoni II, u bħala Lezzjoni I tinqara s-silta minn Is 7,10-14 (Quddiesa nru. 2) jew minn Apok 12, 1-3.7-12 (Quddiesa nru. 42).

# W E R R E J


Digriet tal-Kongregazzjoni tal-Kult Divin 3

Tagħrif ta' qabel dwar il-Lezzjonarju 5

**Żmien l-Avvent** 9

1. L-Imqaddsa Verġni Marija, bint magħżula ta' Israel 11
2. Il-Verġni Marija fit-tħabbira tal-Mulej 15
3. Iż-żjara tal-Verġni Marija 18

**Żmien il-Milied** 23

4. Qaddisa Marija Omm Alla 23
5. Il-Verġni mqaddsa Marija, Omm il-Feddej 27
6. Il-Verġni mqaddsa Marija fl-Epifanija tal-Mulej 30
7. Il-Verġni mqaddsa Marija fil-Preżentazzjoni tal-Mulej 33
8. Il-Verġni Marija ta' Nazaret (I) 35
   Il-Verġni Marija ta' Nazaret (II) 38
9. Il-Verġni mqaddsa Marija f'Kana 40

**Żmien ir-Randan** 43

10. Il-Verġni mqaddsa Marija, dixxiplu tal-Mulej 45
11. Il-Verġni mqaddsa Marija ħdejn is-salib tal-Mulej (I) 48
12. Il-Verġni mqaddsa Marija ħdejn is-salib tal-Mulej (II) 50
13. Ir-rakkomandazzjoni tal-Verġni mqaddsa Marija 52
14. Il-Verġni mqaddsa Marija, omm ir-rikonċiljazzjoni 55

**Żmien il-Għid** 57

15. Il-Verġni mqaddsa Marija fil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet 59
16. Il-Verġni mqaddsa Marija għajn ta' dawl u ħajja 61
17. Il-Verġni mqaddsa Marija taċ-Ċenaklu 64
18. Il-Verġni mqaddsa Marija, sultana ta' l-Appostli 66

**Żmien matul is-sena** 69

*l-ewwel taqsima*

19. Qaddisa Marija, Omm il-Mulej 71
20. Il-Verġni mqaddsa Marija, il-mara l-ġdida 73
21. L-Isem imqaddes ta' Marija 76
22. Il-Verġni mqaddsa Marija, qaddejja tal-Mulej 78
23. Il-Verġni mqaddsa Marija, tempju tal-Mulej 81
24. Il-Verġni mqaddsa Marija, tron tal-għerf 85
25. Il-Verġni mqaddsa Marija, xbieha u Omm il-Knisja (I) 90
26. Il-Verġni mqaddsa Marija, xbieha u Omm il-Knisja (II) 92
27. Il-Verġni Mqaddsa Marija, xbieha u Omm il-Knisja (III) 94

28. Il-Qalb bla tebgħa tal-Verġni Marija 97

*it-tieni taqsima*

29. Il-Verġni mqaddsa Marija, sultana tal-ħolqien kollu 100
30. Il-Verġni mqaddsa Marija, Omm u Medjatriċi tal-grazzja 105
31. Il-Verġni mqaddsa Marija, għajn ta' salvazzjoni (I) 108
Il-Verġni mqaddsa Marija, għajn ta' salvazzjoni (II) 111
32. Il-Verġni mqaddsa Marija, Omm u Għalliema Spiritwali 113
33. Il-Verġni mqaddsa Marija, Omm il-Parir it-Tajjeb 116
34. Il-Verġni mqaddsa Marija, bidu tal-ferħ tagħna 119
35. Il-Verġni mqaddsa Marija, ħarsien tal-fidi 122
36. Il-Verġni mqaddsa Marija, Omm l-imħabba safja 124
37. Il-Verġni mqaddsa Marija, Omm it-tama qaddisa 127
38. Il-Verġni mqaddsa Marija omm l-għaqda 130

*it-tielet taqsima*

39. Il-Verġni mqaddsa Marija, Sultana u Omm il-ħniena (I) 137
Il-Verġni mqaddsa Marija, Sultana u Omm il-ħniena (II) 140
40. Il-Verġni mqaddsa Marija, Omm il-Faraġ 145
42. Il-Verġni mqaddsa Marija, Għajnuna ta' l-insara 149
43. Il-Verġni mqaddsa Marija tal-Fidwa 153
44. Il-Verġni mqaddsa Marija, saħħa tal-morda 156
45. Il-Verġni mqaddsa Marija, Sultana tal-Paċi 159
46. Il-Verġni mqaddsa Marija, bieb tas-sema 162

Appendici I 165

1. Lezzjoni I mit-Testmen t il-Qadim 165
2. Lezzjoni I mit-Testment il-Ġdid 178
3. Evanġelju 187

**Appendici II — Festi u solennitajiet tal-Verġni mqaddsa Marija**

Jannar
1 L-Imqaddsa Omm Alla Marija 191

Frar
2 Il-Presentazzjoni tal-Mulej 193
11 Il-Verġni mqaddsa Marija ta' Lourdes 196

Marzu
25 It-Tħabbira tal-Mulej 202

Il-Ġimgħa qabel Hadd il-Palm — Il-Verġni mqaddsa Marija tad-Duluri 205

April
22 Il-Verġni mqaddsa Marija, Omm il-Kumpannija ta' Ġesù 205
26 Il-Verġni mqaddsa Marija, Omm il-Parir it-Tajjeb 207

Mejju
8 Il-Madonna ta' Pompej 207
Il-Verġni mqaddsa Marija, Kewkba tal-Baħar 209
Il-Patroċinju tal-Verġni mqaddsa Marija 213
13 Il-Verġni mqaddsa Marija ta' Fatima 222
24 Il-Verġni mqaddsa Marija tat-Triq 215
Il-Verġni mqaddsa Marija, Għajnuna ta' l-Insara 218
31 Iż-Żjara tal-Verġni mqaddsa Marija 223

Is-Sibt wara l-festa tal-Qalb ta' Ġesù — Il-Qalb bla tebgħa ta' Marija 226

L-aħħar Sibt — Il-Verġni mqaddsa Marija, Il-Qalb ta' Ġesù 228

Ġunju
22 Il-Manifestazzjoni tal-Madonna ta' Pinu 230

Lulju
8 Il-Verġni mqaddsa Marija tas-Sokkors 234
12 Il-Verġni mqaddsa Marija ta' Liesse 236
16 Il-Verġni mqaddsa Marija tal-Karmelu 237
23 Il-Verġni mqaddsa Marija, Omm il-grazzja divina 241

L-aħħar Sibt — Il-Verġni mqaddsa Marija lura mill-Eġittu għal Nazaret ma' Binha Ġesù u S. Ġużepp 241

Awissu
2 Il-Verġni mqaddsa Marija tal-Porzjunkola, ta' l-Anġli 244
5 Id-Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' S. Maria Maggiore 247
15 Il-Verġni mqaddsa Marija mtellgħa s-sema 249
22 Il-Verġni mqaddsa Marija Reġina 254

Settembru


4 Il-Verġni mqaddsa Marija tal-Konsolazzjoni jew taċ-Ċintura 256
8 It-twelid tal-Verġni mqaddsa Marija 261
Il-Verġni mqaddsa Marija tal-Provvidenza 263
L-isem ta' Marija 264
Il-Madonna tal-Grazzja 264
15 Il-Verġni mqaddsa Marija tad-Duluri 269
24 Il-Verġni mqaddsa Marija tal-Fidwa 269


Ottubru


7 Il-Verġni mqaddsa Marija tar-Ružarju 274
12 Il-Verġni mqaddsa Marija tal-Pilar 278
14 Il-Verġni mqaddsa Marija tas-Saħħa 279
20 Il-Verġni mqaddsa Marija "Mater Admirabilis" 279


Novembru


14 Il-Patroċinju tal-Verġni mqaddsa Marija 282
It-tieni Sibt Il-Verġni mqaddsa Marija tad-Dawl 282
21 Il-Presentazzjoni tal-Verġni mqaddsa Marija 283
27 Il-Verġni mqaddsa Marija tal-Midalja Mirakoluża 285


Diċembru


8 It-Tnissil bla tebgħa tal-Verġni mqaddsa Marija 289
10 Il-Verġni mqaddsa Marija ta' Loretu 292


Festi oħra


Il-Verġni mqaddsa Marija ta' l-Abbandunati 295
Il-Verġni mqaddsa Marija tal-Ġilju 295
Il-Verġni mqaddsa Marija ta' Guadalupe 295
Il-Verġni mqaddsa Marija tal-Hlas 295
Il-Verġni Mqaddsa Marija ta' l-Isperanza 295
Il-Verġni mqaddsa Marija tas-Samra 295